



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

21 ta' April 2017

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

522 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-25 u t-26 ta' Jannar 2017

2017/C 125/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Perikli u ostakli għas-Suq Uniku” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	1
2017/C 125/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tnedija ta' konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” (COM(2016) 127 final) . . .	10

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

522 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-25 u t-26 ta' Jannar 2017

2017/C 125/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali” (COM(2016) 593 final — 2016/0280 (COD)) u dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju” (COM(2016) 594 final — 2016/0284 (COD)) u dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni” (COM(2016) 596 final — 2016/0278 (COD))	27
---------------	--	----

2017/C 125/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ sistema ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-apparat ta’ kontroll tas-sigurtà tal-avjazzjoni” (COM(2016) 491 <i>final</i> – 2016/0236 (COD))	34
2017/C 125/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Qafas ta’ Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” (COM(2016) 468 <i>final</i> - 2016/0225 COD)	40
2017/C 125/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta’ minuri (riformulazzjoni)” (COM (2016) 411 <i>final</i> – 2016/019 (CNS))	46
2017/C 125/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv - Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits” (COM(2016) 587 <i>final</i>)	51
2017/C 125/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Riformulazzjoni)” (COM(2016) 590 <i>final</i> – 2016/0288 (COD))	56
2017/C 125/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika” (COM(2016) 591 <i>final</i> — 2016/0286 (COD))	65
2017/C 125/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali” (COM(2016) 589 <i>final</i> — 2016/0287 (COD))	69
2017/C 125/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — 5G għall-Ewropa: Pjan ta’ Azzjoni” (COM(2016) 588 <i>final</i>)	74
2017/C 125/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteciġazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b’mod konġunt minn bosta Stati Membri” (COM(2016) 662 <i>final</i> — 2016/0325 (COD))	80

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

522 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-25 U T-26 TA' JANNAR 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Perikli u ostakli għas-Suq Uniku”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2017/C 125/01)

Relatur: **Oliver RÖPKE**

Data tad-deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21.1.2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum
Adottata fis-sezzjoni	13.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	166/62/8

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Is-suq uniku huwa kisba ewlenija u huwa element ewlieni fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Għandu jkun il-bażi tal-prosperità fl-Ewropa. L-introduzzjoni tal-euro u l-Ftehim ta' Schengen kienu passi deċiżivi biex jiġi kkompletat is-suq uniku. Madankollu, it-tnejn qegħdin jiġu dejjem aktar taħt pressjoni, xi f'it minħabba interessi nazzjonali li ma jaħsbux fil-ġejjieni, u parti sinifikanti tal-popolazzjoni Ewropea li dejjem aktar qed tikkontestahom, parzjalment minħabba t-tħassib reali ta' ċittadini Ewropej.

1.2 Il-KESE dejjem kien favur, il-moviment liberu tal-merkanzija, s-servizzi, il-kapital, il-pagamenti u l-persuni u li jinżamm il-bilanċ meħtieġ bejn il-linji politiċi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Huwa essenzjali li nibqgħu fit-triq lejn il-konverġenza ekonomika u soċjali fost l-Istati Membri.

1.3 Għal żvilupp ulterjuri tas-suq uniku, għandhom jitneħħew ostakli bla bżonn, biex niżguraw it-tkabbir, l-impjiegi, il-prosperità fit-tul u ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna. Dan jikkonċerna b'mod partikolari ostakli tas-suq bħannuqqas ta' rikonoxximent ta' kwalifiki u diplomi, ir-restrizzjonijiet tekniċi fil-livell lokali, l-ostakoli regolatorji minħabba leġislazzjoni nazzjonali differenti, u l-koordinazzjoni inadegwata tas-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku fil-livell tal-UE.

1.4 Il-KESE huwa mħasseb billi s-suq intern tal-UE b'kemm kelli tkabbir mill-kriżi finanzjarja l hawn. L-ekonomija taż-żona tal-euro fil-fatt naqset b'1,6 % bejn l-2008 u l-2015. Min-naħa l-oħra, reġjuni ekonomiċi oħra tad-dinja, bħall-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Awstralja għaddew sew lill-UE fid-domanda domestika u t-tkabbir ekonomiku. Għaldaqstant huma meħtieġa sforzi qawwija biex l-Ewropa terġa' lura lejn l-oġettivi ta' politika tal-Istrateġija Ewropa 2020.

1.5 Il-KESE jenfasizza mill-ġdid l-importanza tal-mobilità transkonfinali għan-negozji u l-ħaddiema. Madankollu, ma għandux jintesa li hemm nuqqas ta' appoġġ għall-prinċipji tas-suq intern f'parti sinifikanti tal-popolazzjoni ġenerali. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija ż-żieda fir-riskju tat-tkomplija tal-prattiki iġusti u illegali fil-każ tal-forniment transkonfinali ta' servizzi. Riskju għoli ta' abbuż idgħajef il-fiduċja tal-ħaddiema u l-kumpaniji onesti fis-suq intern.

1.6 Għandhom jittieħdu azzjonijiet deċiżivi biex jilqgħu kontra dawn ix-xejriet u huwa importanti li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fl-interess tan-negozji wkoll. Suq intern li jaħdem sew jeħtieġ konformità mal-leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali fit-tweġiq tal-attivitajiet transkonfinali. Din hija r-raġuni għalfejn il-maġġoranza tal-membri tal-KESE għalhekk jappoġġjaw l-isforzi kollha biex tiġi indirizzata t-talba tal-President Juncker biex fl-UE l-istess xogħol fl-istess post ikun remunerat bl-istess mod fil-prattika.

1.7 Minkejja li s-suq uniku għandu bażi soċjali b'saħħitha fit-TFUE u fil-leġislazzjoni sekondarja, l-UE għandha tiżgura bilanċ aħjar bejn l-libertajiet tas-suq u d-drittijiet soċjali fundamentali fil-leġislazzjoni primarja. Dan biex jindirizza t-tħassib ta' ħafna nies li jħossu li l-interessi soċjali u r-rekwiżiti tagħhom fis-suq intern dejjem qed jiġu salvagwardati inqas.

1.8 Fil-prinċipju, il-KESE jilqa' l-fatt li qed tiġi vverifikata l-effiċjenza tal-liġi tal-UE. Din l-inizjattiva jista' jkollha rwol importanti fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv mhux meħtieġ meta l-istess qasam ikun soġġett għal-leġislazzjoni nazzjonali u reġjonali differenti. Huwa fl-interess tal-SMEs, li l-leġislazzjoni armonizzata tiġi eżaminata għan-neċessità tagħha. Il-KESE jenni l-pożizzjoni tiegħu li standards għolja ta' protezzjoni tal-konsumatur mhumiex piż bla bżonn.

1.9 Il-KESE jenfasizza l-fehma tiegħu li s-suq uniku diġitali għandu jkun prijorità politika minħabba l-potenzjal ta' tkabbir enormi tiegħu. L-inċertezzi legali eżistenti fil-qasam tal-impjiegi, l-ekonomija u l-affarijiet tal-konsumatur jeħtieġ li jkunu studjati u jitneħħew malajr. Il-Kummissjoni għandha timplimenta qafas legali ċar għal forum ġodda ta' ekonomija u mudelli ta' negozju ġodda fis-suq uniku, inklużi forum differenti ta' ekonomija kollaborattiva, bil-għan li tneħħi l-lakuni regolatorji. Il-leġislazzjoni applikabbli għandha tiġi rispettata bis-sħiħ u, b'mod partikolari, id-drittijiet tal-konsumaturi u tal-ħaddiema u l-kompetizzjoni ġusta.

1.10 Anke l-bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali għandha tibqa' fil-quċċata tal-aġenda peress li l-allokazzjoni aktar effiċjenti tal-kapital li dan iġib miegħu jista' jgħallha effetti pożittivi kemm għall-ekonomija u l-impjiegi kif ukoll għall-konsumaturi. L-għadd ta' żviluppi reċenti, bħall-Brexit, m'għandux iwassal għal dewmien bla bżonn jew kompromessi fl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjani.

1.11 Il-KESE jenni l-fehma tiegħu li lakuni fis-sistemi tat-taxxa jwasslu għal kompetizzjoni iġusta fis-suq intern. Għaldaqstant, huwa jappoġġja l-ħidma lejn bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva, ir-rappurtar skont il-pajjiż, kif ukoll l-isforzi li għaddejjin bħalissa biex jiġu indirizzati l-evitar tat-taxxa u r-rifuġji fiskali. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' rata komuni minima tat-taxxa korporattiva tikkostitwixxi komplement siewi għal dawn l-inizjattivi u twaqqaf il-ġirja lejn l-orħos rata tat-taxxa.

1.12 Is-servizzi pubbliċi, magħrufa wkoll bħala servizzi ta' interess ġenerali, jaqdu rwol importanti fil-qafas tal-ekonomija tas-suq soċjali u huma essenzjali għall-popolazzjoni. Is-servizzi ta' interess ġenerali huma parti mill-valuri komuni tal-UE u għandhom rwol fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u territorjali.

1.13 Dan ir-rwol tal-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali għandu jkun ikkunsidrat bħala parti mill-"prinċipji u l-kondizzjonijiet" li l-UE tista' tistabbilixxi għal dawn is-servizzi. Fil-kuntest tar-riformi pjanati tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-KESE jenfasizza l-Protokoll Nru 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, skont liema l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri jingħataw marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

1.14 Fil-kuntest tal-akkwist pubbliku, hemm bżonn azzjoni kontra Prattiki Inġusti, li jwasslu għal offerti taħt il-livell ġust, jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-paga minima fis-seħħ fid-dispożizzjonijiet u l-prattiki legali nazzjonali rispettivi u fl-aħħar mill-aħħar f'ħafna każijiet, jistgħu jirriżultaw f'ħafna spejjeż żejda. B'mod partikolari, għandu jkun hemm trasparenza dwar il-prezz u s-servizz tal-aħjar offerta u l-ispejjeż żejda li jistgħu jintalbu sussegwentement. L-għan għandu jkun li japplika l-prinċipju tal-aħjar offerta mhux tal-irħas offerta.

2. L-isfidi għas-suq uniku

2.1 L-integrazzjoni Ewropea għandha ssegwi l-għan li jinkiseb il-bilanċ meħtieġ bejn il-linji politiċi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-moviment liberu tal-merkanzija, is-servizzi, il-kapital, il-pagamenti u l-persuni għandu jiġi kkomplementat billi jiġu rrispettati d-drittijiet soċjali fundamentali inkorporati fit-Trattati tal-UE permezz tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Id-drittijiet soċjali fundamentali jridu jiġu infurzati fis-suq intern fil-prattika. Fl-istess ħin kwalunkwe xkiel żejjed persistenti fis-suq uniku għandu jitneħħa biex tiġi żgurata l-prosperità fit-tul u ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna.

2.2 Il-KESE fakkar kemm-il darba, l-aktar reċentament fl-Opinjoni tiegħu dwar "Naġġornaw is-Suq Uniku" ⁽¹⁾, li s-suq uniku huwa fattur ċentrali tal-integrazzjoni Ewropea, bil-potenzjal li jiġib benefiċċji tanġibbli u li jiġġenera tkabbir sostenibbli għall-ekonomija Ewropej.

2.3 Is-suq uniku huwa kisba kbira u għandu jipprovi s-sisien tal-prosperità Ewropea. It-tnejja tal-euro fiż-żona tal-euro u l-Ftehim ta' Schengen kienu mumentu kritiċi fit-triq lejn il-ħolqien ta' suq uniku komuni. Madankollu issa jinsabu taħt pressjoni kbira, u dan juri kemm huma differenti l-interessi tal-Istati Membri tal-UE. Sa ċertu punt, it-tehdid ta' deċizzjonijiet u s-sorveljanza għadhom iseħħu fuq livell nazzjonali.

2.4 Il-KESE jinnota li għad hemm ostakli sinifikanti għas-suq fil-forma ta' nuqqas ta' rikonossiment ta' kwalifiki u diplomi, kurrikula separati, restrizzjonijiet tekniċi lokali, ostakli regolatorji li jirriżultaw prinċipalment mill-frammentazzjoni tas-suq uniku minħabba oqfsa legali nazzjonali differenti, piżijiet amministrattivi bħall-konformità mar-regoli nazzjonali tat-taxxa u tad-dwana jew nuqqas ta' faċilitajiet tal-gvern elettroniku u nuqqas ta' koordinazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku fil-livell Ewropew.

2.5 Il-Kummissjoni tipproma timplimenta armonizzazzjoni sħiħa f'xi oqsma, li jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni eżistenti f'xi Stati Membri. Il-KESE jenfasizza li huwa oppona miżuri bħal dawn f'għadd ta' opinjonijiet. L-armonizzazzjoni sħiħa, fejn tiġi segwita mill-Kummissjoni, għandha tintlaħaq, iżda fl-istess ħin għandu jinżamm il-livell eżistenti ta' protezzjoni.

2.6 Iċ-ċittadini fl-Istati Membri qed iħossu aktar li l-Ewropa f'it qed taħdem biex tippoteġi l-istandards soċjali u tad-dħul jew biex tikseb ġustizzja fiskali u tariffi soċjali ġusti. Is-suq uniku għandu dimensjoni soċjali solida bbażata fuq it-TFUE u l-leġislazzjoni sekondarja tal-UE, iżda għandu jitqies bilanċ aħjar bejn il-politika tal-libertajiet ekonomiċi tas-suq u d-drittijiet soċjali fundamentali.

2.7 Il-miżuri ppreżentati skont il-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali għandhom jirriflettu l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni u jibnu fuq il-konvinzjoni li l-iżvilupp ekonomiku għandu jwassal għal aktar progress soċjali u koeżjoni u li, filwaqt li jiġu żgurati xbieki ta' sikurezza adatti f'konformità mal-valuri Ewropej, il-politika soċjali għandha wkoll titqies bħala fattur produttiv.

2.8 Minkejja l-bosta kisbiet tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, il-konverġenza ekonomika u soċjali reali bejn l-Istati Membri għadhom 'il bogħod, u hemm differenzi kbar fil-pagi u l-istandards soċjali. Il-pagi aktar baxxi eżistenti f'xi Stati Membri huma minħabba l-iżvilupp storiku u d-diversità naturali tas-suq intern estensiv Ewropew u jirriflettu l-livelli ta' produttività lokali u ħafna fatturi oħra inklużi l-interessi tal-investituri. Minkejja dan, għandha tingħata aktar attenzjoni għad-dumping soċjali li għandu jkun definit bħala Prattika illegali u abbużiva ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli fir-rigward tar-remunerazzjoni tax-xogħol jew il-ħlas tal-assigurazzjoni soċjali u tas-saħħa biex b'hekk jinkiseb vantaġġ inġust fuq il-kompetituri ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 177, 18.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ *Social dumping: political catchphrase or threat to labour standards?* — Magdalena Bernaciak, Dokument ta' Ħidma 2012, Istitut Ewropew għat-Trade Unions.

2.9 Minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja, jiġifieri matul il-perjodu mill-2008 sal-2015, it-tkabbir tas-suq uniku kien ta' 0,4 %, kważi l-ebda tkabbir f'termini reali. Fiż-żona tal-euro, is-suq uniku saħansitra naqas b'1,6 %. Il-parti l-kbira tar-reġjuni ekonomiċi l-oħra ħallew l-Unjoni Ewropea lura ħafna f'termini tad-domanda domestika (pereżempju, l-Istati Uniti + 8,8 %, l-Awstralja + 17,9 %, il-Ġappun + 3,8 %) ⁽³⁾. Il-miżuri maħsuba biex jagħtu spinta lid-domanda fis-suq uniku bħalma huma l-Pjan Ewropew għall-Investimenti bil-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, għad ma kellhomx l-effett meħtieġ.

2.10 Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-oġġettivi soċjali u tal-impjiegi tal-Istrateġija Ewropa 2020 ibbażati fuq it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ma jstgħux jintlaħqu ⁽⁴⁾. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-implimentazzjoni kajmana ta' riformi strutturali importanti u n-nuqqas ta' domanda fis-suq uniku s'issa wasslu għall-effett oppost: ir-rata ta' impjeg naqset minn 70,3 % fl-2008 għal 69,2 % fl-2014. Madankollu, għandha tilħaq il-75 % sal-2020. Minflok it-tnaqqis tal-għadd ta' persuni milquta mill-faqar u l-esklużjoni soċjali b'20 miljun sal-2020, dan żdied b'4,9 miljuni fl-2014. Barra minn hekk, sal-aħħar tal-2015, kien hemm sitt miljun persuna oħra qiegħda fl-UE aktar milli qabel il-kriżi.

2.11 Aspett ieħor importanti fl-istrateġija Ewropa 2020 huwa l-edukazzjoni. Il-KESE jilqa' l-fatt li s-sehem tal-popolazzjoni li ħalliet l-edukazzjoni u t-taħriġ bikri naqas minn 14,2 % fl-2008 għal 11 %. Il-kisba tal-edukazzjoni terzjarja ukoll tġiebet u żdiedet minn 31,3 % għal 38,7 % bejn l-2008 u l-2015. Il-KESE laqa' l-istrateġija dwar il-ħiliet tal-Kummissjoni Ewropea u josserva li livell għoli ta' kwalifiki huwa indispensabbli biex jattira kumpaniji u biex jinħolqu impjiegi ġodda.

2.12 Il-ħruġ tar-Renju Unit jirrappreżenta sfida kbira għas-suq uniku Ewropew. Il-KESE jirrakkomanda li n-negozjati futuri jkunu bbażati fuq ir-rispett lejn il-valuri fundamentali tas-suq uniku, mingħajr ma jkun permess li jintgħażel dak li jaqbel.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 *L-impjeg indipendenti u l-mobbiltà tal-ħaddiema fis-suq uniku*

3.1.1 Il-mobbiltà tax-xogħol tista' tkun importanti biex il-kumpaniji jkollhom aċċess għall-ħaddiema tas-sengħa, għal dawk li jaħdmu għal rashom u biex il-ħaddiema jkollhom opportunitajiet ta' xogħol, aċċess għal ħiliet ġodda u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Madankollu, għad hemm ostakli kbar.

3.1.2 Studju li jeżamina l-ostakli u l-ispejjeż ⁽⁵⁾ juri li minbarra l-iffrankar tal-ispejjeż għas-servizzi amministrattivi, iċ-ċittadini u n-negozji, is-servizzi interoperabbli tal-gvern elettroniku huwa mistenni li jkollhom impatt partikolarment kbir fir-rigward tal-mobbiltà tal-ħaddiema. It-titjib tar-rikonoxximent ta' lawrji professjonali huwa kruċjali kemm biex il-kumpaniji kif ukoll il-ħaddiema jaqsmu l-fruntieri.

3.1.3 Fl-opinjoni tiegħu dwar "L-abbuż mill-istatus ta' persuna li taħdem għal rasha" ⁽⁶⁾, il-KESE enfażizza li l-impjeg indipendenti fittizju jista' jwassal għall-evazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-evazzjoni tat-taxxa u l-abbuż mid-drittijiet tax-xogħol u xogħol mhux iddikjarat, u għandu għalhekk jiġi eliminat. F'dan ir-rigward il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pjattaforma Ewropea dwar ix-xogħol mhux dikjarat, li diġà hija stabbilita, bħala pass fid-direzzjoni t-tajba ⁽⁷⁾.

3.1.4 L-għan ta' din il-pjattaforma hu li tipprevjeni u tiskoraġġixxi x-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri, bħall-ispettorati tax-xogħol, l-awtoritajiet tat-taxxa u s-sigurtà soċjali. Din il-kooperazzjoni tinkludi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-prevenzjoni u l-miżuri ta' skoraġġiment, l-identifikazzjoni ta' prinċipji komuni għall-ispezzjonijiet ta' min iħaddem, il-promozzjoni ta' skambji tal-persunal u t-taħriġ konġunt u l-iffaċilitar ta' azzjonijiet ta' kontrolli konġunti.

⁽³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, DG ECFIN, bażi ta' data Ameco.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea – Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, 3 ta' Marzu 2010, COM(2010)2020 final.

⁽⁵⁾ "Reducing costs and barriers for businesses in the Single Market" (It-tnaqqis tal-ispejjeż u l-ostakli għan-negozji fis-Suq Uniku), studju tal-Kumitat IMCO tal-PE, DG għall-politiki interni.

⁽⁶⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14.

⁽⁷⁾ COM (2014) 221 final, Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat.

3.1.5 Ħafna ħaddiema illum jitqiesu bħala “fornituri ta’ servizzi li jaħdmu għal rashom” u mhux impjegati, kif kien il-każ fil-passat. Dawn il-persuni ma għandhomx kuntratt ta’ impjieg minħabba li jaħdmu għal rashom skont l-istatus tagħhom b’impjieg indipendenti. F’relazżjoni ta’ impjieg bħal din, f’ħafna każijiet m’hemmx bżonn il-konformità mal-liġi nazzjonali tax-xogħol. Kriterji ċari u vinkolanti għandhom jintużaw biex jiġi vvalutat jekk xi ħadd ikunx fil-fatt impjegat jew jaħdimx għal rasu b’mod ġenwin. Għal din ir-raġuni, il-KESE kkritika l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar kumpaniji privati b’responsabbiltà limitata b’membri uniku bħala proposta “li teħtieġ żvilupp ulterjuri”⁽⁸⁾. Din tpoġġi l-mikrointrapriżi, l-SMEs u dawk li ġenwinament jaħdmu għal rashom partikolarment taħt pressjoni.

3.2 Is-suq uniku u l-istazzjonar tal-ħaddiema

3.2.1 Id-Direttiva tal-1996 tistabbilixxi l-qafas regolatorju tal-UE biex jintlaħaq bilanċ ġust bejn l-għanijiet li jiġi promoss u ffaċilitat il-forniment transkonfinali tas-servizzi, il-ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati u l-iżgurar tal-kundizzjonijiet indaqs bejn il-kompetituri barranin u dawk lokali.

3.2.2 Id-Direttiva dwar l-infurzar⁽⁹⁾ tal-2014 tippovdi għal strumenti ġodda u msaħħa biex tiġġieled u tissanzjona l-evażjoni, il-frodi u l-abbużi u tikkomplementa d-Direttiva 96/71/KE u tikkontribwixxi għal qafas kumpless aktar effettiv għall-istazzjonar tal-ħaddiema.

3.2.3 Il-KESE reċentament adotta opinjoni separata li tirrifletti l-proposta tal-KE dwar reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema u li tikkummenta fuq il-bidliet u l-proposti ewlenin⁽¹⁰⁾ fuq il-bażi tat-talba li saret mill-President Juncker, fil-linji gwida politiċi tiegħu għall-Kummissjoni li jmiss, biex: “fl-Unjoni tagħna, l-istess xogħol fl-istess post għandu jitħallas bl-istess mod⁽¹¹⁾”.

3.2.4 Fl-Opinjoni tiegħu dwar “Mobilità iżjed ġusta tal-forza tax-xogħol fi ħdan l-UE”⁽¹²⁾, il-KESE ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindirizza prattiki inġusti li jwasslu għal dumping soċjali. Din il-problema qed issir dejjem aktar urġenti billi eżempji prattiċi mill-Istati Membri juru li r-riskju ta’ dumping soċjali u tal-pagi jiżdied sew fil-kuntest transkonfinali. Kontrolli mill-BUAK⁽¹³⁾ fl-Awstrija urew li, mis-7 238 impriża Awstrijaka spezzjonati fl-2015, 38 kienu suspettati li mhux qed iħallsu biżżejjed lill-impjegati tagħhom skont il-liġi dwar il-ġlieda kontra d-dumping soċjali u tal-pagi. Dan ifisser li 0,53 % tan-negozji kienu suspettati li mhux qed iħallsu biżżejjed lill-impjegati tagħhom. Fl-istess perjodu, saru kontrolli fuq 1 481 negozju li joperaw fl-Awstrija imma bbażati f’pajjiżi oħra tal-UE. Minn dawn in-negozji, 398 kienu suspettati li mhux qed iħallsu biżżejjed lill-impjegati tagħhom, jiġifieri kien hemm dumping tal-pagi. Dan jammonta għal 26,87 %.

3.2.5 Fil-każ tal-kumpaniji barranin li joperaw fuq bażi transkonfinali u li jużaw ħaddiema stazzjonati, il-probabbiltà ta’ dumping tal-pagi hija 50 darba ogħla minn dik ta’ fornituri lokali. Dan għandu jkun ta’ twissija dwar (in-nuqqas ta’) funzjonament tas-suq uniku. Ir-riskju għoli ta’ abbuż idgħajef ħafna l-fiduċja tal-ħaddiema Ewropej fis-suq intern.

3.2.6 Problema oħra hija l-istazzjonar fittizju tal-ħaddiema. Każijiet li jinvolvu l-istazzjonar fittizju ta’ ħaddiema, jiġifieri l-abbuż permezz ta’ ċertifikati tal-istazzjonar A1 foloz, huma indikattivi tad-diffikultajiet kkawżati minn attestazzjonijiet, ċertifikati jew dokumenti simili maħruġa uffiċjalment jew minn korpi pubbliċi. Dan jagħmilha aktar diffiċli għall-mikrointrapriżi, l-SMEs u l-ħaddiema tas-sengħa biex jikkompetu ma’ kompetituri oħrajn li jaġixxu b’mod żleali. Għaldaqstant l-istazzjonar fittizju tal-ħaddiema għandu jiġi eliminat.

3.2.7 Dan l-aħħar il-Kummissjoni pproponiet modifika għar-Regolament (KE) Nru 883/04 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Il-KESE ser jadotta opinjoni separata b’konformità ma’ talba tal-Kummissjoni Ewropea fejn qed tistenna l-iżvilupp ta’ sistema modernizzata ta’ koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali li twieġeb għar-realtà soċjali u ekonomika fl-Istati Membri u b’rispett lejn il-prinċipji tal-liġi tal-UE, b’mod partikolari dawk li jikkonċernaw it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni.

⁽⁸⁾ ĠU C 458, 19.12.2014, p. 19.

⁽⁹⁾ Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta’ ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta’ servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-koooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (“ir-Regolament tal-IMI”) (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11-31).

⁽¹⁰⁾ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 81.

⁽¹¹⁾ Diskors tal-ftuħ waqt is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew fi Strasburg, 15 ta’ Lulju 2014.

⁽¹²⁾ ĠU L 264, 20.7.2016, p. 11.

⁽¹³⁾ Austrian Construction Workers Leave and Severance Pay Fund, Annual statistics 2015.

3.2.8 Il-KESE jieħu nota tal-proposta ta' passaport ta' servizzi (jew karta ta' identità ta' servizzi), li għandu jelimina l-bżonn ta' diversi talbiet għal informazzjoni u dokumentazzjoni diġà pprovduti lill-Istat Membru tal-orijini, permezz tal-ħolqien ta' repożitorju komuni ta' dokumenti elettroniċi. Il-KESE jopponi kull dgħjufija tal-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni. Huwa se jiżviluppa opinjoni separata dwar dan.

3.3 *Ir-REFIT u r-regolamentazzjoni aħjar*

3.3.1 Fil-prinċipju, miżuri biex jivverifikaw jekk ir-regolamentazzjoni tal-UE hix effettiva, għandhom ikunu milqugħa. Ftehim interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jista' jipprovi arranġament utli li jagħmilha aktar faċli biex jintlaħaq l-għan ta' regolamentazzjoni tal-UE aktar sempliċi u effettiva. F'termini ta' kooperazzjoni, madankollu, għandu jiġi żgurat li l-istandards legali Ewropej li joffru benefiċċji ta' politika soċjali jew ekonomika jkunu protetti u mhux ikkontestati.

3.3.2 L-SMEs huma affettwati kemm bħala konsumaturi kif ukoll bħala ħaddiema. Skont il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" huwa partikolarment importanti li jiġu evitati piżijiet mhux meħtieġa fuq l-SMEs. Tinħtieġ politika ta' protezzjoni tal-konsumatur, ibbażata fuq livell għoli ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 169 TFUE, għall-funzjonament xieraq tas-suq intern.

3.3.3 Ir-REFIT jista' wkoll ikollha rwol importanti biex jitnaqqsu l-ispejjeż regolatorji li huma applikati meta l-istess qasam ikun soġġett għal regoli reġjonali differenti. L-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni tista' tirriżulta f'iffrankar sinifikanti tal-ispejjeż u tippromovi t-tkabbir fir-reġjuni tal-UE billi jitneħħew dawn l-ostakoli. Għalhekk għandha tiġi eżaminata biex jiġi vverifikat jekk hijiex fattibbli.

3.3.4 Ħafna mill-atti legiſlattivi li għandhom jiġu eżaminati fil-qafas tal-programm REFIT biex titnaqqas il-burokrazija jikkonċernaw regoli ġuridiċi li jħarsu l-istandards tal-impjegati u tal-konsumatur, u għalhekk huma ta' benefiċċju soċjopolitiku u ekonomiku konsiderevoli. Il-KESE jisħaq mill-ġdid dwar il-fehma tiegħu li standards għoljin għall-konsumatur mhumiex piż bla bżonn.

3.3.5 Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2014⁽¹⁴⁾ u jtenni l-pożizzjoni tiegħu li r-regolamentazzjoni intelliġenti ma tneħħix l-obbligu li jkunu osservati r-regoli dwar il-protezzjoni taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-ħaddiema kif ukoll l-istandards għall-ugwaljanza bejn is-sessi jew ir-regoli dwar il-protezzjoni ambjentali. Barra minn hekk, il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" m'għandux iwassal biex il-mikrointrapriżi u l-SMEs jiġu eżentati mil-leġislazzjoni, għalkemm il-leġislazzjoni għandha tikkunsidra l-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom.

3.3.6 Ir-rifjut tal-Kummissjoni li tkompli bl-inizjattiva legiſlattiva ppjanata dwar il-parrukkiera, minkejja li hemm qbil fost l-imsieħba soċjali Ewropej dwar din il-kwistjoni, huwa kompletament inkomprensibbli. L-approċċ tal-Kummissjoni jmur kontra l-prinċipji u l-valuri tad-djalogo soċjali, il-konformità mal-prinċipju tar-rappreżentattività, u huwa estremament limitat, minħabba li nuqqas ta' regolamentazzjoni fil-qasam tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jista' jwassal għal mard okkupazzjonali u b'hekk għal spejjeż konsiderevoli kemm għan-negozji kif ukoll għas-settur pubbliku.

3.3.7 Il-KESE jenfasizza d-dikjarazzjoni komuni tal-imsieħba soċjali Ewropej dwar bidu ġdid għal djalogo soċjali bbażat fuq l-eżiti tal-gruppi tematiċi li jsemmi l-interazzjoni bejn id-djalogo soċjali tal-UE u l-approċċ għar-regolamentazzjoni aħjar.

3.3.8 Il-KESE jilqa' t-tnedija ta' djalogo fil-pjattaforma REFIT li nħolqot reċentement. Barra mill-objettiv li jkun iktar faċli biex isir in-negozju u jiġu salvagwardati l-istandards għall-ħaddiema, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-esperti tal-Pjattaforma għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-konsumaturi jiġu protetti fl-isforzi tagħhom biex jissemplifikaw il-liġi tal-UE.

3.4 *L-ekonomija diġitali, forom ġodda tal-ekonomija u mudelli ġodda tan-negozju*

3.4.1 Is-suq uniku diġitali għandu jkun wieħed mill-prijoritajiet, minħabba l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu jekk jitlestas suq uniku f'dan il-qasam. Il-qligħ potenzjali tal-PDG mit-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali, huwa stmat għal EUR 415-il biljun⁽¹⁵⁾ fis-sena.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 230, 14.7.2015, p. 66.

⁽¹⁵⁾ L-istudju "Reducing Costs and Barriers for Businesses in the Single Market".

3.4.2 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-inċertezzi legali eżistenti fil-qasam tal-impjeg, fl-oqsma ekonomiċi u tal-konsumaturi jeħtieġ li jiġu analizzati u indirizzati. Hawnhekk għandhom jitqiesu l-ħarsien soċjali u tax-xogħol u l-istandards tal-protezzjoni tal-konsumatur eżistenti u jiġi żgurat qafas legali affidabbli għan-negozju. M'għandux ikun hemm regoli differenti bejn id-dinja "kollha diġitali" u d-dinja "mhux diġitali" fis-suq uniku diġitali. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi standards legali li jistgħu jintużaw għas-suq uniku diġitali u mhux diġitali.

3.4.3 Fl-Opinjoni tiegħu dwar "l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat" ⁽¹⁶⁾, il-KESE jilqa' l-proposta għal Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku, kemm għal kumpaniji kif ukoll għal konsumaturi, bħala element indispensabbli tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali (DSM). Dan huwa, madankollu, pass żgħir u mhux se jwassal għal tibdil sinifikanti. Il-prattika tal-imblukkar ġeografiku, jiġifieri diskriminazzjoni f'termini tal-aċċess tal-konsumaturi għal servizzi online fuq il-bażi tar-residenza, l-indirizz ġeografiku tal-Internet jew in-nazzjonalità tagħhom, għandha tintemm. Id-direzzjoni mill-ġdid tal-konsumaturi lejn sit web lokali bi prezzijiet oġhla tikkostitwixxi wkoll diskriminazzjoni fis-suq uniku. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li COMPET f'Novembru 2016 diġà laħaq l-approċċ ġenerali għat-test propost u jenfassizza b'mod ċar li huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn id-diskriminazzjoni tal-prezzijiet u d-divrenzjar tal-prezzijiet.

3.4.4 Foqasma bħalma huma l-imblukkar ġeografiku, il-konsenja transkonfinali tal-pakketti, l-assigurazzjoni transkonfinali, il-liċenzjar tad-drittijiet tal-awtur u s-swieq finanzjarji għandu jitqies li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri huma prinċipalment responsabbli biex jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ transfrontiera u biex jiġi żgurat funzjonament aħjar tas-suq.

3.4.5 Il-fluss liberu tad-data jitlob protezzjoni akbar tad-data personali u tal-privatezza li se tkun kruċjali fil-ġejjieni, u għandha tingħata konsiderazzjoni għal politika koerenti dwar il-big data, is-servizzi tal-cloud u l-Internet tal-oġġetti.

3.4.6 Id-diġitalizzazzjoni dejjem tiżdied tal-ekonomija toħloq mudelli ta' negozju ġodda, tiftaħ opportunitajiet ġodda, iżda toħloq ukoll sfidi ġodda. Il-KESE kellu diskussjonijiet fil-fond dwar dan il-fenomeni ġdid li wasslu għal għadd ta' opinjonijiet ⁽¹⁷⁾.

3.4.7 Il-Kummissjoni għandha wkoll tavvanza bil-proposta tagħha għal portal diġitali uniku, biex dan l-istrument isir verament effettiv.

3.4.8 L-intraprenditorija soċjali u kollaborattiva hija kruċjali għall-koeżjoni soċjali, sabiex tiżgura tkabbir ekonomiku effiċjenti u sostenibbli għaċ-ċittadini Ewropej. Il-KESE għal darb'oħra jħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq firxa sħiħa ta' miżuri ta' politika indispensabbli sabiex, fil-livell tal-UE u fid-diversi Stati Membri, il-forom u l-modi differenti tal-ekonomija kollaborattiva jkunu appoġġati, implimentati, u jakkwistaw kredibilità u fiduċja ⁽¹⁸⁾.

3.5 Il-*ħolqien ta' suq uniku għall-kapital*

3.5.1 Fl-2015, il-Kummissjoni ħabbret Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni Ewropea tas-Swieq Kapitali. Il-Kumitat ⁽¹⁹⁾ jemmen li din l-Unjoni għandha tipprijorizza l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja li hija tassew importanti għall-UE u għandha twassal għal allokkazzjoni tal-kapital li tkun aħjar u aktar effiċjenti, b'impatt pożittiv kemm fuq l-investment u t-tkabbir kif ukoll fuq l-impjeg u l-konsumaturi. Preċedentement il-Kumitat ⁽²⁰⁾ esprima wkoll it-tħassib tiegħu li r-riżultat aħħar ser idum biex jinkiseb, u fid-dawl ta' għadd ta' żviluppi reċenti bħal Brexit, u oħrajn imsemmija hawn fuq (fil-punt 2), dan it-tħassib jista' biss ikompli jizjed.

3.5.2 Il-pjan ta' azzjoni jinkludi mill-inqas 33 miżura li għandhom jiġu implimentati f'diversi oqsma fuq il-perjodu qasir u fit-tul, inklużi proposti biex jissaħħu s-swieq ta' titolizzazzjoni. B'dan il-mod, jistgħu jkunu disponibbli fondi addizzjonali, partikolarment għall-SMEs u għall-unitajiet domestiċi. Il-Kumitat ⁽²¹⁾ jappella biex dawn il-miżuri jiġu implimentati fil-perjodu qasir, waqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sigurtà, it-trasparenza u l-infurzar. Bi tħassib simili għas-sigurtà u l-istabbiltà, il-Kumitat ⁽²²⁾ iddikjara f'diversi okkażjonijiet li l-entitajiet mhux bankarji għandhom jiġu indirizzati u regolati.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 93.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 57, ĠU C 303, 19.8.2016, p. 28, ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 86; ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36.

⁽¹⁹⁾ ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, (punti 1.2.1.3. u 1.7.2).

⁽²⁰⁾ ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, (punt 1.12).

⁽²¹⁾ ĠU C 82, 3.3.2016, p. 1, (punti 1.2, 1.6. u 1.7).

⁽²²⁾ ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, (punt 1.9 u 3.8); ĠU C 251, 31.7.2015, p. 33, (punti 1.5 u 4.2).

3.5.3 Ir-regolazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE u l-infurzar tagħhom ma kinux biżżejjed biex jipprevjenu operazzjonijiet spekulattivi, dejn eċċessiv u teħid ta' riskju irresponsabbli li wasslu għall-kriżi finanzjarja b'konsegwenzi serji għas-soċjetà kollha kemm hi. Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni biex tressaq proposta rigward dejn żejjed ta' unitajiet domestiċi privati.

3.6 *Politika tat-tassazzjoni*

3.6.1 Kif kien saħaq il-KESE fl-2012 fir-rapport tiegħu dwar "Ostakli għas-Suq Uniku Ewropew", il-lakuni fil-politika tat-tassazzjoni jwasslu għal kompetizzjoni inġusta. Il-pjani tal-Kummissjoni Ewropea għal bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva għandhom jintlaqgħu tajjeb. Il-KESE waqqaf grupp ta' studju dwar din il-kwistjoni. Sabiex titwaqqaf it-tellieqa l-isfel dwar it-taxxa korporattiva u biex tinkiseb politika fiskali aktar ġusta, tista' wkoll tiġi prevista l-possibiltà tal-introduzzjoni ta' rata minima tat-taxxa korporattiva.

3.6.2 L-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet fiskali bejn l-Istati Membri u passi legali biex jitwaqqfu l-aktar metodi komuni użati biex ikun evitat li titħallas it-taxxa għandhom jiġu milqugħa. Talba ewlenija hawnhekk hija li, f'kull pajjiż, jiġi introdott rekwiżit ta' rappurtar għan-negozji li joperaw b'mod transkonfinali mingħajr ma jiżiedu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

3.6.3 Għandha tittieħed ukoll azzjoni kontra r-rifugi fiskali. F'seduta tal-Parlament Ewropew, Joseph Stiglitz, ekonomista u rebbeħ tal-Premju Nobel, appella għal azzjoni globali kontra dawn is-sistemi ta' evażjoni tat-taxxa⁽²³⁾. L-akkademiku Franċiż Gabriel Zucman stima li madwar EUR 5 800 biljun tal-assi finanzjarji jinsabu f'rifugi fiskali madwar id-dinja, li 80 % minnhom mhumiex intaxxati⁽²⁴⁾. Il-Kummissjoni issa qed tisuġġerixxi miżuri fuq livell internazzjonali sabiex jiġu indirizzati r-rifugi fiskali.

3.6.4 Bħala l-ewwel pass, għandu jiġi żgurat li jiġu implimentati ftehimiet ta' assistenza reċiproka u li jitwettaq l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi individwali. Għall-kumpaniji multinazzjonali, għandu jiġi kkunsidrat netwerk internazzjonali ta' awditjar tat-taxxa. Fil-każ ta' trasferimenti ta' assi u kapitali lejn pajjiżi kklassifikati bħala rifugi fiskali, punt ta' tluq jista' jkun li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu obbligati jirrapportaw dwar it-trasferimenti li jkunu qed jagħmlu⁽²⁵⁾.

3.7 *Servizzi ta' interess ġenerali, id-Direttiva dwar is-Servizzi*

3.7.1 Il-KESE diġà enfasizza l-ostakli eżistenti fis-settur tas-servizzi fir-rapport tiegħu tal-2012 dwar l-ostakli għas-suq uniku. Il-Kummissjoni sabet li ħafna Stati Membri mhumiex qed jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-UE bil-miżuri regolatorji, li jagħmluha diffiċli għall-Kummissjoni li tivvaluta jekk regola ġdida hix ġustifikata u proporzjonata.

3.7.2 Għalhekk il-Kummissjoni qed tippjana li tirriforma l-proċedura ta' notifika, li issa għandha tapplika wkoll għas-servizzi li bħalissa huma esklużi mill-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-Kummissjoni għandha tieħu f'isieb li l-proposti ma jkunux imfassla b'tali mod li joħolqu dubju dwar is-sovranità jew il-prinċipju demokratiku tal-Istati Membri.

3.7.3 Is-servizzi ta' interess ġenerali, għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija tas-suq soċjali. Għaċ-ċittadini huwa kruċjali li jkun hemm akkomodazzjoni, ilma u enerġija, servizzi tad-drenaġġ u tar-rimi tal-iskart, trasport pubbliku, kura tas-saħħa, servizzi soċjali, servizzi għaż-żgħażaġh u għall-familji, kultura u komunikazzjoni. Is-servizzi ta' interess ġenerali għandhom post fost il-valuri komuni tal-UE u jaqdu rwol fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u territorjali. Dan ir-rwol tal-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali għandu jkun ikkunsidrat bħala parti mill-"prinċipji u l-kondizzjonijiet".

3.7.4 Fir-rigward tar-riforma pjanata tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-KESE jenfasizza l-protokoll Nru 26 tat-Trattat tal-UE dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, l-interpretazzjoni legalment vinkolanti tal-Artikolu 14 tat-TFUE, li jikkostitwixxi l-interpretazzjoni legalment vinkolanti tal-Artikolu 14 tat-TFUE: l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skont is-sitwazzjoni kulturali, soċjali u ġeografika differenti. Fir-rigward ta' dawn is-servizzi, li għandhom isiru disponibbli skont il-ħtiġijiet tal-utenti, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' kwalità, sikurezza, affordability u trattament ugwali u għandhom jiġu promossi l-aċċess universali u d-drittijiet tal-utenti, u tiġi żgurata l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba tagħhom fl-istess ħin.

⁽²³⁾ Ara, il-Kamra tal-aħbarijiet tal-Parlament Ewropew, Ref. 20161114STO51063 tas-17.11.2016.

⁽²⁴⁾ Ara *Steueroasen: wo der Wohlstand der Nationen versteckt wird* (Ir-rifugi fiskali: fejn huwa moħbi l-ġid tan-nazzjonijiet), Gabriel Zucman, 2014, Suhrkamp-Verlag.

⁽²⁵⁾ ĠU L 264, 20.7.2016, p. 93.

3.8 *L-akkwist pubbliku*

3.8.1 Fir-rigward tal-akkwist pubbliku, ma hemm l-ebda statistika dwar l-ispejjeż effettivi meta mqabbla mal-ispejjeż mressqa mill-aħjar offerent fil-proċess tas-sejħa għall-offerti. F'ħafna każijiet, hemm spejjeż ogħla sinifikanti ⁽²⁶⁾.

3.8.2 Spiss, l-offerenti rebbieħa joperaw b'mod inġust, ibaxxu l-ispejjeż tal-offerti tagħhom taħt prezz ġust u jużaw sottokuntratturi mhux affidabbli. Sussegwentement, spiss ikun hemm spejjeż ta' segwitu, li jaqbuż l-prezz tat-tieni jew it-tielet l-aħjar offerent.

3.8.3 Sabiex jitrażżan dan il-fenomeni, bosta miżuri huma meħtieġa: l-introduzzjoni ta' proċess ta' akkwist elettroniku għandu johlq kapaċità ta' ġbir ta' statistika li għandha tagħmilha possibbli li tidentifika l-offerenti b'offerti baxxi u tinkoraġġixxi lil dawk responsabbli biex jaġixxu b'mod pożittiv. Fil-qafas tal-istħarriġ statistiku, il-prezz tal-aqwa offerta u l-ispejjeż reali sussegwenti mġarrba għandhom ikunu rreġistrati ċentralment sabiex tinholq it-trasparenza rigward l-ispejjeż żejda possibbli. Offerti bbażati fuq prezzijiet li ma jilhqax ir-rekwiżiti minimi kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali rispettivi għandhom jiġu esklużi mill-proċess sabiex tiġi l-possibbiltà li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-istandards ta' kwalità.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽²⁶⁾ Il-każ tal-Ajruport ta' Berlin, il-proġett Skylink tal-Ajruport ta' Vjenna jew l-istazzjon ferrovjarju ta' Stuttgart.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Tnedija ta’ konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali”

(COM(2016) 127 final)

(2017/C 125/02)

Relaturi: **Jacek KRAWCZYK**

Gabriele BISCHOFF

Luca JAHIER

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 8.3.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	10.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni	247/1/2
(favur/kontra/astensjonijiet)	

Kelmtejn ta’ qabel

Artikolu 3 tat-TUE: “L-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq it-*tkabbir ekonomiku bilanċjat, l-istabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq b’kompetittività għolja, u jimmiraw li kulħadd jaħdem għall-progress soċjali, b’livell għoli ta’ protezzjoni u ta’ titjib tal-kwalità ta’ l-ambjent.*”

Din l-Opinjoni tistabbilixxi l-kontribut inizjali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-tfassil ta’ dak li eventwalment jista’ jkun il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Tislet mid-diskussjonijiet rikki u diversi mit-28 dibattitu nazzjonali organizzati mill-Kumitat, li huwa jemmen li jipprovdu l-valur miżjud ta’ din l-Opinjoni. Il-Kumitat jenfasizza li l-Pilastru għandu jkun żviluppat bl-involviment b’saħħtu tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, fil-livelli kollha. Huwa jenfasizza l-bżonn għal aktar ċarezza fir-rigward ta’ x’inhuwa ntiż li jkun fl-aħħar mill-aħħar il-Pilastru u fid-definizzjoni tal-ambitu tiegħu.

Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-Pilastru għandu joffri proġett pożittiv għal kulħadd u għandu japplika għall-Istati Membri kollha, filwaqt li jirrikonoxxi li ż-żona tal-Euro jista’ jkollha bżonn strumenti/mekkaniżmi partikolari. Il-Kumitat jemmen li l-Futur tax-Xogħol — bl-opportunitajiet u l-isfidi kollha li dan jippreżenta — għandu jkun prijorità prinċipali fid-dibattiti dwar il-Pilastru.

1. Introduzzjoni

1.1 Wara t-talba mill-President tal-Kummissjoni Ewropea lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għal kontribut tal-KESE għall-konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (“EPSR”) ⁽¹⁾, il-Kumitat ħa sehem f’konsultazzjonijiet wiesgħa tas-soċjetà ċivili ⁽²⁾ fit-28 Stat Membru. B’kolloxx, madwar 116-il membru tal-KESE u kważi 1 800 rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ħadu sehem f’dawn id-dibattiti nazzjonali.

1.2 L-opinjoni tal-KESE dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tirrifletti u tintegra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali ta’ dawn id-dibattiti nazzjonali. Il-Kumitat jinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tesprimi għadd ta’ prinċipji essenzjali biex tappoġġja swieq tax-xogħol u sistemi ta’ għajna soċjali ġusti u li jaħdmu tajjeb ⁽³⁾ u jikkunsidra l-EPSR bħala inizjattiva importanti ħafna għas-sostenibbiltà tal-UE. F’dan il-kuntest, din l-Opinjoni tal-KESE għandha tikkostitwixxi l-ewwel pass fi proċess kontinwu lejn l-istabbiliment ta’ EPSR. Il-Kumitat jistqarr l-intenzjoni tiegħu

⁽¹⁾ Ittra mis-Sur JUNCKER, President tal-Kummissjoni Ewropea lil Sur DASSIS, il-President tal-KESE, bid-data tat-8 ta’ Marzu 2016.

⁽²⁾ Skont it-terminoloġija tal-KESE, it-terminu “soċjetà ċivili” jirreferi għas-“soċjetà ċivili organizzata u rappreżentattiva”. Ara l-opinjoni ĠU C 329, 17.11.1999, p. 30 u ĠU C 193, 10.7.2001, p. 117.

⁽³⁾ Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 1.

li jkompli jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett, b'mod partikolari wara l-adozzjoni tal-White Paper tal-Kummissjoni fl-2017.

2. Sfidi u prijoritajiet

2.1 Fl-2017, l-Unjoni Ewropea ser tiċċelebra s-60 anniversarju mill-iffirmar tat-Trattat ta' Ruma. Dan l-anniversarju importanti joffri l-okkażjoni biex niċċelebraw il-kisbiet tal-UE, iżda għandu jkun ukoll l-okkażjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi politiċi, ekonomiċi u soċjali ewlenin tal-Ewropa. Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea naqset f'ħafna Stati Membri. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-Unjoni probabbli se tara Stat Membru jinfired minnha.

2.2 Mix-xokk tal-kriżi finanzjarja tal-2008 'l hawn, l-Unjoni Ewropea kompliet tesperjenza sensiela ta' kriżijiet sussegwenti. Għalkemm is-sitwazzjonijiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor u kien hemm reazzjonijiet ta' politika differenti, illum l-UE qed tiffaċċja bosta sfidi li jinkludu: perjodu twil ta' qgħad għoli, livelli inaċċettabbli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, instabilità ekonomika u deterjorament fis-sitwazzjoni soċjali, inklużi livelli ogħla ta' faqar u ta' inugwaljanza. Ma' dan nistgħu nżidu l-globalizzazzjoni, l-iżviluppi demografiċi u d-diġitalizzazzjoni. In-nuqqas ta' kapaċità tal-Unjoni li tindirizza b'mod adegwat l-influss ta' persuni li jfittxu l-asil u ta' migranti, żied mas-sentiment ġenerali li l-UE m'għadhiex tista' tipprovi soluzzjonijiet politiċi kif ukoll prattiċi li jaħdmu fl-interess ta' kulħadd. Partiti ewrosettici, populistu u nazzjonalisti qed ifittxu li jikkapitalizzaw fuq dawn il-beżgħat billi joffru soluzzjonijiet sempliċi ta' għal problemi kumplessi, jipponaw saba' lejn ċerti sezzjonijiet tal-komunitajiet tagħna u joħolqu qasmiet perikolużi fis-soċjetà.

2.3 Uħud mill-isfidi u d-diverġenzi fost l-Istati Membri u fi ħdanhom saru agħar minħabba l-kriżi. Dawn jirriżultaw jew huma aggravati minn, fost l-oħrajn, nuqqas ta' tkabbir u dgħufijiet strutturali fis-swieq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu jeżistu qabel il-kriżi. Ser tkun determinanti l-kapaċità kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex joħlqu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli u l-impjieġ.

2.4 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnedi konsultazzjoni pubblika dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bħala parti mill-isforz biex tiżgura "suq tax-xogħol ġust u tassew pan-Ewropew", sabiex tikseb "Ewropa soċjali AAA" u biex isservi bħala kumpass għall-konverġenza mgħedda fiż-żona tal-euro. Madankollu hemm ħafna inċertezza dwar kif fl-aħħar mill-aħħar huwa maħsub li jkun dan il-"Pilastru". Fuq kolloxx, il-KESE jenfasisza li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jirriżulta fi proġett pożittiv għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa. B'dan il-mod jista' jikkontribwixxi sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja tagħhom fil-kapaċità tal-UE biex ittejjeb il-prospetti tagħhom għall-ħajja u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

2.5 Għal dan l-għan, il-Pilastru għandu jindirizza wkoll l-isfidi speċifiċi li jseħħu fis-suq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali sabiex jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-dimensjoni ekonomika u soċjali, kif ukoll jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza.

2.6 Il-KESE jirrikonoxxi li l-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew huwa bbażat fuq fehim kondiviż tal-importanza li jiżdiedu l-impjieġi, il-progress soċjali u l-produttività, bħala l-fatturi ewlenin sottostanti għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, li huwa ta' benefiċċju għal kulħadd b'mod ġust. Il-proċess ta' thejjiġa tal-Pilastru huwa opportunità biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn komuni tagħna lejn il-mudell soċjali Ewropew filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali u s-swieq tax-xogħol ikunu adattabbli u li jkunu adatti għall-ġejjieni⁽⁴⁾. Il-KESE jenfasisza li hemm bżonn tkabbir u kompetittività fl-UE kollha. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasisza l-interkonnessjoni neċessarja bejn il-politika ekonomika, tal-impjieġ u dik soċjali⁽⁵⁾.

2.7 Il-KESE huwa konvint li politiki u azzjonijiet nazzjonali u tal-UE mmirati biex jinkiseb suċċess ekonomiku u progress soċjali jeħtieġ li jkunu aktar fiċ-ċentru tad-dibattiti ta' politika tal-UE. Barra minn hekk, huwa importanti li jkun hemm tfassil ta' politika nazzjonali u tal-UE li jkun koerenti u ta' tisħiħ reċiproku. Bħala parti minn dawn l-isforzi hemm bżonn ta' mentalità ġdida fir-rigward tal-bidla.

2.8 Filwaqt li jipproċedi l-proċess tas-Semestru Ewropew, l-Istrateġija Ewropa 2020 li timmira lejn "tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" saret marġinalizzata u spjiċċaw fix-xejn it-tamiet li jintlaħqu l-miri soċjali tagħha, b'mod partikolari l-obiettivi li jintlaħqu rati ta' sehem fl-impjieġ ta' 75 %, jew li 20 miljun ruħ jinħelsu mill-faqar. Bl-istess mod, ir-Rakkomandazzjoni għal Inklużjoni Attiva tal-2008⁽⁶⁾ kellha impatt limitat.

⁽⁴⁾ Dibattiti nazzjonali fl-Irlanda, il-Latvja, il-Portugall u Spanja.

⁽⁵⁾ Artikolu 3 tat-TUE: "L-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq it-tkabbir ekonomiku bilanċjat, l-istabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq b'kompetittività għolja, u jimmiraw li kulħadd jaħdem għall-progress soċjali, b'livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità ta' l-ambjent."

⁽⁶⁾ ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.

2.9 Bħala punt ta' tluq, il-Pilastru għandu jippromovi l-acquis soċjali eżistenti u l-infurzar sħiħ u xieraq tiegħu. Fejn huma kkunsidrati inizjattivi u strumenti leġiżlattivi vinkolanti ġodda, dan għandu jsir skont il-bażijiet legali u l-proċeduri eżistenti. L-istatus legali tal-Pilastru għad irid jiġi determinat, l-istess jgħodd għar-relazzjoni tiegħu mal-Istrument Internazzjonali Ewlieni tad-Drittijiet tal-Bniedem⁽⁷⁾. Madankollu, il-KESE jenfasizza li d-drittijiet soċjali għandhom japplikaw għal kull persuna li tgħix fl-UE u fl-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li jagħraf li jista' jkun hemm bżonn ta' strumenti/mekkaniżmi speċifiċi għaż-żona tal-euro.

2.10 L-investment fil-futur huwa kruċjali iżda l-Ewropa għadha tbatni minn nuqqas ta' investment pubbliku u privat produttiv. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi tal-Pjan Juncker għall-Investment⁽⁸⁾ u jilqa' l-estensjoni tiegħu. Fit-tieni fażi, investment akbar għandu jiġi mmirat lejn il-pajjiżi u r-reġjuni li l-aktar għandhom bżonn, sabiex isaħħaħ l-ekonomiji u t-tkabbir tagħhom u jevita diverġenza ikbar bejn u fi ħdan l-Istati Membri. Il-proġetti ta' investment fl-infrastruttura soċjali għandhom jiġu appoġġjati b'mod adegwat permezz tal-Pjan Juncker.

2.11 Id-diskussjonijiet dwar il-Pilastru qed iseħħu b'mod parallel ma' dibattiti ewlenin oħra fil-livell tal-UE u dak globali, b'mod speċjali dwar il-Futur tal-Ewropa u l-Futur tax-Xogħol. Id-diskussjonijiet dwar il-Futur tal-Ewropa fis-Summit ta' Ruma fl-2017 għandhom ikopru d-dibattiti li jikkonċernaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal sinerġija u koerenza f'dawn id-diskussjonijiet li se jiffurmaw il-futur komuni tagħna. L-iżvilupp tal-Pilastru għandu jqis l-Istrateġija Ewropa 2020 u jitgħallem mill-implimentazzjoni problematika tagħha. Għandu jkun marbut ukoll ma' strateġija globali tal-UE⁽⁹⁾ sabiex jimplimenta l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030 adottata min-Nazzjonijiet Uniti fl-2015, bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. Dawn jistabbilixxu aġenda għal bidla trasformattiva globali biex jintemm il-faqar, għall-protezzjoni tal-pjaneta, l-iżgurar tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem inkluż id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni b'diżabilità kif imħaddna fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD), li l-UE u l-Istati Membri huma obbligati li jimplimentaw, u jiggarrantixxu l-prosperità għal kulħadd⁽¹⁰⁾. Fil-livell tal-UE, l-isforzi jridu jsiru wkoll biex jiġi żgurat li tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi⁽¹¹⁾.

2.12 B'mod parallel ma' din il-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni, il-KESE nieda sensiela ta' dibattiti nazzjonali fit-28 Stat Membru għas-sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattiva lil hinn minn Brussell, biex jiġi stimulat dibattitu u jiġi diskuss b'mod miftuħ dwar kif għandu jiġi żviluppat il-Pilastru. Ħafna mir-riżultati ta' dawn id-dibattiti nazzjonali jiġu riflessi f'din l-opinjoni.

2.13 Huwa essenzjali li jiġi definit aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Pilastru. Il-KESE huwa tal-fehma li din l-inizjattiva għandha tinkludi liċ-ċittadini kollha li jkopru l-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja. Il-KESE jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' referenza għal dawk li jfittxu asil u l-migranti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru.

2.14 Ir-rwol tas-soċjetà ċivili għandu jiġi rikonoxxut aħjar u jissaħħaħ. Id-djalogu ċivili jeħtieġ li jissaħħaħ biex ikun żgurat li n-nies, inklużi ż-żgħażaġh⁽¹²⁾ u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni, iħossu li jistgħu jipparteċipaw fit-tfassil, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. L-imsieħba soċjali għandhom rwol speċifiku x'jaqdu fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki li direttament jew indirettament jaffettwaw l-impjegji u s-swieq tax-xogħol. Id-djalogu soċjali għandu jiġi promoss u appoġġat, filwaqt li tiġi rispettata l-awtonomija tal-imsieħba soċjali u tan-negożjar kollettiv u tiżdied il-kapaċità tal-imsieħba soċjali biex jinvolvu ruħhom fi djalogu soċjali. L-involviment tajjeb tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili fid-diskussjonijiet dwar il-Pilastru ġie enfasizzat f'ħafna dibattiti nazzjonali⁽¹³⁾. Fi tliet dibattiti ġiet enfasizzata l-importanza li jinħolqu approċċ u sjeda ta' kunsens⁽¹⁴⁾.

⁽⁷⁾ <http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CoreInstruments.aspx>

⁽⁸⁾ https://ec.europa.eu/priorities/jobs-growth-and-investment/investment-plan_mt

⁽⁹⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 58.

⁽¹⁰⁾ <http://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/>

⁽¹¹⁾ Id-Direttiva 2000/43/KE dwar it-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000), id-Direttiva 2000/78/KE dwar Qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000), id-Direttiva 2004/113/KE dwar it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004), id-Direttiva 2006/54/KE dwar l-oportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegji u xogħol "tfassil mill-ġdid" (ĠU L 204, 26.7.2006).

⁽¹²⁾ L-importanza li jiġu involuti ż-żgħażaġh fid-djalogu tqajmet f'diversi dibattiti nazzjonali, pereżempju fis-Slovenja.

⁽¹³⁾ Dibattiti nazzjonali fl-Irlanda, in-Netherlands, il-Portugall, il-Finlandja, il-Belġju, il-Greċja, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Kroazja.

⁽¹⁴⁾ Dibattiti nazzjonali f'Ċipru, il-Belġju u n-Netherlands, pereżempju.

3. Il-Futur tax-Xogħol

3.1 Il-KESE huwa konvint li l-futur tax-xogħol għandu jkun prijorità ewlenija fi ħdan id-dibattiti dwar il-Pilastru biex jiġu indirizzati l-bidliet ewlenin li għaddejnin fid-dinja tax-xogħol. Il-KESE jemmen li approċċ iktar konsistenti u integrat huwa meħtieġ bħalissa u għalhekk jitlob li jkun hemm Strateġija Ewropea dwar l-Impjiegi koerenti fuq, fost affarijiet oħra, il-futur tax-xogħol, li tindirizza:

- l-investimenti u l-innovazzjoni,
- l-impjeg u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità,
- kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd,
- tranżizzjonijiet ġusti u bla xkiel appoġġati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol,
- l-involvement tal-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali ⁽¹⁵⁾.

3.2 Il-kompitu tat-tfassil u l-ġestjoni ta' trasformazzjonijiet li qed iseħħu fid-dinja tax-xogħol huwa maqsum bejn diversi atturi istituzzjonali. Il-partijiet interessati rilevanti kollha għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-futur tax-xogħol ikun ġust u inklużiv, li joffri opportunitajiet ta' impjeg għal kulħadd u li jwassal għall-progress soċjali. Il-KESE huwa konvint li huwa fl-interess ta' kulħadd li jkollna forza tax-xogħol b'livell għoli ta' edukazzjoni u ħliet, b'ħaddiema motivati bi dħul diċenti u aċċess għal impjiegi ta' kwalità. L-iżgurar ta' riżultati pożittivi fil-futur se jiddependi fuq l-investment meħtieġ biex in-nies jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa biex jadattaw għal dawn il-bidliet, xbieki ta' sikurezza adegwati u t-trawwim tal-innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni soċjali.

3.3 Il-bidliet fid-dinja tax-xogħol għandha tintuża għall-“promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku kontinwu, inklużiv u sostenibbli, impjeg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd” ⁽¹⁶⁾. Dan l-għan għandu jiġi indirizzat mill-UE, l-Istati Membri u l-imsieħba Soċjali fir-rwoli differenti tagħhom. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni mbiegħda mis-suq tax-xogħol għandhom ikunu involuti wkoll. Il-prekondizzjonijiet għall-ħolqien ta' aktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità huma distribwiti b'mod irregolari fost u fi ħdan l-Istati Membri. Il-KESE jħeġġeġ l-atturi istituzzjonali tal-Istati Membri sabiex jimxu mingħajr dewmien lejn strateġija “high-road” flimkien ma' politika attiva għas-suq tax-xogħol. Hi għandha tiġi appoġġata permezz taal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi inklużiva u riveduta msemmija hawn fuq flimkien ma' Strateġija Industrijali Ewropea ambizzjuża u koerenti.

3.4 Il-KESE diġà kien għaraf l-importanza li l-aġenda tal-UE għal ħliet u impjiegi ġodda ⁽¹⁷⁾ tissejjes fuq il-kunċett tal-flessigurtà u enfasizza li għandu jinstab bilanċ tajeb bejn l-elementi interni u esterni tal-flessigurtà, sabiex is-suq tax-xogħol jitħaddem b'mod iktar effiċjenti u fl-istess ħin il-ħaddiema jitħarsu aħjar. Enfasizza wkoll l-importanza li l-imsieħba soċjali jiġu involuti b'mod attiv fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politiki ta' flessigurtà ⁽¹⁸⁾. Barra minn hekk, il-KESE enfasizza li l-politiki makroekonomiċi sodi li jrawmu t-tkabbir tal-impjeg, kif ukoll ambjent favorevoli għall-intrapriżi li permezz tiegħu jitwettaq u jiġi appoġġat il-potenzjal sħiħ għat-tkabbir, huma prekondizzjonijiet importanti sabiex tkun tista' tiffunzjona l-flessigurtà. Il-KESE ħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u l-UE sabiex joħolqu u jżommu qafas legali li jwassal għall-adattabilità, li jkun sempliċi, trasparenti u prevedibbli, kif ukoll sabiex isaħħu u jżommu d-drittijiet tal-impjegati u l-gustizzjabilità tagħhom u biex jipromovu qafas legali stabbli għan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali fl-UE kollha meta jimplementaw il-flessigurtà. Huwa enfasizza wkoll li huwa importanti li l-imsieħba soċjali jkunu involuti b'mod attiv fid-dibattitu u l-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet dwar il-flessigurtà ⁽¹⁹⁾. Il-bilanċ bejn il-flessibilità u s-sigurtà ⁽²⁰⁾, kif ukoll il-kapaċità tas-suq tax-xogħol biex jadatta għall-isfidi l-ġodda kienu indirizzati u enfasizzati fid-dibattiti nazzjonali f'għadd ta' Stati Membri ⁽²¹⁾.

3.5 Il-kundizzjonijiet ta' qafas fis-swieq tax-xogħol jeħtieġ li jappoġġjaw mogħdijiet ta' karriera ġodda u iżjed varjati. Huma meħtieġa fil-ħajja tax-xogħol forom differenti ta' kif jinstabu l-ħaddiema kif ukoll forom differenti ta' ħidma. Dan jirrikjedi li jiġi provdut ambjent leġislattiv adatt għall-protezzjoni tal-impjiegi sabiex ikun provdut qafas għal kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u sabiex jiġi stimolat ir-reklutaġġ taħt kwalunkwe kuntratt ta' impjeg.

⁽¹⁵⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Finlandja u l-Ungerija, pereżempju.

⁽¹⁶⁾ L-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 8.

⁽¹⁷⁾ Aġenda għall-ħliet ġodda u l-impjiegi, COM(2010) 682 final

⁽¹⁸⁾ ĠU C 318, 29.10.2011, p. 142.

⁽¹⁹⁾ ĠU C 211, 19.8.2008, p. 48.

⁽²⁰⁾ Dibattiti nazzjonali fid-Danimarka, il-Finlandja u l-Ungerija.

⁽²¹⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Bulgarija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja, pereżempju.

3.6 Il-bidliet li qegħdin iseħħu fid-dinja tax-xogħol huma ħafna u varjati. Għandna nsibu modi biex niżguraw tranżizzjonijiet siguri bejn l-impjegji, l-istatus u minn sitwazzjonijiet ta' qgħad għall-impjeg, kif ukoll mill-edukazzjoni għax-xogħol, għall-forza tax-xogħol kollha. Il-kapaċità tan-nies li jgħaddu mit-tranżizzjonijiet neċessarji fi stadji differenti ta' ħajjithom u d-disponibbiltà tal-oqfsa u tal-mekkaniżmi ta' appoġġ li jippermettulhom jagħmlu dawn il-bidliet se tiddetermina s-soċjetà li ngħixu fiha u l-prosperità ekonomika tagħna. Il-KESE jipproponi li jiġu diskussi b'mod olistiku l-oqfsa u l-mekkaniżmi ta' appoġġ sabiex jiġu appoġġjati dawn it-tranżizzjonijiet.

3.7 Il-progress teknoloġiku rapidu qed isawwar ukoll il-mod kif ngħixu u naħdmu. It-tfassil proattiv tal-politika fil-livell tal-UE u nazzjonali jista' u jrid jiżgura li l-opportunitajiet offruti permezz tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jiġu sfruttati filwaqt li jiġu evitati jew ibbilanċjati l-iżvantaġġi⁽²²⁾. Fid-dibattiti nazzjonali, id-diġitalizzazzjoni, flimkien mar-referenzi frekwenti għall-ħtieġa tal-investment neċessarju fit-taħriġ u l-infrastruttura⁽²³⁾, ġew identifikati b'mod wiesa' bħala waħda mill-isfidi ewlenin li għandhom jiġu riflessi fil-Pilastru⁽²⁴⁾. Jeħtieġ li jiġi vvalutat bir-reqqa l-impatt ta' dawn l-iżviluppi fuq is-suq tax-xogħol u l-istandards, l-ekonomija, is-sistemi tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali u l-paga li tiggarrantixxi l-għajxien⁽²⁵⁾.

3.8 L-Aġenda Diġitali u l-inizjattiva tas-Suq Uniku Diġitali għandhom ikunu konnessi ma' approċċ globali ġdid dwar il-ġejjieni tax-xogħol. Dan għandu jindirizza l-isfidi ekonomiċi, tal-impjegji u soċjali, inkluż l-għan li jiġu pprovduti l-ħiliet meħtieġa u kundizzjonijiet ekwi. Il-KESE jemmen li dan jista' jinkiseb l-aħjar skont it-Trattati, permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-livell adatt, li jappoġġja l-aċċess għal, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali u koordinazzjoni aħjar min-naħa tal-UE f'oqsmha ewlenin fejn m'għandha l-ebda kompetenza legiſlattiva.

3.9 Kif il-KESE diġà enfasizza, "il-kooperazzjoni hija kruċjali"⁽²⁶⁾ meta jiġu indirizzati l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni. F'dan il-kuntest, il-KESE jindirizza, b'mod partikulari, il-Kummissjoni Ewropea u l-livell ta' governanza Ewropea b'mod ġenerali, il-gvernijiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili usa' b'mod ġenerali. Il-Kumitat diġà rrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, l-OECD u l-ILO għandhom jaħdmu flimkien mal-imsieħba soċjali fil-livelli adatti kollha u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili usa', biex jiżviluppaw dispożizzjonijiet xierqa dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u l-protezzjoni meħtieġa biex jitqiesu forum ġodda ta' xogħol (bħal xogħol onlajn, u l-ekonomija gig u ekonomija kollaborattiva)⁽²⁷⁾.

3.10 Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiżiedu l-livelli ta' impjeg taż-żgħażaġh. Kif diġà ġie ddikjarat f'opinjonijiet preċedenti tal-KESE, miżuri speċifiċi biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh għandhom jitqiesu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma⁽²⁸⁾. Apprendistati li jaħdmu tajjeb u forum oħra ta' kwalità ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol jistgħu jgħinu biex iż-żgħażaġh ikollhom tranżizzjoni eħfef mill-iskola għax-xogħol⁽²⁹⁾. Il-KESE appoġġja l-idea li jinħolqu skemi ta' garanzija għaż-żgħażaġh fl-Istati Membri li jiġu ffinanzjati minn Fond ta' Inizjattiva dwar l-impjegji taż-żgħażaġh fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u apprezza l-ħolqien tagħhom⁽³⁰⁾.

3.11 Ir-rwol tad-djalogu soċjali ġie enfasizzat f'ħafna dibattiti nazzjonali⁽³¹⁾. Il-KESE huwa mħasseb li hemm għadd ta' pajjiżi mingħajr djalogu soċjali adegwat⁽³²⁾, kif ukoll pajjiżi/setturi fejn kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati mhumiex rappreżentati fid-djalogu soċjali u mhumiex involuti fin-negożjar kollettiv. Dan għandu jiġi kkunsidrat⁽³³⁾, kif ukoll il-ħtieġa li jitrawwem djalogu soċjali orjentat lejn is-soluzzjonijiet li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-protezzjoni tal-ħaddiema u l-kompetittività tal-intrapriżi. In-negożjar kollettiv għandu jiġi promoss fil-livelli adatti kollha; u biex dan jiġi monitorjat, il-KESE jirakkomanda l-għbir ta' data dwar il-kopertura tan-negożjar kollettiv madwar l-Ewropa, permezz ta' indikaturi fis-Semestru Ewropew, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ Prattiki nazzjonali u sistemi ta' relazzjonijiet industrijali.

⁽²²⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.

⁽²³⁾ Dibattiti nazzjonali fl-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Lussemburgu, il-Polonja, is-Slovakkja, Spanja.

⁽²⁴⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Bulgarija, pereżempju.

⁽²⁵⁾ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54.

⁽²⁶⁾ ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50.

⁽²⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

⁽²⁸⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 67.

⁽²⁹⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 57.

⁽³⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 28.

⁽³¹⁾ Dibattiti nazzjonali f'Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

⁽³²⁾ Dibattiti nazzjonali fl-Ungerija, pereżempju.

⁽³³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

3.12 Il-progress teknoloġiku qed joħloq opportunitajiet ġodda ta' xogħol, iżda l-impjegji ser jinqerdu wkoll. Sa liema punt dan ser iseħħ huwa kkontestat u studji ta' previżjoni reċenti jvarjaw ⁽³⁴⁾.

3.13 Fi kwalunkwe każ, l-investiment fil-persuni għandu jkun fiċ-ċentru ta' kwalunkwe strateġija tal-futur tax-xogħol. Il-livell tal-kompetenzi u l-ħiliet, b'mod partikolari ħiliet diġitali, se jkun strumentali għaċ-ċittadini u l-ħaddiema biex ikunu mgħammra sew għall-futur. L-introduzzjoni ta' Garanzija ta' Ħiliet ⁽³⁵⁾, appoġġjata mill-investiment neċessarju, tista' tipprovdi l-qafas biex tingħata s-setgħa lin-nies biex jiksbu l-ħiliet meħtieġa matul ħajjithom. L-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità li tinkludi ċ-ċittadini kollha tal-UE, inkluż l-edukazzjoni vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet huma fundamentali għal dan.

3.14 Il-bidla teknoloġika tista' ttejjeb l-iżvilupp tal-ħiliet, iżda jista' jkollha wkoll il-potenzjal li tħaffef il-proċess tal-obsolexxenza tal-ħiliet għal ħaddiema f'ħafna xogħlijiet. Flimkien ma' atturi tal-edukazzjoni, in-negozju, il-ħidma mat-trejdjunjins, is-CEDEFOP u l-gvernijiet għandhom jaqdu wkoll il-parti tagħhom biex jiġi żgurat li l-kompetenzi u l-ħiliet jiġu żviluppati biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet ta' dinja tax-xogħol li qed tinbidel ⁽³⁶⁾, anke billi tiżdied ir-responsività tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ għal tibdil fil-ħtiġijiet ta' ħiliet. Dan għandu jsir b'mod koerenti. L-iżvilupp ta' kompetenza jieħu ż-żmien u jeħtieġ biżżejjed riżorsi u aktar investiment u investiment iżjed effiċjenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ huma meħtieġa b'mod urġenti. L-impatti/riżultati differenti li l-edukazzjoni u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom fpajjizi u reġjuni Ewropej iridu jiġu kkunsidrati wkoll.

3.15 Forom ġodda ta' xogħol tant qed jiżviluppaw malajr li l-arranġamenti kuntrattwali ma jstgħux iżommu l-pass u għalhekk l-istatus legali tagħhom irid jiġi rivedut. Il-KESE appella għal kjarifika urġenti dwar l-istatus tal-intermedjarji tas-suq tax-xogħol u l-pjattaformi onlajn, kif ukoll investigazzjoni dwar l-istatus kuntrattwali tal-crowd workers, u forom ġodda ta' xogħol u ta' relazzjonijiet ta' xogħol. Jinħtieġu wkoll linji gwida biex jiċċaraw kwistjonijiet li jstgħu ma jkunux ċari marbuta mal-istatus tal-impjegġ f'dak li għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni u s-sigurtà soċjali ⁽³⁷⁾. Il-mira ġenerali għandha tkun li jiġu garantiti kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd u li jkun żgurat li l-ħaddiema kollha jkunu koperti minn standards tax-xogħol fundamentali u protezzjoni soċjali adegwata.

3.16 L-imsieħba soċjali, b'mod partikolari, huma fiċ-ċentru meta niġu biex nippromovu l-flessibbiltà u l-istabbiltà tax-xogħol negozjati għal kull livell adatt, iżda dan jeħtieġ impenn tal-gvernijiet u fil-livell ta' governanza Ewropea, kif ukoll it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali. Il-KESE diġà stqarr li l-UE u l-Istati Membri, fi djalogu mal-imsieħba soċjali, għandhom jikkunsidraw strateġiji biex jaġġustaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards soċjali u tax-xogħol b'tali mod li jiġu riflessi l-kundizzjonijiet ta' dinja tax-xogħol diġitalizzata ⁽³⁸⁾.

3.17 L-"ekonomija kollaborattiva" u mudelli ta' impjegġ ġodda oħrajn m'għandhomx jintużaw bħala mezz sabiex jiġu evitati pagi deċenti, jew li jiġu ssodisfati l-obbligi fiskali u ta' sigurtà soċjali ⁽³⁹⁾. Il-KESE diġà kien issuġġerixxa li l-UE għandha tikkunsidra modi kif jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' pjattaformi tal-UE b'tali mod li l-valur maħluq jibqa' fl-ekonomiji lokali ⁽⁴⁰⁾.

3.18 Il-parteċipanti fxi dibattiti nazzjonali semmew il-konverġenza tal-pagi u l-ħolqien ta' pagi minimi fl-Istati Membri ⁽⁴¹⁾. Il-KESE jaħseb li hemm b'żonn iżjed sforzi f'din id-direzzjoni. L-istudju tal-ILO *Building a Social Pillar for European convergence* ⁽⁴²⁾ huwa punt ta' referenza utli. Huwa jenfasizza li jstgħu jintużaw firxa ta' indikaturi biex jitqabblu l-livelli tal-pagi minimi, li jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi nazzjonali, iżda l-proporzjon tal-paga minima għal dik medjana (jew medja) huwa l-aktar indikatur popolari. Barra minn hekk, huwa jgħid li l-adozzjoni ta' approċċ komuni għall-politika dwar

⁽³⁴⁾ Ara pereżempju Frey and Osborne 2013: The Future of employment: How susceptible are jobs to computerisation, u Breugel 2014: The computerisation of Europe jobs.

⁽³⁵⁾ Fil-21 u t-22 ta' Novembru 2016, il-Kunsill laħaq ftehim politiku dwar rakkomandazzjoni dwar "Titjib tal-kompetenzi: Opportunitajiet ġodda għall-adulti" (li qabel kienet il-"Garanzija ta' Ħiliet").

⁽³⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

⁽³⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25.

⁽³⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

⁽³⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

⁽⁴⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

⁽⁴¹⁾ Indirizzati f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pereżempju l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, iżda wkoll fi Franza.

⁽⁴²⁾ Studies on Growth with Equity, Building a Social Pillar for European convergence, Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, 2016.

il-paga minima fil-livell tal-UE jista' jgħin biex tiġi limitata l-firxa tal-faqar fl-Unjoni mkabbra u l-proporzjon ta' nies b'paga baxxi fil-kuntesti nazzjonali. Huwa jissuġġerixxi li punt tat-tluq jista' jkun analiżi tripartitika fil-livell nazzjonali tal-kopertura, il-livell u l-konformità tal-paga minima, kif imsemmi fl-istrumenti tal-ILO. L-istudju tal-ILO jgħid ukoll li sejbiet ta' għadd ta' studji jenfasizzaw l-importanza ta' approċċ ibbilanċjat — kif enfazzat fil-Konvenzjoni Nru 131 — fir-rigward tal-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi determinat il-livell tal-paga minima li, sakemm huwa possibbli u b'mod adatt skont il-prassi u l-kundizzjonijiet nazzjonali, jinkludi: (a) il-bżonnijiet tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, b'kont meħud tal-livell ġenerali tal-pagi fil-pajjiż, l-għoli tal-ħajja, il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, u l-istandards tal-għajxien relattivi ta' gruppi soċjali oħrajn; u (b) fatturi ekonomiċi, inklużi r-rekwiżiti ta' żvilupp ekonomiku, livelli ta' produttività u x-xewqa li wieħed jikseb u jżomm livell għoli ta' impjieg. Jinħtieġu aktar diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet u dawn għandhom iseħħu fil-kuntest tal-iżvilupp tal-Pilastru Soċjali. Il-KESE jenfasizza li l-kompetenza ewlenija u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali nazzjonali fir-rigward tal-proċedura tal-istabbiliment tal-pagi għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ, f'konformità mal-prattiki nazzjonali. Fid-dibattiti nazzjonali saret referenza wkoll għall-ħtieġa li jiġu rispettati d-diviżjoni tal-kompetenzi u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ukoll ir-rwol tal-imsieħba soċjali fl-istabbiliment tal-livell tal-paga minima⁽⁴³⁾. Fuq kollox, il-KESE diġà stqarr li ma kienx hemm konverġenza fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, minkejja l-aspettattivi ta' żona monetarja ottimali endoġena⁽⁴⁴⁾.

3.19 F'ċerti dibattiti nazzjonali ġie rikonoxxut li t-tibdil demografiku⁽⁴⁵⁾ u xejriet li qed jinbidlu fis-soċjetà huma fatturi oħrajn li qed jaffettwaw b'mod profond id-dinja tax-xogħol. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP) għandhom ikunu effettivi u mmirati sabiex jintlaħqu riżultati tajbin ta' impjieg. F'pajjiż minnhom ġiet diskussa l-enfasi fuq il-possibbiltà li jiġu involuti aġenziji privati sabiex tittejjeb l-assistenza attiva għal dawk li jkun qed ifittxu xogħol⁽⁴⁶⁾. Il-politiki tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol fl-Ewropa għandhom ikomplu joħolqu miżuri konkreti sabiex jiġi implimentat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u l-garanzija tal-ugwaljanza tal-gruppi kollha ta' ħaddiema⁽⁴⁷⁾.

3.20 L-ugwaljanza bejn is-sessi hija element ċentrali għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd. Apparti sehem ikbar ta' nisa fis-suq tax-xogħol, il-popolazzjoni li qed tixxjeh u ħajja tax-xogħol itwal x'aktarx jirrikjedu aktar responsabbiltajiet ta' kura tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Flessibbiltà fil-ħajja tax-xogħol, il-ħinijiet tax-xogħol u bilanċ sostenibbli bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol se jkun ta' importanza dejjem akbar għall-ħaddiema kollha. Il-KESE diġà enfazzza li biex wieħed jirrikonċilja r-responsabbiltajiet tal-familja u tax-xogħol jeħtieġ koordinazzjoni bejn firxa ta' oqsma bħalma huma l-provvediment tal-kura, liv tal-ġenituri u postijiet tax-xogħol li huma akkoljenti għall-familja⁽⁴⁸⁾. Il-KESE jitlob għal approċċ integrat bejn miżuri leġislattivi u mhux leġislattivi li għandhom jiġu introdotti fil-livell adatt biex jippromovu l-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol fl-Istati Membri. Huwa importanti li jkun hemm biżżejjed investimenti li huma mmirati lejn faċilitajiet ta' kura aċċessibbli u affordabbli. Dan se jikkontribwixxi għal parteċipazzjoni ikbar fix-xogħol, b'mod partikolari fost in-nisa u anke għal xogħol full-time.

3.21 Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi soċjali vulnerabbli u l-minoranzi. Is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u kulturali tar-Rom f'bosta Stati Membri mhijiex sejra għall-aħjar u kif ġie ddikjarat frapport tal-KESE, l-Istrateġija dwar ir-Rom għandha tiġi inkluża fis-Semestru Ewropew b'mod aktar konsistenti⁽⁴⁹⁾.

3.22 Sistemi ta' pensjonijiet sostenibbli huma ta' importanza ewlenija b'kont meħud ta' soċjetajiet Ewropej li qed jixxjeh. Il-Kummissjoni stqarret li żieda fl-età tal-irtirar f'konformità ma' żieda fl-istennija tal-għomor, flimkien ma' sforzi biex jiġi promoss it-tixxjeh attiv, mhux biss jippermettu tnaqqis sostanzjali fin-nefqa fuq il-pensjonijiet, iżda jippermettu wkoll għal intitolamenti tal-pensjoni ogħla. Madankollu, il-KESE kien ikkritika l-proposta tal-Kummissjoni li l-età tal-irtirar għandha tiġi indijata ma' żieda fl-istennija tal-għomor u minflok ippropona miżuri li l-età tal-irtirar fil-prattika titqarreb iżjed lejn l-età statutorja tal-irtirar⁽⁵⁰⁾. Kif stqarr il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, li jitnaqqas il-qgħad u li n-nies jitħeġġu jibqgħu iktar fis-swieq tax-xogħol illum, inkluż permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, ser ikun kruċjali għas-

⁽⁴³⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Finlandja u d-Danimarka, pereżempju.

⁽⁴⁴⁾ Il-bidliet ekonomiċi fid-dinja, il-konsegwenzi għall-kompetittività tal-UE (Rapport ta' informazzjoni)

⁽⁴⁵⁾ Dibattitu nazzjonali fil-Finlandja, is-Slovenja, Malta, l-Irlanda, il-Polonja u l-Estonja, pereżempju.

⁽⁴⁶⁾ Dibattitu nazzjonali fir-Repubblika Ċeka.

⁽⁴⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 18.

⁽⁴⁸⁾ ĠU C 341, 21.11.2013, p. 6.

⁽⁴⁹⁾ Rapport tal-KESE "Inklużjoni aħjar tal-komunità tar-Rom permezz ta' inizjattivi tas-soċjetà ċivili" (2014).

⁽⁵⁰⁾ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 115, ĠU C 332, 8.10.2015, p. 68.

sostenibbiltà futura u l-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-pensjonijiet ⁽⁵¹⁾. Pereżempju, indiċi komparattivi Ewropew dwar l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjoni ikun punt ta' riferiment utli biex jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jirrifurmaw is-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom u biex jitnaqqas il-faqar.

3.23 L-għan li n-nies jaħdmu għal iktar żmien għandu jkun akkumpanjat minn approċċ ta' ċiklu tal-ħajja li jinkludi kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol, inklużi politiki tas-saħħa u s-sigurtà u tal-ħin tax-xogħol, u l-inkoraġġiment biex jiġu segwiti opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja. Jeħtieġ ukoll karriera ta' xogħol itwal tul iċ-ċiklu tal-ħajja sal-età tal-irtirar bi dħul deċenti matul is-snin ta' xogħol, bir-riżultat ta' pensjoni deċenti, kif ukoll politiki li jassiguraw tranżizzjoni bla xkiel lejn l-irtirar għal ħaddiema ta' età iktar avvanzata: l-evoluzzjoni tal-mod kif naħdmu hija wkoll fattur ewlieni f'dan ir-rigward.

3.24 L-istandards tas-sigurtà soċjali fl-UE huma differenti ħafna, skont is-sistemi u t-tradizzjonijiet differenti. Il-KESE wera l-appoġġ tiegħu għal prijoritajiet strateġiċi aktar ċari min-naħa tal-UE u għat-tfassil ta' prinċipji ta' politika soċjali ġenerali bħala parti minn programm ta' ħidma solidu. Il-KESE semma wkoll il-ħtieġa li naspiraw għal bażi ta' protezzjoni soċjali vinkolanti ⁽⁵²⁾ u jipproponi li jiġu definiti standards ta' livell għoli f'livelli xierqa waqt li jitqiesu kif dovut kemm ir-rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà u l-adeqwatezza. Jinhrieg skambju aħjar tal-aħjar prattiki għal xibka tas-sigurtà soċjali aktar inklużiva għal kull persuna li qed tgħix fl-UE b'mod legali. Fil-kuntest tal-isfidi ta' xogħol 4.0 u l-introduzzjoni ta' forum ġodda ta' impjieg u "semi-employment" huwa essenzjali li wieħed jirrifletti u jiddeċiedi kif l-Istati Membri jistgħu jirrifurmaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom sabiex jiżviluppaw l-assigurazzjonijiet tal-qgħad f'assigurazzjonijiet ta' impjieg inklużivi li jistgħu jaħdmu bħala ċinturin tas-sigurtà futur u jiffaċilitaw ukoll l-impjieg u x-xogħol deċenti. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-ħidma hija għażla aktar attraenti milli li wieħed jgħix fuq il-benefiċċji, billi jinħolqu l-inċentivi adegwati għal persuni biex ikunu f'qagħda aħjar meta jaħdmu, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tad-dħul għal dawk li ma jsibux xogħol. Valutazzjoni komparattiva f'dan il-qasam tista' żżid il-valur għall-Istati Membri biex itejbu, fejn meħtieġ, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, it-tul ta' żmien ta' benefiċċji u l-livelli.

3.25 Sa mill-2009, il-KESE ilu jenfasizza li l-Ewropa trid terġa' tikseb il-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fir-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa enfasizza li l-prestazzjoni fl-oqsma xjentifiċi u tekniċi, u l-applikazzjoni tagħhom fl-ekonomija globalizzata u kompetittiva se jiżguraw li l-Ewropa jkollha futur fix-xena industrijali globali. Barra minn hekk, huwa enfasizza li klima soċjali li hija miftuħa għall-progress hija prerekwiżit għall-innovazzjoni ⁽⁵³⁾. L-intraprenditorija kreattiva li twassal għal opportunitajiet ta' impjieg taqdi rwol ewlieni wkoll fit-tiswir ta' ambjent favorevoli għall-innovazzjoni. Is-soċjetà ċivili għandha rwol kruċjali f'dan il-proċess.

3.26 Il-KESE jemmen li hemm rabta bejn il-kapaċità għall-innovazzjoni fil-post tax-xogħol u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Barra minn hekk, ġestjoni korporattiva "tajba" u "sostenibbli" għandha tinbena fuq strutturi legali tas-suq intern li diġà huma stabbiliti u fuq prattiki tal-involvement tal-impjegati bbażati fuq l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u, fejn applikabbli, il-kodeterminazzjoni ⁽⁵⁴⁾. Id-dispożizzjonijiet dwar l-involvement obbligatorju tal-impjegati għandhom jiġu kkonsolidati u applikati b'mod universali fil-liġi tal-UE abbażi ta' standards li diġà nkisbu ⁽⁵⁵⁾.

3.27 It-tibdil fil-klima jippreżenta sfidi ambjentali u soċjali kbar għall-Ewropa u għall-bqija tad-dinja. Il-futur tax-xogħol ukoll se jiffassal skont il-ħtieġa urġenti biex nittrasformaw l-ekonomiji, l-industriji u l-impjegati tagħna sabiex inħarsu l-pjaneta. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi u appella għal koalizzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet sottonazzjonali sabiex jintlaħqu l-impenji tal-COP21 ⁽⁵⁶⁾. It-tweqqiq ta' dawn l-impenji jrid ikun konformi mal-impenji tal-UE biex jitnaqqas il-faqar. L-appoġġ ta' tranżizzjoni ġusta, ix-xogħol deċenti u l-impjegabilità se jesiġi l-investiment friżorsi għall-appoġġ tal-komunitajiet u l-ħaddiema fis-setturi li diġà huma affettwati minn din it-tranżizzjoni, kif ukoll li jiġu antiċipati u faċilitati l-istrutturar mill-ġdid u t-tranżizzjoni lejn ekonomija iżjed ekoloġika u sostenibbli. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa għandu jappoġġja proġetti b'konformità mal-impenji tal-COP21.

⁽⁵¹⁾ Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) – Rapport dwar sfidi soċjali ewlenin u l-messaġġi ewlenin mill-SPC, 12606/16.

⁽⁵²⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40.

⁽⁵³⁾ Dokument ta' pożizzjoni tal-KESE dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-UE (EESC-13-19-EN).

⁽⁵⁴⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 35.

⁽⁵⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 54.

⁽⁵⁶⁾ ĠU C 389, 21.10.2016, p. 20.

4. Il-ħtieġa għal investiment soċjali

4.1 L-iżbilanċi soċjali kif ukoll dawk ekonomiċi huma theddida għall-UE. Huma jheddu l-koeżjoni soċjali u l-kredibbiltà politika, u jxekklu l-progress ekonomiku. Il-KESE diġà esprima ruħu dwar il-ħtieġa li l-faqar jiġi indirizzat bħala prijorità u li l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali ssir wieħed mill-komponenti ewlenin tal-Pilastru ⁽⁵⁷⁾.

4.2 Filwaqt li jirrikonoxxi li t-tnaqqis tal-faqar primarjament huwa kompetenza tal-Istati Membri, il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-Kunsill tal-UE biex itenni l-impenn għall-mira tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tnaqqis tal-faqar filwaqt li jkompli jimplimenta approċċ aktar integrat. Dan ifisser li t-tnaqqis tal-faqar għandu jiġi indirizzat sistematikament permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew u li l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun marbuta mal-Aġenda 2030 ⁽⁵⁸⁾. It-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività huma essenzjali, għalhekk politika makroekonomika li tgħin fil-ħolqien ta' impjiegi deċenti hija importanti biex jitnaqqsu l-inugwaljanza u l-faqar.

4.3 Il-KESE diġà ddikjara li iktar ma nkomplu għaddejnin bil-politika mmirata lejn l-iffrankar — primarjament iffokata fuq tnaqqis fl-infiq — u mingħajr biżżejjed miżuri li jiġġeneraw it-tkabbir, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, iktar ser ikun ċar li l-integrazzjoni ekonomika u l-prosperità tal-Ewropa huma mhedda minn disparitajiet soċjali li qed jiżdiedu ⁽⁵⁹⁾. Il-KESE jappella għal sforzi mġedda biex jiġi promoss il-kunċett ta' investiment soċjali fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha ⁽⁶⁰⁾. Il-KESE jemmen li jeħtieġ li tingħata aktar konsiderazzjoni dwar kif jistgħu jintrabtu l-“Pjan Juncker 2” mal-għanijiet tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali. Barra minn hekk, huwa appella għal Patt ta' Investiment Soċjali Ewropew ⁽⁶¹⁾, li jappoġġja r-riformi soċjali u l-investimenti soċjali u jgħin biex joħloq konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali mġedda.

4.4 Il-KESE laqa' l-Pakkett ta' Investiment Soċjali tal-Kummissjoni li deher li jimmarka ċaqliq paradigmaticu lejn enfasi aktar qawwija fuq l-investiment soċjali, li jibda jitqies mhux bħala spiża iżda bħala investiment fil-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir u l-impjiegi ⁽⁶²⁾. Il-KESE jiddispijaċih li ma sarx iżjed biex dawn l-għanijiet jiġu implimentati b'mod effettiv. L-investiment soċjali joffri redditi soċjali u ekonomiċi maż-żmien, f'termini ta' żieda ta' impjeg jew l-introjti tax-xogħol, saħħa aħjar, anqas qgħad, edukazzjoni aħjar, anqas faqar u esklużjoni soċjali, eċċ. Itejjeb ukoll il-prosperità u l-benessri tal-individwi, filwaqt li tingħata spinta lill-ekonomija billi tiġi żgurata forza tax-xogħol b'iktar ħilet, produttività ogħla u impjiegi. Tali investiment, b'mod speċjali meta jħeġġeġ it-tkabbir, għandu jikkontribwixxi wkoll biex isaħħaħ il-ħilet u l-kwalifiki taċ-ċittadini, itejjeb l-opportunitajiet tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, kif ukoll iħeġġeġ l-ekonomija, u b'hekk jgħin lill-UE toħroġ mill-kriżi aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva. Barra minn hekk, għandu jiżgura infiq pubbliku aktar effiċjenti u effettiv, u dan iwassal għal iffrankar fil-baġits pubbliċi fuq perjodu ta' żmien medju sa twil.

4.5 Il-KESE diġà laqa' l-fatt li l-KE rrikonoxxiet b'mod espliċitu r-rwol importanti li jaqdu l-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali, is-soċjetà ċivili u l-Imsieħba Soċjali fl-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar l-Investiment Soċjali ⁽⁶³⁾.

4.6 Il-KESE diġà esprima l-fehma tiegħu li t-twaqqif ta' introjtu minimu Ewropew taħt id-direttiva qafas għandu jgħin biex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali, jiżgura koeżjoni ekonomika u territorjali, jiproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwu, jiggarrantixxi bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u biex ir-riżorsi u l-introjtu jitqassmu b'mod ġust. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltajiet ta' finanzjament għal introjtu minimu Ewropew u l-istabbiliment ta' finanzjament xieraq ⁽⁶⁴⁾.

4.7 Il-KESE jtenni l-opinjoni tiegħu li sistemi tas-sigurtà soċjali sostenibbli, effettivi u effiċjenti huma ta' importanza kbira għas-soċjetajiet kollha fl-UE. Dawn huma mezz essenzjali biex tinżamm il-koeżjoni soċjali u territorjali, is-solidarjetà, l-istabilità fis-soċjetà, kif ukoll l-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku. Is-sistemi tas-sigurtà soċjali wkoll għandhom funzjoni importanti bħala stabbilizzaturi awtomatiċi, kif intwera matul il-kriżi. Filwaqt li jirrikonoxxi li d-deċiżjoni dwar l-istruttura u l-kontenut tal-politiki soċjali hija qabel kollox il-kompetenza tal-Istati Membri, ll-inizjattivi nazzjonali u tal-UE għandu

⁽⁵⁷⁾ ĠU C 133, 14.4.2016, p. 9.

⁽⁵⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 57.

⁽⁵⁹⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33.

⁽⁶⁰⁾ Il-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2017, l-14 ta' Lulju 2016.

⁽⁶¹⁾ ĠU C 271, 19.9.2013, p. 1.

⁽⁶²⁾ ĠU C 271, 19.9.2013, p. 91.

⁽⁶³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 62.

⁽⁶⁴⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23 (din l-opinjoni ma nġhatatx l-appoġġ tal-Grupp ta' Min Iħaddem; ara www.eesc.europa.eu/resources/docs/statement-minimum-income.pdf).

jkollhom l-għan li jagħmlu iżjed effiċjenti u jsaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jkopru s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa u l-provvediment tal-akkomodazzjoni⁽⁶⁵⁾. Kif indikat mill-Kunsill u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, l-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu l-prestazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jiżguraw li jipproduċu riżultati soċjali aħjar filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tal-impjeg u t-tkabbir⁽⁶⁶⁾.

4.8 L-istituzzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabilità li jiżguraw servizzi soċjali universali, ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli. L-Istat għandu jakkredita, jinvesti u jikkontrolla l-aċċess għall-provvista ta' dawn is-servizzi, li jistgħu jkunu pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi, atturi bi skop ta' qligħ jew mingħajr skop ta' qligħ, kif diġà huwa l-każ f'bosta pajjiżi tal-UE. L-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, l-intrapriżi soċjali u s-soċjetajiet mutwi jaqdu rwol importanti. Dan ir-rwol jestendi għat-fassil, l-implimentazzjoni, il-forniment u s-sorveljanza ta' skemi tas-sigurtà soċjali, l-assigurazzjoni tas-saħħa u ta' assistenza soċjali. Barra minn hekk, kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-atturi kollha tista' tikkontribwixxi għal użu aktar effettiv u aħjar tar-riżorsi pubbliċi fit-twettiq tal-politiki soċjali. Dan għandu jinkludi wkoll il-possibbiltà li jsir użu ta' sħubijiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u atturi privati, filwaqt li jiġu rispettati l-karatteristiċi ta' sistemi nazzjonali.

4.9 Il-KESE huwa tal-fehma li huwa meħtieġ djalogu aktar b'saħħtu u trasparenti bejn atturi rilevanti biex jagħmlu u biex jittrasformaw sistemi ta' protezzjoni soċjali aktar sostenibbli f'termini ta' prijoritizzazzjoni tar-riżorsi f'investiment pubbliku effiċjenti, effettiv u rilevanti, b'rispett sħiħ u bl-għan tal-promozzjoni tad-drittijiet soċjali u b'mod partikolari tal-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri.

4.10 It-tranżizzjoni għax-Xogħol 4.0 trid tkun akkumpanjata minn tranżizzjoni parallela għal Għajnuna Soċjali 4.0. Il-kriżi, tkabbir kajman, livelli għolja ta' qgħad kif ukoll taħlita ta' popolazzjoni li qed tixxjeh u forza tax-xogħol li qed tonqos huma sfida għas-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. B'mod parallel, is-servizzi soċjali huma dejjem aktar mitluba prinċipalment bħala riżultat tat-tixxjeh tal-popolazzjoni, iżda r-riżorsi biex tintlaħaq din id-domanda huma limitati. Huma għalhekk essenzjali riformi biex jiġu stabbiliti sistemi ta' protezzjoni soċjali, servizzi u politiki soċjali effettivi u ekonomikament effiċjenti. Il-Pilastru m'għandux jirreaġixxi biss b'mod li jirrifletti l-bidliet li jiġru fid-dinja tax-xogħol, iżda għandu jappoġġja wkoll l-Istati Membri fl-għoti ta' soluzzjonijiet xierqa b'reazzjoni għall-bidliet importanti li seħħew fir-rigward tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, il-politiki u s-servizzi soċjali. L-għanijiet ewlenin għandhom ikunu li jiġu protetti l-kwalità, is-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-adegwatezza tagħhom għal dawk kollha li jiddependu minnhom, permezz ta' oqfsa u politiki regolatorji adatti.

4.11 Il-KESE jirrikonoxxi wkoll li l-pressjoni kontinwa fuq il-baġits pubbliċi, it-tibdiliet soċjetali u demografiċi u sfidi soċjali emerġenti ġodda, f'hafta Stati Membri ħolqu forom ġodda u innovattivi ta' organizzazzjoni għall-finanzjament u l-għoti ta' benefiċċji u servizzi. Dan il-fenomeni, imsejjaħ l-innovazzjoni soċjali, huwa xprunat mill-ħtieġa li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali mhux issodisfati. Dan jikkomplementa l-għoti ta' benefiċċji soċjali tradizzjonali mill-Istat, billi jiġu mmobilizzati diversi atturi soċjali u ekonomiċi u riżorsi finanzjarji filwaqt li jaħdmu b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali. Madankollu, dan m'għandux jissostitwixxi r-responsabbiltà u r-rwol tal-Istat u l-komponenti pubbliċi differenti tiegħu sabiex jiġi żgurat l-aċċess universali għal servizzi ta' kwalità, affordabbli, sostenibbli u aċċessibbli għar-residenti tal-UE, skont il-prattiki nazzjonali. L-innovazzjoni soċjali toħloq kapital soċjali u ssaħħaħ ir-rwol tal-komunitajiet lokali. Huwa rakkomandat li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jiżguraw li strumenti ewlenin bħall-akkwist pubbliku u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jintużaw b'mod effettiv biex jappoġġjaw l-innovazzjoni soċjali u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

4.12 Il-KESE kemm-il darba għibed l-attenzjoni għar-rwol partikolari u importanti tal-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi soċjali, sabiex jitwettqu soluzzjonijiet ekonomiċi u soċjali⁽⁶⁷⁾. Is-settur jikkostitwixxi element ewleni tal-mudell soċjali Ewropej u jikkontribwixxi direttament għall-koeżjoni soċjali u ekonomika u t-tibdil, lejn dħul u tqassim tal-ġid aktar ġust u ċittadinanza attiva. Dan l-aħħar, il-KESE appella għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali⁽⁶⁸⁾.

⁽⁶⁵⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Bulgarija, l-Irlanda, ir-Rumanija u Spanja pereżempju.

⁽⁶⁶⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2015 dwar il-Governanza Soċjali għal Ewropa Inklużiva (dokument tal-Kunsill 14129/15) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) — Rapport dwar sfidi soċjali ewlenin u l-messaġġi ewlenin mill-SPC, (dokument tal-Kunsill 12606/16).

⁽⁶⁷⁾ Ara pereżempju ĠU C 117, 26.4.2000, p. 52, ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22, ĠU C 229, 31.7.2012, p. 44, ĠU C 458, 19.12.2014, p. 14 Proġett dwar l-Intraprenditorija Soċjali. Ir-rwol importanti tal-ekonomija soċjali ġie indirizzat ukoll f'diversi dibattiti nazzjonali fil-Bulgarija, l-Estonja, l-Italja, il-Litwanja, il-Portugall u Spanja pereżempju.

⁽⁶⁸⁾ Il-kontribut tal-KESE għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2017, il-15 ta' Ġunju 2016.

4.13 B'mod ġenerali, u fil-qafas tal-kompetenzi tal-UE, il-Pilastru għandu jimmira li jipprovdi qafas ta' referenza komuni bħala punt ta' riferiment u għal sorveljanza tal-qafas legali u ta' politika nazzjonali meħtieġ biex jiġi żgurat id-dritt għal dispożizzjonijiet ta' kwalità tajba b'mod partikolari tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali⁽⁶⁹⁾, inkluż id-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali kif ukoll is-sostenibbiltà u l-effettività. Dan għandu japplika għal kull fergħa tas-sigurtà soċjali⁽⁷⁰⁾ kif ukoll għas-servizzi (ta' protezzjoni) soċjali l-oħrajn kollha.

4.14 Bl-istess mod, il-Pilastru għandu jkollu l-għan li joħloq l-inċentivi meħtieġa għall-Istati Membri sabiex jassiguraw l-portabbiltà tal-intitolamenti akkwistati skont kriterji nazzjonali rilevanti, biex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera. Dan ir-rikonoxximent jista' jippermetti appoġġ aktar adattat għal kull individwu biex jorganizza l-ħajja professjonali u privata tiegħu. Għandu jipprovdi mezzi iktar rispettużi u flessibbli sabiex jadattaw għaċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull ċittadin tal-UE, b'mod partikolari li jippermettu tranżizzjonijiet mingħajr xkiel lejn is-suq tax-xogħol, fih u 'l barra minnu.

4.15 Barra minn hekk, il-Pilastru għandu jintuża biex jiġu stabbiliti punti ta' riferiment dwar il-forniment ta' servizzi essenzjali. L-istrategġiji ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri għandhom jiġu żviluppatti b'kont meħud tas-sitwazzjoni soċjoekonomika u fiskali speċifika ta' kull pajjiż. Il-punti ta' riferiment m'għandhomx ikunu limitati għad-disponibbiltà ta' servizzi u għandhom imexxu l-implimentazzjoni ta' prinċipji essenzjali stabbiliti fil-Protokoll 26 (aċċess universali, kwalità, sikurezza, affordabilità, trattament indaqs u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-utenti). Il-Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali u l-Qafas Ewropew għall-Kwalità fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għandhom jintużaw bħala referenza fl-iżvilupp ta' punti ta' riferiment.

4.16 Il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd huwa mnaqqax fit-Trattati Ewropej u għandu jkun rifless kompletament u adegwament f'pilastru soċjali inklużiv. Billi l-aċquis tal-UE diġà tipprevedi sett komuni ta' standards minimi għall-ħaddiema madwar l-Ewropa, huma għandhom jiġu infurzati. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għandhom jiġu żgurati għall-irġiel u għan-nisa u għall-gruppi kollha fis-soċjetà tagħna, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, persuni LGBTI, persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet etniċi u oħrajn li jiffaċċaw diskriminazzjoni.

4.17 Il-kisba ta' livelli ogħla ta' parteċipazzjoni fid-dinja tax-xogħol ta' gruppi diversi fl-Ewropa hija essenzjali sabiex jiġu ffaċċjati t-tixjiħ demografiku u popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos. Hemm bżonn isir progress ukoll fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'aspetti oħra tal-ħajja, lil hinn mix-xogħol, bħalma huma l-aċċess għall-beni u għas-servizzi, għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa. F'dan il-kuntest, it-tama hi li d-diskussjonijiet dwar Direttiva dwar it-Trattament Indaqs tal-UE dwar l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi jiġu mnedija mill-ġdid malajr kemm jista' jkun.

5. Ir-riżultati minn dibattiti mas-soċjetà ċivili organizzata

5.1 Il-KESE organizza dibattiti mas-soċjetà ċivili organizzata f'kull Stat Membru bejn it-2 ta' Settembru u t-2 ta' Novembru 2016. Id-dibattiti kienu kkoordinati minn tliet membri tal-KESE ("triji") mill-pajjiż ikkonċernat, ħafna drabi f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (15-il dibattitu) jew il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali nazzjonali (7 dibattiti). Il-parteeipanti kienu ġejjin minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, trejdunjins u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn, kif ukoll, b'mod anqas frekwenti, mill-qasam akkademiku. B'kolloxx, madwar 1 800 rappreżentant ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili pparteċipaw fit-28 dibattitu.

5.2 Intuża sett ta' mistoqsijiet ewlenin bħala bażi għad-diskussjonijiet fil-biċċa l-kbira tad-dibattiti. Id-dibattiti koprew firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, li jirriflettu d-diversi sistemi nazzjonali, il-prijoritajiet u ċ-ċirkostanzi. Wara d-dibattiti, it-triji kkoordinaturi ħejjew rapporti nazzjonali li, fil-biċċa l-kbira tal-każi, kienu jinkludu Konklużjonijiet u/jew Rakkomandazzjonijiet. Il-mistoqsijiet ta' gwida kienu dawn:

- 1) X'taħseb li huma l-iżjed sfidi ekonomiċi u soċjali urġenti fl-Ewropa u f'pajjiżek? X'hemm bżonn biex dawn jiġu indirizzati?
- 2) Taħseb li hemm bżonn ta' Pilastru tad-Drittijiet Soċjali u, jekk iva, kif għandu jkun imfassal biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u ekonomiċi ewlenin fl-Ewropa u f'pajjiżek?

⁽⁶⁹⁾ Inkluż f'każ ta' diżabbiltà, kura fit-tul, ħarsien tat-tfal.

⁽⁷⁰⁾ Il-benefiċċji tal-kura tas-saħħa u tal-mard, il-benefiċċji tal-qgħad, il-benefiċċji tax-xjuħija, il-benefiċċji għal korrimment fuq il-post tax-xogħol, il-benefiċċji tal-familja, il-benefiċċji -tal-maternità, il-benefiċċji tal-invalidità, il-benefiċċji tas-superstiti.

- 3) Kif tista' strateġija mġedda tas-suq tax-xogħol fil-livell tal-UE tindirizza l-ħtiġijiet tal-intrapriżi, il-ħaddiema u dawk li jkunu qed ifittxu impjeg fir-rigward tal-flessibbiltà u s-sigurtà? Din kif tista' tikkunsidra kwistjonijiet importanti bħar-realtajiet ġodda ta' ekonomiji u swieq tax-xogħol li qed isiru dejjem iżjed diġitalizzati, l-isfida tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, u l-bżonn li jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol?
- 4) Kif għandhom jiġu żgurati s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u li r-riżorsi disponibbli jiġu prijorizzati f'investimenti u servizzi soċjali effettivi, rilevanti u bżonjużi? X'inhu r-rwol tal-atturi differenti?
- 5) Kif jista' l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappoġġja b'mod pożittiv il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-Ewropa?
- 6) X'neħtieġu biex nippromovu u nsostnu soċjetajiet koeżivi fl-Ewropa?

5.3 Il-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet tar-rapporti tal-pajjiż tal-membri tat-triju żvelaw li għadd ta' temi/suġġetti komuni tqajmu matul diversi dibattiti. Dawn huma miġbura fil-qosor f'din it-taqsima tal-Opinjoni.

5.3.1 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-format tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali:

- Fi 18-il Stat Membru, il-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet juru li s-soċjetà ċivili organizzata, jew partijiet minnha, appoġġjaw l-inizjattiva tat-tnedija tal-EPSSR (CY, DE, EE, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SE, SI, SK). Fi 12-il Stat Membru (DE, EE, ES, FI, HR, HU, IE, IT, LU, MT, PT, SK) ġie ddikjarat li l-għanijiet, il-kamp ta' applikazzjoni u/jew il-kontenut tal-Pilastru għandhom jiġu ċċarati aktar.
- Fi 13-il Stat Membru, il-konklużjonijiet enfasizzaw l-interdipendenza bejn il-politiki ekonomiċi u soċjali (BG, CY, CZ, DE, ES, FI, HR, IE, IT, RO, SE, SI, UK). Barra minn hekk, f'disa' Stati Membri (DE, DK, EE, EL, ES, FI, MT, RO, SE) ġiet enfasizzata l-importanza tat-tkabbir u f'sitt każi, tal-kompetittività (EE, ES, FI, DK, MT, SE).
- Fi 12-il Stat Membru, il-konklużjonijiet jafferaw li l-EPSSR għandu japplika għall-UE kollha (BG, DE, CZ, EE, ES, FI, HR, HU, IT, PL, SK, SE).
- F'disa' Stati Membri, il-konklużjonijiet semmew jew l-implimentazzjoni/infurzar tal-EPSSR, jew l-implimentazzjoni/infurzar tal-acquis u l-politiki eżistenti (BG, DK, EE, HR, IE, LV, LT, PL, SE). F'ħamsa minn dawn il-pajjiżi, (BG, HR, IE, LV, LT) kien enfasizzat b'mod partikolari li l-pilastru għandu jiġi inkluż fl-eżerċizzju tas-Semestru Ewropew.
- Fil-konklużjonijiet ta' tmien pajjiżi (DE, EL, ES, FI, HU, PT, SK, RO), il-ħtieġa li tiġi promossa l-koeżjoni soċjali u li jiġi miġġieled il-faqar li qed jiżdied, l-inugwaljanzi u l-esklużjoni soċjali ġew enfasizzati.
- F'seba' Stati Membri (BE, CZ, DE, DK, FI, HR, SE), inġibdet l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà. F'dan il-kuntest, tliet Stati Membri Nordiċi (FI, SE, DK) iddefendew il-kompetenza nazzjonali tan-negozjar kollettiv u tliet Stati Membri t-tqassim tal-kompetenzi (FI, SE, BE).
- Il-kwistjoni tal-konverġenza (inkluż konverġenza 'l fuq, konverġenza fuq il-politiki soċjali u/jew il-konverġenza bejn l-Istati Membri b'mod ġenerali) kienet imsemmija minn tmien Stati Membri (BG, DE, FR, HR, HU, IT, PT, SK).
- Il-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet fsitt Stati Membri semmew il-ħtieġa għal investiment, kemm pubbliku, privat u/jew soċjali (CZ, EL, ES, HR, IE, SL).

5.3.2 It-temi ewlenin imsemmija fil-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet u marbuta mal-abbozz preliminari tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-EPSSR:

- Ir-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali kien imsemmi fil-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet ta' 11-il Stat Membru (CY, EE, ES, FI, HU, HR, IE, LV, RO, SI, SK).
- F'seba' Stati Membri (CY, EE, FI, IE, LV, RO, SI), l-importanza tad-djalogu ċivili ġiet enfasizzata (anke jekk din il-kwistjoni ma kinitx inkluż fl-abbozz preliminari tal-Kummissjoni dwar l-EPSSR).

- F'sitt Stati Membri (CY, DK, HR, HU, PL, SI) il-konklużjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jadattaw għal bidliet, b'mod partikolari minħabba d-diġitalizzazzjoni.
- Il-ħtieġa li jittieħed kont tal-isfidi u l-bidliet li jirriżultaw mill-iżviluppi demografiċi ssemew fil-konklużjonijiet ta' tliet pajjiżi (BG, CY, SI).
- Kwistjonijiet bħal benefiċċji u servizzi soċjali integrati, il-kura tas-saħħa u l-benefiċċji tal-mard, il-pensjonijiet, il-benefiċċji tal-qgħad, dħul minimu u aċċess għal servizzi essenzjali (li huma fost l-20 prinċipju msemmija fl-abbozz preliminari tal-Kummissjoni dwar l-EPSSR) kif ukoll is-sigurtà soċjali, l-istandards soċjali u s-sostenibbiltà tal-protezzjoni soċjali kienu l-kwistjonijiet imsemmija l-iżjed ta' spiss fil-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet. Waħda jew aktar minn dawn il-kwistjonijiet kienu msemmija fil-konklużjonijiet ta' 22 Stat Membru (BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, FI, FR, HR, HU, IT, LT, LU, LV, MT, PT, RO, SE, SI, SK, UK).
- L-impjeggi, il-ħolqien tal-impjeggi u l-ġlieda kontra l-qgħad (inkluż il-qgħad fost iż-żgħażaġh) issemew fil-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet ta' seba' pajjiżi (BE, CZ, EL, ES, FI, HR, RO).
- Fi 11-il Stat Membru (BE, BG, CY, CZ, DE, DK, FI, FR, HR, HU, SI) il-konklużjonijiet iffukaw fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet (ukoll fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tas-suq tax-xogħol).
- F'10 Stati Membri (BE, CY, CZ, DK, FI, HR, HU, MT, RO, UK) il-konklużjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi marġinalizzati u sottorappreżentati u f'seba' minn dawn (BE, DE, DK, FI, HU, MT, UK) l-ugwaljanza bejn is-sessi ssemmiet f'dan il-kuntest.
- Fi tmien Stati Membri (CZ, CY, DK, FI, FR, HR, RO, SE) issemmiet kwistjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: il-ħtieġa għall-istabbiltà tal-impjieg, tranżizzjonijiet, xogħol deċenti u/jew sigurtà soċjali, xi drabi flimkien mad-diġitalizzazzjoni tas-suq tax-xogħol.
- Fi tliet Stati Membri (DK, FI, SI) il-konklużjonijiet semmew, rispettivament, il-fatt li l-kunċett ta' "flessigurtà" jista' jgħin biex ikun mħares mill-ġejjieni ("future proof") il-mudell soċjali tal-Ewropa, il-ħtieġa għal bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà u li l-ħtieġijiet ekonomiċi tax-xogħol flessibbli għandhom jiġu kkunsidrati.

5.4 Il-Konklużjonijiet/Rakkomandazzjonijiet urew ukoll li l-element prinċipali ta' diverġenza kien jekk l-EPSSR għandu jipprevedi miżuri leġislattivi. Il-parteċipanti fi h'dan u fost il-pajjiżi kienu diviżi dwar il-kwistjoni, bir-rappreżentanti ta' min iħaddem (ġeneralment) ma jappoġġjawx l-idea ta' leġislazzjoni ulterjuri u r-rappreżentanti tat-trade unions (ġeneralment) jesprimu fehma għall-kuntrarju.

6. Governanza

6.1.1 Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jeħtieġ ħafna aktar ċarezza f'dak li jikkonċerna l-kontenut, il-proċessi, l-inizjattivi konkreti għall-implimentazzjoni tiegħu, il-finanzjament u l-monitoraġġ, minbarra ċarezza dwar ir-rwol tal-atturi differenti. Il-kwistjoni ta' governanza hija tal-akbar importanza, b'rispett lejn dak li hu previst mit-Trattati, inkluż il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Iċ-ċittadini għandhom dritt li jkunu jafu min huwa responsabbli u min irid jagħti kont ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

6.1.2 Fir-rigward tal-atturi rilevanti u r-rwol tagħhom, il-KESE jenfasizza li fi kwistjonijiet tas-suq tax-xogħol, sħubija bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali hija kruċjali biex jittejeb il-progress tal-politika lejn l-oġettivi appoġġjati b'mod wiesa'. Fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, jaqdu rwol ċentrali l-gvernijiet, l-awtoritajiet pubbliċi/reġjonali/lokali u istituzzjonijiet nazzjonali differenti li għandhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tas-sigurtà soċjali kif ukoll bħala provvedituri ta' servizz soċjali. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali wkoll ta' spiss għandhom rwol u responsabbiltajiet fl-elaborazzjoni/fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' protezzjoni soċjali u fis-servizzi soċjali. Partijiet interessati oħra, bħalma huma l-aġenziji soċjali, jista' jkollhom kompetenza b'mod partikolari fl-assistenza soċjali u jistgħu jaqdu rwol u jipprovdur xbieki ta' sikurezza għal grupp tal-popolazzjoni li huwa fir-riskju tal-faqar.

6.1.3 Il-KESE jenfasizza li dan il-Pilastru jista' jsir proġett pożittiv għall-Ewropa, u għal kulħadd, iżda biss jekk ir-riżultati tiegħu jkunu viżibbli. F'dawn iż-żminijiet ta' kriżi, il-Pilastru jista' jkun opportunità tajba biex jintwera li l-livell tal-UE għadu kapaċi jagħti tweġiba adatta, fejn xieraq, għall-isfidi li jiffaċċjaw persuni normali, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-diviżjoni tal-kompetenzi u l-prinċipju ta' sussidjarjetà. B'mod partikolari, il-Pilastru għandu jservi biex jippromovi l-benesseri tan-nies f'konformità mal-obbligu tat-Trattat lejn, fost l-oħrajn, 'ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità ta' l-ambjent' (Artikolu 3 TUE). Barra minn hekk, il-Pilastru għandu jikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Fl-istess waqt, il-KESE jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza tal-Pilastru fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Il-KESE jibża' li dan jista' johlq aktar inċertezza u frustrazzjoni billi jgħolli l-aspettattivi li mhux jew ma jistgħux jintlaħqu⁽⁷¹⁾.

6.2 *Drittijiet soċjali għal kulħadd*

6.2.1 Il-Kummissjoni tippromovi li l-ewwel Pilastru għandu japplika l-ewwel għaż-żona tal-euro, billi diġà beda l-proċess ta' integrazzjoni u konsolidazzjoni ulterjuri lejn livell ogħla ta' konverġenza. Madankollu, id-dispożizzjonijiet soċjali fit-Trattati tal-UE⁽⁷²⁾ jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE. Fid-dawl ta' dak li ġie ddikjarat f'bosta dibattiti nazzjonali, il-KESE huwa tal-fehma li l-Pilastru għandu japplika għal kull wieħed mit-28 Stat Membru tal-UE.

6.2.2 F'opinjoni preċedenti, il-KESE nnota li politiki makroekonomiċi soċjalment sostenibbli huma prerekwiżit għal irkupru ekonomiku aktar b'saħħtu u biex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, kunsiderazzjoni aħjar tar-realtajiet ekonomiċi hija prekondizzjoni essenzjali biex jinkiseb impjieg produttiv u politiki soċjali mfassla tajjeb fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'mod ġust bejn il-ġenerazzjonijiet. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi fuq l-użu tal-flessibilità fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fejn il-Kummissjoni se tqis ċerti investimenti pubbliċi meta tikkalkula d-defiċit fiskali, iżda jikkunsidra dan bħala miżura limitata u parzjali⁽⁷³⁾.

6.3 *Is-Semestru Ewropew*

6.3.1 Is-Semestru Ewropew u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma — li japplikaw bl-istess mod għal pajjiżi li mhumiex fiż-żona euro — għandhom isiru l-vetturi prinċipali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Pilastru. Madankollu, meta wieħed iqis il-mekkaniżmi addizzjonali ta' monitoraġġ makroekonomiku li jeżistu fi ħdan is-Semestru Ewropew, huwa possibbli li jistgħu jiżviluppaw punti ta' riferiment addizzjonali bħala appoġġ għar-riformi nazzjonali. Ir-rabta bejn il-Pilastru u s-Semestru Ewropew kienet imsemmija f'għadd ta' dibattiti nazzjonali⁽⁷⁴⁾.

6.3.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li wħud mill-għanijiet ta' politika ekonomika tal-governanza ekonomika tas-snin reċenti għandhom isiru iktar konformi mal-għanijiet tal-politika soċjali tal-UE skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE⁽⁷⁵⁾. L-azzjonijiet kollha tas-Semestru Ewropew — f'konformità mal-klawżola soċjali orizzontali⁽⁷⁶⁾ — għandhom jiġu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt soċjali. Dawn ir-riżultati għandhom isiru pubbliċi u jiġu diskussi fil-livell nazzjonali u Ewropew⁽⁷⁷⁾.

6.3.3 Il-KESE ddikjara fil-passat li matul is-Semestru Ewropew, il-miri soċjali u tal-impjieg għandhom jitqiegħdu fuq l-istess livell tal-kwistjonijiet makroekonomiċi fis-Semestru Ewropew⁽⁷⁸⁾. Huwa rrakkomandat ukoll li għandu jkun hemm indikaturi komuni u paragonabbli, pereżempju dwar il-faqar u l-inugwaljanza, kif ukoll valutazzjonijiet mandatarji tal-impatt soċjali tal-aġendi ta' riforma kollha proposti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs)⁽⁷⁹⁾.

6.3.4 Il-KESE jappella għal bilanċ ġdid tas-Semestru Ewropew sabiex it-tabella ta' valutazzjoni li diġà teżisti tal-indikaturi ewlenin dwar l-impjieg u l-qasam soċjali tiġi kkunsidrata meta jiġu fformulati s-CSRs.

⁽⁷¹⁾ In-nuqqas ta' ċarezza tqajjem f'ħafna Stati Membri, b'ċerti sezzjonijiet tas-soċjetà ċivili jesprimu tħassib li dan jista' jkollu effett ta' 'boomerang'. Jekk jinħolqu aspettattivi li fl-aħħar mill-aħħar ma jiġux ssodisfati, dan jista' jwassal għal iktar frustrazzjoni u nuqqas ta' fiduċja.

⁽⁷²⁾ L-Artikolu 3 tat-TUE, l-Artikolu 9 tat-TFUE, Titolu X tat-TFUE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

⁽⁷³⁾ ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33.

⁽⁷⁴⁾ Dibattiti nazzjonali fl-Awstrija, il-Bulgarija, l-Italja, in-Netherlands u r-Rumanija.

⁽⁷⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

⁽⁷⁶⁾ Artikolu 9 tat-TFUE.

⁽⁷⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 57.

⁽⁷⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 61.

⁽⁷⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 57.

6.3.5 L-objettiv ta' aktar konverġenza lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ghaxxien għandu jiġi ffaċilitat b'miri speċifiċi, b'kont meħud tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-gwida tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali.

6.4 *Governanza Ekonomika u Soċjali*

6.4.1 Il-KESE huwa mħasseb immens dwar l-istabbiltà tal-UE, peress li r-riformi meħtieġa, b'tibdil jew mingħajru fit-Trattati, dejjem iseħħu fl-aħħar minuta u ħafna drabi taħt pressjoni kbira. Hemm bżonn li għal darb' oħra tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, politika u ekonomika tal-UE u li titkompla l-integrazzjoni ekonomika u monetarja bħala l-bażi għal UEM li tiffunzjona tajjeb. Għaldaqstant, irid bilfors isir dibattitu serju dwar arkitettura robusta tal-UEM, li tkun teħtieġ kunsens dwar l-għanijiet ekonomiċi u soċjali kif ukoll governanza maqbula⁽⁸⁰⁾.

6.4.2 Il-koeżjoni soċjali, politika u ekonomika trid tiġi infurzata biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja li tassorbi x-xokkijiet. Il-KESE jinnota li għandha titqies aktar id-diverġenza tal-ekonomiji tal-UEM u li f'dawn il-pajjiżi għandhom jiġu introdotti riformi strutturali bilanċjati li jirriflettu r-rekwiżiti tal-unjoni monetarja u r-rekwiżiti nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-konverġenza meħtieġa.

6.4.3 Il-KESE diġà ssuġġerixxa kif l-UEM tista' titfassal aħjar u ressaq proposti għall-iżvilupp tad-disinn soċjali u demokratiku tagħha, kemm jista' jkun malajr fil-qafas tal-metodu Komunitarju. Dan għandu jsaħħaħ ir-reżiljenza demokratika u jilħaq l-obbligi soċjali tat-Trattati⁽⁸¹⁾.

6.4.4 UEM ekonomikament soda hija ta' importanza ewlenija. Kif diġà ġie ddikjarat mill-KESE, f'dan il-kuntest, il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom responsabbiltà importanti għall-iżvilupp ulterjuri ta' UEM demokratika u soċjali. Dan japplika wkoll għall-imsieħba soċjali, kemm nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew, li għalihom l-UEM tipprovdi qafas globali għas-sistemi rispettivi tagħhom tal-formazzjoni tal-pagi u l-organizzazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-politika soċjali. Bħala atturi ekonomiċi u soċjali jaqdu rwol prinċipali fir-rigward tal-konformità mal-għan tal-istabbiltà komuni tal-UEM⁽⁸²⁾. Involvement akbar tal-imsieħba soċjali jista' jikkontribwixxi għal governanza mtejba tal-UEM. Il-fehmiet tagħhom dwar l-organizzazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-politika soċjali għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest tad-dibattiti dwar il-futur tal-UEM⁽⁸³⁾. Djalogo msaħħaħ u strutturat mas-soċjetà ċivili għandu jgħin ukoll biex titjeb ir-reżiljenza demokratika u l-governanza.

6.4.5 Il-KESE huwa tal-fehma li l-indirizzar ta' żbilanċi persistenti kif ukoll il-ħolqien ta' fiduċja u kunfidenza madwar l-Ewropa, jeħtieġu governanza ekonomika aktar effettiva u demokratika, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro⁽⁸⁴⁾.

6.5 *L-infurzar u l-affermazzjoni mill-ġdid tal-Acquis Soċjali eżistenti*

6.5.1 Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkollu l-għan li jikkontribwixxi għal infurzar effettiv tal-acquis soċjali legali eżistenti stabbilit fil-leġislazzjoni primarja u sekondarja tal-UE fir-rigward tal-impjiegi u d-drittijiet soċjali, inklużi b'mod partikolari l-protezzjoni soċjali u superviżjoni effettiva, permezz ta' spezzjoni tax-xogħol, fost oħrajn, u d-dritt għal rimedju effettiv u aċċess għall-ġustizzja. Is-sorsi internazzjonali legalment vinkolanti tad-drittijiet ratifikati mill-Istati Membri għaċ-ċittadini tal-UE għandhom jiġu rispettati b'mod sħiħ.

6.5.2 Il-KESE jemmen li l-Pilastru jipprovdi għall-opportunità biex jiġi affermat mill-ġdid l-acquis soċjali eżistenti. Barra minn hekk, il-proċess tal-iżvilupp ta' Pilastru jagħti wkoll skop biex jiġi valutat x'jaħdem u x'ma jaħdimx, dak li hemm nieqes u x'għandu jittejjeb fl-approċċ tal-Istati Membri u tal-UE sabiex titrawwem konverġenza soċjali u ekonomika mgeġda, ikun hemm tkabbir sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE.

⁽⁸⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

⁽⁸¹⁾ ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8 u ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33.

⁽⁸²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

⁽⁸³⁾ Ara pereżempju l-analiżi dettaljata dwar l-impjiegi.

⁽⁸⁴⁾ ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

6.6 *Riżorsi għall-istabbilizzazzjoni soċjali tal-Ewropa*

6.6.1 Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej huma maħsuba biex jaqdu rwol kruċjali fil-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali. Il-KESE huwa tal-fehma li użu aktar effettiv u effiċjenti ta' dawn il-fondi huwa meħtieġ u li l-investment fit-tul f'infrastruttura soċjali u servizzi soċjali ta' kwalità għolja, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u l-Bank Ewropew tal-Investment, għandu jingħata prijorità u jiġi akkoppjat mal-implimentazzjoni tal-Pilastru.

6.6.2 Fil-limiti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-KESE ppreżenta proposti u għażliet differenti. Waħda tista' tkun regola "tad-deheb" jew tabilħaqq, "tal-fidda" ⁽⁸⁵⁾ għall-investment pubbliku, inkluż fis-settur soċjali, mill-Istati Membri biex jiżied mal-investment pubbliku tal-UE permezz ta' sistema ta' parametri maqbula b'mod komuni li, flimkien mar-riformi strutturali t-tajbin, irawwmu wkoll l-investment privat ⁽⁸⁶⁾;

6.6.3 Fil-kuntest tal-baġits u r-reviżjonijiet tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-KESE jemmen li huwa neċessarju li jintużaw, kif diġà indikat mill-Kummissjoni, 25 % tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jiġifieri l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, biex jiġi promoss l-investment soċjali fil-politiki u s-servizzi soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u ta' akkomodazzjoni. Barra minn hekk, xi riżorsi għandhom jiġu allokati fil-livell tal-UE taħt il-FSE bħala finanzjament disponibbli biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jippromovu l-investment soċjali fil-prattika u kif għandhom jimmonitorjaw il-kwalità u l-effikaċja tal-proġetti.

6.6.4 Fl-2014, il-KESE għamel referenza għal mekkaniżmu ta' distribuzzjoni mill-ġdid li għandu jintuża f'każ ta' xokkijiet asimetriċi ⁽⁸⁷⁾ u indika li l-Unjoni u speċjalment iż-żona tal-euro ma jistgħux jinjoraw il-konsegwenzi soċjali tal-politiki ekonomiċi attwali billi jitħallew kompletament fidejn il-pajjiżi individwali. Huwa enfasizza l-ħtieġa li l-baġits tal-edukazzjoni u t-taħriġ jitqiesu bħala investment fil-ġejjieni ⁽⁸⁸⁾. Il-partiċipanti f'ċerti dibattiti nazzjonali ddiskutew jekk l-assigurazzjoni kontra l-qgħad jew fond ta' aġġustament tal-UE kinux meħtieġa u jekk jistgħux ikunu fattibbli ⁽⁸⁹⁾. Dawn id-dibattiti wrew li fehmiet dwar din il-kwistjoni jvarjaw b'mod sinifikanti u li dawn id-diskussjonijiet għandhom jittkomplew ⁽⁹⁰⁾.

6.7 *Ir-rabta bejn l-istrateġija globali u tal-UE*

6.7.1 Ir-riflessjonijiet dwar il-Pilastru għandhom jikkunsidraw ukoll, fejn xieraq, id-dimensjoni globali. L-aħħar dibattiti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u l-FMI huma essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward ta' evidenza li turi li l-inugwaljanza taffettwa d-durabilità tat-tkabbir u li r-ridistribuzzjoni ma tagħmilx ħsara lit-tkabbir. Ir-riflessjonijiet għandhom jirrikonnoxxu wkoll li s-sostenibilità tal-mudell soċjali Ewropew hija marbuta mat-titjib tal-kompetittività globali tal-Ewropa.

6.7.2 L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli għet miftiehma bejn l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. Bħala tali, l-ilħiq ta' dawn l-għanijiet huwa obligu għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Pilastru jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, speċjalment fir-rigward tal-Għan 1 (Jinqered il-Faqar), 3 (Is-Saħħa u l-Benessri), 5 (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi) u 8 (Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku).

6.8 *Strateġija ġenerali ċara għal ġejjieni aħjar fl-Ewropa*

6.8.1 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi strateġija ċara u koerenti għall-Pilastru. Il-KESE jaqbel mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) li ddikjaraw li "il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jibbaża fuq u jtejjeb l-istrumenti eżistenti, inklużi l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi (EES) u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali (MMK soċjali), u abbażi ta' dan iservi bħala boxxla għall-proċess tat-trawwim ta' konverġenza fuq sostenibbli f'termini ta' eżiti soċjali u ta' impjiegi, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali" ⁽⁹¹⁾. Jista' jkun parti minn dan il-proċess it-tfassil ta' punti ta' riferiment adatti ġodda fuq għadd

⁽⁸⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 73.

⁽⁸⁶⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10, dwar aktar flessibilità tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fir-rigward ta' ċertu "investment pubbliku".

⁽⁸⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 86.

⁽⁸⁸⁾ ĠU C 327, 12.11.2013, p. 58, ĠU C 271, 19.9.2013, p. 1.

⁽⁸⁹⁾ Dibattiti nazzjonali fil-Finlandja u Franza, pereżempju.

⁽⁹⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 59.

⁽⁹¹⁾ Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali — Opinjoni Konġunta EMCO-SPC, dokument Nru 12605/16, approvata mill-Kunsill EPSCO fit-13 ta' Ottubru 2016.

limitat ta' sfidi ewlenin tas-suq tax-xogħol u tal-qasam soċjali, sabiex jiġi evalwat il-progress. L-istabbiliment ta' dan il-qafas ta' kooperazzjoni għandu jgħin lill-Istati Membri jiksbu riżultati pożittivi permezz ta' riformi⁽⁹²⁾ u jikkontribwixxu għal koeżjoni soċjali akbar.

6.8.2 Minkejja r-riskji evidenti, madankollu, il-KESE għadu jemmen li l-UE hija kapaċi twassal UE aħjar, aktar demokratika u soċjali. Il-KESE ser jagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex jappoġġja dibattiti fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE biex jiġu involuti ċ-ċittadini "għal futur aħjar fl-Ewropa". Globalizzazzjoni ġusta, li ttipprovi ħajja tajba, biżżejjed opportunitajiet ta' impjeg u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd, tista' tinkiseb biss jekk l-UE żżomm l-għaqda tagħha u tkun kapaċi taġixxi. Sabiex tippreserva l-mudell tas-soċjetà tagħha, l-Ewropa trid tkun kapaċi tadatta ruħha għar-realtajiet li qed jinbidlu sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet għal kulħadd. Din hija l-alternattiva tagħna għall-protezzjoniżmu, in-nazzjonaliżmu u l-populiżmu.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁹²⁾ Dibattiti nazzjonali fir-Rumanija, pereżempju.

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

522 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-25 U T-26 TA' JANNAR 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali”

(COM(2016) 593 final — 2016/0280 (COD))

u dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju”

(COM(2016) 594 final — 2016/0284 (COD))

u dwar il-“Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permissi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni”

(COM(2016) 596 final — 2016/0278 (COD))

(2017/C 125/03)

Relatur: **Juan MENDOZA CASTRO**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 6.10.2016 Kunsill, 26.10.2016 u 24.10.2016
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-“Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum”
Adottata fis-sezzjoni	13.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	144/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pakkett ta' miżuri biex id-drittijiet tal-awtur jiġu adattati għar-rekwiżiti tal-ekonomija diġitali.

1.2 L-UE hija nieqsa minn sistema integrata ta' drittijiet tal-awtur. Biex tistabbilixxi sistema bħal din, l-oġettiv prinċipali huwa li titneħħa l-frammentazzjoni filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-protezzjoni tal-awturi anke quddiem il-ġganti teknoloġiċi li jiddominaw is-suq.

1.3 Il-qasam tad-drittijiet tal-awtur huwa kkumplikat ħafna minħabba li jeżistu diversi partijiet interessati b'interessi differenti, iżda li xorta huma b'żonn xulxin. Ir-regolamentazzjoni għandha tistabbilixxi bilanċ bejn id-drittijiet tal-partijiet kollha, waqt li jiġu evitati l-burokrazija u r-rekwiżiti bla b'żonn.

1.4 Fid-dawl tal-approċċ "progressiv" tal-Kummissjoni, il-KESE jissuġġerixxi li tiġi riveduta u kkonsolidata l-liġi eżistenti inklużi t-tibdiliet li saru f'Direttivi oħra, tiġi kkunsidrata l-hteġa li jiġu proposti miżuri dwar il-każijiet tal-magni tat-tiftix fuq l-internet u trasferiment b'xejn ta' kontenut permezz tan-netwerks tal-Wi-Fi u jiġu regolati ċerti aspetti permezz ta' regolament.

1.5 Il-Kumitat jenfasizza l-importanza u l-b'żonn li l-UE tirtatfika immedjatament it-Trattat ta' Marrakexx dwar id-drittijiet tal-awtur għall-persuni neqsin mid-dawl hija importanti u neċessarja.

1.6 **Trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u trażmissjoni mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju:** il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni hija adegwata u ser tippromovi d-distribuzzjoni ta' produzzjonijiet ċinematografiċi Ewropej. Il-prinċipju tal-"pajjiż tal-oriġini" mhuwiex kontradittorju mat-territorjalità tad-dritt u l-libertà kuntrattwali.

1.7 **Adattament tal-eċċezzjonijiet għall-ambjent diġitali u transkonfinali:** għalkemm il-proposti tal-Kummissjoni jidentifikaw il-problemi b'mod korrett, il-KESE jipproponi numru ta' emendi għalihom biex id-drittijiet tal-awtur jiġu adattati aħjar għar-rekwiżiti attwali. Dawn huma:

- jiġi inkluż il-prinċipju ta' nullità ipso jure ta' kwalunkwe ftehim li jmur kontra l-eċċezzjonijiet u l-limiti tad-drittijiet tal-awtur ⁽¹⁾;
- l-estrazzjoni ta' testi u ta' data:
 - bil-għan li jiġu promossi l-intrapriżi innovattivi, il-kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 2 tal-proposta) għandu jinkludi riċerkaturi u intrapriżi li joperaw għall-profit;
 - ikun għaqli li l-prinċipju li s-sempliċi fatti u d-data m'għandhomx ikunu soġetti għad-drittijiet tal-awtur (imsemmija fil-premessa 8) jiġi inkluż fit-test;
- **kopja ta' xogħlijiet għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali** ⁽²⁾: l-eċċezzjoni għandha tiġi ċċarata u estiża sabiex ix-xogħlijiet li mhumiex disponibbli minn kanali kummerċjali jew li mhumiex fornuti b'mod attiv mid-detenturi tad-drittijiet jistgħu jsiru aċċessibbli online għal skopijiet mhux ta' profit;
- jitneħħa r-rekwiżit li jintużaw "terminali għal tapposta fuq il-post tal-istabbilimenti" ⁽³⁾, biex l-aċċess għal xogħlijiet u materja oħra jsir teknoloġikament newtrali;
- tiġi inkluża eċċezzjoni ġdida fir-rigward tal-**provvediment transkonfinali mhux kummerċjali ta' dokumenti** mil-libreriji u arkivi Ewropej;
- tiġi emendata l-eċċezzjoni għar-**riċerka xjentifika b'għan mhux kummerċjali** fid-Direttiva InfoSoc, peress li hija partikolarment diffiċli biex tiġi applikata f'ċerti każijiet ⁽⁴⁾;

⁽¹⁾ Kif previst fid-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16-22, artikolu 5) u fid-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 1996 (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20-28, artikolu 15).

⁽²⁾ Artikolu 5 fil-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 593 final.

⁽³⁾ Artikolu 5(3)(n) tad-Direttiva InfoSoc (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

⁽⁴⁾ <http://libereurope.eu/blog/2016/10/14/basic-guide-eu-copyright-limitations-exceptions-libraries-educational-research-establishments/>

1.8 Is-sentenza li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddikjarat li, taħt ċerti kundizzjonijiet, **is-self ta' kotba elettroniċi** jista' jkun assimilat għal dak ta' ktieb tradizzjonali ⁽⁵⁾, tissodisfa domanda ripetuta minn daww li jużaw il-libreriji u l-istituzzjonijiet edukattivi.

1.9 Il-proposta għad-digittizzazzjoni, id-distribuzzjoni u l-użu transkonfinali tax-**xogħlijiet li ma jkunux fis-suq** (Titolu III, Kapitolu 1) tiqies b'mod pożittiv.

1.10 Ikun utli li l-eċċezzjoni ta' "**libertà tal-panorama**" tiġi armonizzata permezz ta' regoli Ewropej.

1.11 Il-KESE jappoġġja d-dritt esklussiv tal-pubblikaturi li jawtorizzaw jew jipprojbixxu għal għoxrin sena l-użu diġitali tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa.

1.12 Il-KESE jaqbel mal-obbligu li l-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, li jaħżnu u li jaqgħtu aċċess lill-pubbliku għal ammonti kbar ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materji oħra mtellgħa mill-utenti tagħhom, għandhom jadottaw miżuri xierqa u proporzjonati biex jiżguraw il-funzjonament tal-ftehimiet mad-detenturi ta' drittijiet u jiġi evitat l-aċċess għal xogħol bħal dan (**value gap**).

1.13 Il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta pass 'il quddiem fil-**protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur**, peress li l-awturi huma intitolati għal remunerazzjoni ġusta għall-isforzi kreattivi tagħhom, għandhom ikunu assoċjati mas-suċċess kummerċjali tax-xogħlijiet tagħhom u jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni u finanzjament tax-xogħlijiet.

1.14 Għandu jiġi nnutat il-bżonn li l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu sabiex jiżied l-għarfien tal-utenti dwar il-konformità mal-liġijiet dwar id-drittijiet tal-awtur. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-piraterija u kwalunkwe forma ta' użu ħażin ta' kontenut protett mil-liġi.

2. Il-proposti tal-Kummissjoni

2.1 L-evoluzzjoni tat-teknoloġiji diġitali biddlet il-mod kif ix-xogħlijiet u materjal protett ieħor jinħolqu, jiġu prodotti, distribwiti u użati. Ħarġu fid-dieher użi ġodda, kif ukoll atturi ġodda u mudelli ġodda ta' negozju. Fl-ambjent diġitali, ġew intensifikati wkoll l-użi transkonfinali u mmaterjalizzaw possibbiltajiet ġodda sabiex il-konsumaturi jkollhom aċċess għal kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur.

2.2 Għalkemm l-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur għadhom sodi, hemm bżonn li din il-leġislazzjoni tiġi adatta għal dawn ir-realtajiet ġodda. Hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE anke sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern.

2.3 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali ⁽⁶⁾, adottata f'Mejju 2015, innotat il-ħtieġa li "jitnaqqsu d-differenzi bejn ir-reġimi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur u li jkun hemm aċċess online usa' għal xogħlijiet minn utenti madwar l-UE", filwaqt li enfasizzat l-importanza li jitjib l-aċċess transkonfinali għas-servizzi ta' kontenut protetti minn drittijiet ta' proprjetà intellettwali, u ċċarat ukoll il-funzjoni tas-servizzi online fid-distribuzzjoni ta' xogħlijiet u materjal protett ieħor.

2.4 F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni ⁽⁷⁾, li tispjega l-azzjonijiet speċifiċi u viżjoni fit-tul u tirrifletti l-ħtieġa li s-suq uniku jagħmel progress f'dan il-qasam, li jiġu aġġornati r-regoli skont ir-realtajiet diġitali, jiġi żgurati li l-industriji kreattivi tal-Ewropa jibqgħu kompetittivi u jinżamm bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-awtur u objettivi oħra ta' politika pubblika.

2.5 Wara l-proposta riċenti dwar il-portabilità transkonfinali ⁽⁸⁾, il-Kummissjoni issa qed tippromponi sett ta' miżuri leġislattivi bi tliet għanijiet:

- (i) jiġi żgurati aċċess aktar wiesa' għall-kontenut fl-UE u jintlaħqu udjenzi ġodda,

⁽⁵⁾ Il-kawża C-174/15 Vereniging Openbare Bibliotheken/Stichting Leenrecht (ĠU C 14, 16.1.2017, p. 6).

⁽⁶⁾ COM(2015) 192 final.

⁽⁷⁾ COM(2015) 626 final.

⁽⁸⁾ COM(2015) 627 final.

(ii) jiġu adattati ċerti eċċezzjonijiet għall-ambjent diġitali u transkonfinali, u

(iii) jiġi promoss suq tad-drittijiet tal-awtur ġust u li jiffunzjona tajjeb.

2.6 L-ewwel nett, hemm proposta għal Regolament ⁽⁹⁾ li għandha l-għan li thloq kundizzjonijiet favorevoli għall-forom ġodda ta' distribuzzjoni ta' programmi tat-televiżjoni u tar-radju online u diġitali, simili għal dawk li japplikaw għal trasmissjonijiet tradizzjonali bis-satellita u bil-cable. Ir-regoli l-ġodda, ibbażati fuq dawk fis-seħħ fid-Direttiva dwar is-Satellita u l-Cable ⁽¹⁰⁾, ser jiffaċilitaw u jħaffu l-akkwist tad-drittijiet li huma meħtieġa għal ċerti servizzi online ipprovduti mill-organizzazzjonijiet tax-xandir, kif ukoll għal ċerti servizzi tat-trasmissjoni mill-ġdid. Dawn ir-regoli huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-suq u jkun hemm tixrid usa' tal-produzzjonijiet Ewropej tar-radju u t-televiżjoni. Dan, min-naħa tiegħu, ser jirriżulta f'għażla akbar għall-konsumaturi u aktar diversità kulturali.

2.7 B'mod parallel, il-proposta għal Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali ⁽¹¹⁾ toħloq mekkaniżmu ġdid ta' negozjar li ser jiffaċilita l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' liċenzjar għad-disseminazzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi fuq il-pjattaformi li joffru video-on-demand. Hija parti minn sforz politiku usa' biex jiġu indirizzati d-diversi fatturi li jwasslu għal disponibilità skarsa ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, b'mod partikulari tal-films, fl-UE.

2.7.1 Il-problemi tal-liċenzjar u d-diffikultajiet legali u kuntrattwali relatati għall-użu tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fis-servizzi tal-VOD ser jiġu indirizzati wkoll fi djalogu strutturat mal-partijiet interessati bil-għan li jiġu razzjonalizzati l-prattika dwar l-għoti ta' liċenzji u jiġu ffaċilitati ftehimiet settorjali li jwasslu għal użu aktar sostenibbli u disponibbiltà akbar ta' xogħlijiet Ewropej. Il-Kummissjoni ser tagħti rapport tar-riżultati tad-djalogu fi tmiem l-2018.

2.7.2 Fl-aħħar nett, din il-proposta għal Direttiva fiha wkoll soluzzjonijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' liċenzji dwar id-drittijiet min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali, meħtieġa għad-diġitizzazzjoni u t-tixrid tax-xogħlijiet li ma jkunux fis-suq kummerċjali, iżda li huma ta' valur kulturali sinjifikattiv. L-aċċess għal xogħlijiet f'ambjenti mhux kummerċjali, bħal pereżempju l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, il-libreriji pubbliċi jew lokali mhux teatral, huwa wkoll importanti ħafna sabiex titħeġġeġ id-diversità kulturali, għal skopijiet edukattivi u għall-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed teżamina, flimkien mal-Diretturi tal-Aġenziji Ewropej tal-Films (EFAD) u s-settur awdjoviżiv, il-ħolqien u l-finanzjament fl-2017 ta' katalgu ta' films Ewropej bi skopijiet edukattivi.

2.8 B'mod parallel ġew adottati żewġ proposti leġiżlattivi ⁽¹²⁾ għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattat ta' Marrakexx, li jesigħi lill-partijiet joħlqu eċċezzjonijiet biex jappoġġjaw lill-persuni li għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat bil-għan li dawn jistgħu jaċċessaw il-kotba u materjal ieħor stampat f'formati li jkunu aċċessibbli. Il-proposta għal Direttiva ser tistabbilixxi eċċezzjoni mandatarja u ser tiżgura li tiġi infurzata b'mod li dawn il-kopji f'format aċċessibbli jkunu magħmula u mibjugħa fis-suq uniku. Il-proposta għal Regolament ser jippermetti l-iskambju transkonfinali ta' dawn il-kopji bejn l-UE u l-pajjiżi terzi li huma partijiet għat-Trattat.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pakkett ta' miżuri biex id-drittijiet tal-awtur jiġu adattati għar-rekwiżiti tal-ekonomija diġitali.

3.2 L-arti Ewropea tokkupa pożizzjoni ewlenija globali, iżda l-produzzjoni tal-films, l-industrijali tal-pubblikazzjonijiet u l-kreazzjoni mużikali u artistika jeħtieġ li jiffaċċjaw l-frammentazzjoni tas-suq, ir-rikezza kbira li għandha d-diversità kulturali u lingwistika, it-tranżizzjoni diġitali u r-restrizzjonijiet finanzjarji.

3.3 Is-semplifikazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni għandha tikkontribwixxi biex tonqos il-frammentazzjoni, tiffaċilita l-aċċess transkonfinali għall-kontenut onlinen u biex jinħoloq bilanċ aħjar fil-protezzjoni tal-awturi, speċjalment fil-konfront tal-ġganti korporattivi li jikkontrollaw is-swieq diġitali.

⁽⁹⁾ COM(2016) 594 final.

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 (ĠU L 248, 6.10.1993, p. 15).

⁽¹¹⁾ COM(2016) 593 final.

⁽¹²⁾ COM(2016) 596 final, COM(2016) 595 final.

3.4 Il-qasam tad-drittijiet tal-awtur huwa kkompikat ħafna minħabba li jeżistu diversi partijiet interessati b'interessi differenti, iżda li xorta huma b'zonn xulxin. Ir-regolamentazzjoni għandha tistabbilixxi bilanċ bejn id-drittijiet tal-partijiet kollha.

3.5 Il-Kummissjoni qed tadotta kunċett "progressiv" ⁽¹³⁾ u ma tipproponix reviżjoni komprensiva, iżda żidiet importanti għar-regoli eżistenti. Il-KESE jissuġġerixxi li jitqiesu:

- ir-reviżjoni u l-konsolidazzjoni tal-liġi eżistenti, inklużi tibdiliet li saru f'direttivi oħra, bħal dik dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet tal-awtur ⁽¹⁴⁾ u dik dwar l-użu permess ta' xogħlijiet orfni ⁽¹⁵⁾;
- ir-Regolament bħala strument adegwat sabiex jiġi stabbilit is-suq uniku diġitali ⁽¹⁶⁾;
- huwa meħtieġ jew adegwat li jitqiesu l-kwistjonijiet tal-għodod għat-tiftix fuq l-internet u x-xandir liberu ta' kontenut permezz tan-netwerks tal-Wi-Fi ⁽¹⁷⁾.

4. Miżuri sabiex jiġi żgurat aċċess usa' għall-kontenut fl-UE kollha

4.1 Trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u trażmissjoni mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju ⁽¹⁸⁾

4.1.1 Fl-UE, is-settur tal-iprogrammar u t-trażmizzjoni tar-radju u t-televiżjoni jinkludi kważi 12 000 intrapriża, jimpjega 255 000 persuna u għandu fatturat ta' EUR 665 000 miljun ⁽¹⁹⁾. Ir-riforma hija ġustifikata minħabba li l-mekkaniżmi eżistenti biex jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati ma jkoprox it-trażmissjoni online u lanqas ċerti t-trażmissjonijiet diġitali.

4.1.2 Il-KESE jappoġġja li jiġi inkluż il-prinċipju tal-"pajjiż tal-oriġini", bħalma diġà huwa l-każ għat-trażmizzjoni bis-satellita u bil-kejbil ⁽²⁰⁾, u li ma jmurx kontra t-territorjalità tad-dritt u l-libertà kuntrattwali.

4.1.3 Il-KESE huwa tal-fehma li emenda teknoloġikament newtrali tal-leġislazzjoni dwar ix-xandir diġitali għandha tissemplifika l-proċess ta' akkwist ta' drittijiet għall-fornituri ġodda u b'hekk jitjieb ukoll l-aċċess għall-kontenut importanti għall-konsumaturi.

4.1.4 Ir-riforma tistabbilixxi b'mod opportun li, meta jkun hemm diffikultajiet marbuta mal-għoti ta' liċenzji, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li "korp imparzjali" jiffaċilita l-ftehimiet dwar l-aċċess u d-disponibbiltà ta' xogħlijiet awdjoviviżivi fuq **pjattaformi tal-VOD**.

5. Adattament tal-eċċezzjonijiet għall-ambjent diġitali u transkonfinali ⁽²¹⁾

5.1 Il-libreriji, il-mużewijiet u l-arkivji fl-Ewropa huma spazju kulturali għaċ-ċittadini Ewropej u huma essenzjali għat-trażmissjoni tal-għarfien, l-edukazzjoni u r-riċerka. Fl-istess ħin, jagħtu kontribut ekonomiku importanti f'termini ta' drittijiet tal-awtur ⁽²²⁾.

⁽¹³⁾ Komunikazzjoni COM(2016) 592 final.

⁽¹⁴⁾ Id-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (verżjoni konsolidata) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 12-18).

⁽¹⁵⁾ Id-Direttiva 2012/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU L 299, 27.10.2012, p. 5-12).

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 51).

⁽¹⁷⁾ Ara s-sentenza tal-QĠUE fil-każ C-484/14 Tobias Mc Fadden vs Sony Music Entertainment Germany GmbH (ĠU C 419, 14.11.2016, p. 4-5).

⁽¹⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

⁽¹⁹⁾ Eurostat: Programming and broadcasting statistics (2015).

⁽²⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

⁽²¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

⁽²²⁾ Annwalment ix-xiri tagħhom jiswa EUR 4 800 miljun: Outsell report, "Library Market Size, Share, Performance and Trends".

5.2 Minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni leġislażzjonijiet kumpless, ostakli ġeografiċi u differenzi lingwistiċi, r-riċerkaturi Ewropej jinsabu fi żvantaġġ meta mqabbla ma' dawk ta' nazzjonijiet mexxejja, b'hal pereżempju l-Istati Uniti. Għalhekk, ir-riforma għandha tikseb tliet għanijiet: estensjoni u adattament għar-realtajiet teknoloġiċi ġodda, il-ħolqien ta' forma armonizzata u obligatorja u sigurtà legali fir-regolamentazzjoni tal-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet ⁽²³⁾.

5.3 Id-dikjarazzjoni tal-Aja (2014) tenfasizza l-potenzjal enormi għall-innovazzjoni u r-riċerka tal-estrazzjoni ta' testi u ta' data. Għar-riċerkaturi, l-SMEs u l-kumpaniji teknoloġiċi kbar, l-estrazzjoni ta' testi u ta' data hija għodda fundamentali li fl-UE ma tintużax biżżejjed minħabba restrizzjonijiet legali, teknoloġiċi u kuntrattwali.

5.4 Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi eċċezzjonijiet obligatorji għal oqsma differenti:

- **L-estrazzjoni ta' testi u ta' data b'għanijiet ta' riċerka xjentifika** fil-każ tar-riproduzzjonijiet u estrazzjonijiet imwettqa minn korpi ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ,
- użu diġitali ta' xogħlijiet u materjal ieħor għall-iskop uniku ta' illustrazzjoni għat-**tagħlim**, sa fejn ikun ġustifikat bil-għan mhux kummerċjali li jrid jintlaħaq, u
- **kopja ta' xogħlijiet għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali**.

5.5 Minkejja li l-KESE jqis li l-proposti tal-Kummissjoni jidentifikaw il-problemi b'mod korrett, huwa jipproponi bidliet sabiex il-leġislażzjoni tiġi aġġustata aħjar għall-ħtiġijiet attwali (ara l-konklużjonijiet). Fost affarijiet oħra, huwa importanti li l-eċċezzjonijiet stabbiliti għad-drittijiet tal-awtur ma jiġux annullati minn ftehimiet kuntrattwali jew għodod teknoloġiċi. Min-naħa l-oħra, huwa xieraq li ssir reviżjoni tal-eċċezzjoni għad-drittijiet tal-awtur relatati mar-**riċerka xjentifika b'għan mhux kummerċjali** (Artikolu 5(3)(a) minħabba li huwa diffiċli wisq biex tiġi implimentata ⁽²⁴⁾.

5.6 Il-KESE jappella wkoll għall-armonizzazzjoni tal-eċċezzjoni ta' "**libertà tal-panorama**", li tgħid li l-individwi jistgħu jieħdu u jikkondividu online ritratti ta' xogħlijiet b'hal binjiet jew skulturi li jinsabu f'żoni pubbliċi. Minkejja li tikkonferma li din l-eċċezzjoni hija rilevanti, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-possibbiltà li tiġi implimentata, fuq bażi fakultattiva, fl-Istati Membri.

5.7 *Id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati għall-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li għandhom diffikultajiet oħra*

5.7.1 Il-Kumitat ifakkar fl-importanza u fil-ħtieġa li l-UE tirratifika minnufih it-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għax-xogħlijiet ippubblikati għall-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2016. It-Trattat ser jippermetti lil ħafna ċittadini Ewropej għomja jew b'diżabbiltà fil-vista jkollhom aċċess għal numru akbar ta' xogħlijiet aċċessibbli, u għalhekk, ser jinfetħilhom il-bieb għall-kultura, l-edukazzjoni, l-impjegji, u fl-aħħar mill-aħħar, għal inklużjoni soċjali ġenwina.

5.7.2 Il-proposti għal Regolament ⁽²⁵⁾ u għal Direttiva ⁽²⁶⁾ ser jippermettu lill-Unjoni tissodisfa obbligu internazzjonali meħud fil-qafas tat-Trattat ta' Marrakexx. Barra minn hekk, dan huwa konformi mal-obbligi tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

5.8 **L-għoti ta' liċenzji u aktar aċċess għall-kontenut**. B'mod opportunt ser ikun possibbli li jiġu diġitalizzati u distribwiti **xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq** ippubblikati għall-ewwel darba fl-UE (Artikolu 7) u liċenzja mogħtija fi Stat Membru ser tkun tapplika fl-UE kollha (Artikolu 8).

5.9 *Dritt ġdid konness għall-pubblikaturi tal-istampa*

5.9.1 Skont l-Artikoli 11(1) u 11(4) tal-proposta għal Direttiva ⁽²⁷⁾, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lil dawn il-pubblikaturi bid-dritt esklużiv — għal għoxrin sena — li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-użu diġitali tal-pubblikazzjonijiet tagħhom tal-istampa.

⁽²³⁾ Ara *Towards a modern, more European Copyright Framework*. EBLIDA (European Bureau of Library, Information and Documentation Associations); Europeana; Association of European Research Libraries (LIBER); Public Libraries 2020; International Federation of Library Associations and Institutions (IFLA).

⁽²⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

⁽²⁵⁾ COM(2016) 595 final.

⁽²⁶⁾ COM(2016) 596 final.

⁽²⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11.

5.9.2 Il-KESE jappoġġja din il-miżura sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta u ekwa tal-valur bejn il-pubblikaturi tal-istampa li jiġġeneraw informazzjoni bħal din u l-pjattaformi online li jużawha.

5.9.3 Il-KESE jfakkar li filwaqt li ħafna pubblikaturi ta' gazzetti – essenzjali għad-demokrazija – qegħdin jesperjenzaw kriżi finanzjarja minħabba l-għeluq ta' pubblikazzjonijiet u telf kbir ta' impjiegi, id-dħul finanzjarju ta' dawk li jużaw l-informazzjoni tagħhom qiegħed jiżdied ⁽²⁸⁾.

5.10 Użu ta' kontenut protett online

5.10.1 Fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaħżnu u jipprovdu aċċess pubbliku għal ammonti kbar ta' xogħlijiet jew materji oħra mtella' mill-utenti tagħhom u protetti mid-drittijiet tal-awtur għandhom, b'kooperazzjoni mad-detenturi tad-drittijiet, jieħdu miżuri biex jiżguraw il-funzjonament korrett tal-ftehimiet konklużi mad-detenturi tad-drittijiet għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom jew ta' materji oħra identifikati mid-detenturi tad-drittijiet permezz ta' kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizz. Minn naħa, għandu jkun hemm miżuri bħal "teknoloġiji effettivi għar-rikonnoxximent tal-kontenut; min-naħa l-oħra, fornituri bħal dawn għandhom jipprovdu "informazzjoni adegwata" lid-detenturi tad-drittijiet u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' lment u rimedju. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati ⁽²⁹⁾.

5.10.2 Il-miżura, li l-KESE jqis li hija adegwata, għandha l-għan li tnaqqas id-distakk fil-valur (**value gap**) li jeżisti attwalment bejn id-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, u b'hekk dawn id-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aħjar dwar l-użu tal-prodotti tagħhom. Jeżistu eżempji ta' servizzi bbażati fuq ir-reklamar li ma jikkumpensawx biżżejjed għall-użu ta' materjal protett mid-dritt tal-awtur, bid-differenza tas-servizzi online bbażati fuq reġistrazzjoni, li jagħmlu dan ⁽³⁰⁾.

6. Funzjonament aħjar tas-suq għad-drittijiet tal-awtur

6.1 Il-KESE jaqbel mal-istqarrija tal-Kummissjoni li l-ksur tad-dritt tal-awtur fuq skala kummerċjali, ikkaratterizzat mill-parassitiżmu fix-xogħol u l-investment ta' ħaddieħor, issa jirrappreżenta theddida serja għall-kreaturi Ewropej. Mingħajr sistema effettiva u bbilanċjata ta' infurzar, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra ta' proprjetà intelletwali ma jkunux protetti u l-investment kreattiv u l-innovazzjoni jeħlu ⁽³¹⁾.

6.2 L-awturi huma intitolati għal remunerazzjoni ġusta għall-isforzi kreattivi tagħhom, għandhom ikunu assoċjati mas-suċċess kummerċjali tax-xogħlijiet tagħhom u jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni u finanzjament tax-xogħlijiet ⁽³²⁾.

6.3 Fil-proposta, li l-KESE jqis xieraqa, jiġu stabbiliti miżuri bil-għan li jissaħħu l-fakultajiet ta' negozjar tal-awturi. Filwaqt li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-obbligu tat-trasparenza, kif ukoll mekkaniżmi ta' adattament tal-kuntratti u mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, ir-riforma ssaħħa il-kapaċità ta' negozjar tal-awturi u l-artisti ⁽³³⁾.

6.4 Ta' min jenfasizza l-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati tas-soċjetà ċivili jikkontribwixxu, fl-oqasma rilevanti, sabiex iżidu l-għarfien tal-utenti għall-fatt li l-awturi jridu jiġu kkompensati għal xogħolhom fi ħdan il-qafas legali.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽²⁸⁾ Fl-2015, il-pjattaformi tal-internet kellhom dħul ta' USD 153 650 miljun, u huwa stmat li d-dħul ser jilħaq USD 260 360 miljun fl-2020. Ara <https://www.statista.com/statistics/237800/global-internet-advertising-revenue/>

⁽²⁹⁾ Ara l-Artikolu 13.

⁽³⁰⁾ Skont Jan Hückmann & Dora Grunwald, YouTube, b'biljun utent, fl-2015 ħallas USD 630 miljun fi drittijiet tal-awtur; Spotify, bi ftit aktar minn 10 miljun utent, ħallas USD 2 biljun. Ara l-argument ta' Google li jmur kontra din il-miżura fuq <https://europe.googleblog.com/2016/09/european-copyright-theres-better-way.html>

⁽³¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

⁽³²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 16.

⁽³³⁾ Attwalment koperti mid-Direttiva 2014/26/UE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 72).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ sistema ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-apparat ta’ kontroll tas-sigurtà tal-avjazzjoni”

(COM(2016) 491 final – 2016/0236 (COD))

(2017/C 125/04)

Relatur: **Stefan BACK**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 15.9.2016 Kunsill, 24.10.2016
Bażi legali	L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum
Adottata fis-sezzjoni	13.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	138/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-Pjan ta’ Azzjoni għal Industrija tas-Sigurtà innovattiva u kompetittiva tal-2012 (il-Pjan ta’ Azzjoni) ⁽¹⁾.

1.2 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (l-Aġenda tas-Sigurtà) ⁽²⁾ u għal darb’oħra jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-pjan ta’ azzjoni kontra t-traffikar u l-użu illeċitu ta’ armi tan-nar u splussivi, kif ukoll għall-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽³⁾ ⁽⁴⁾.

1.3 Minħabba l-kummenti hawn taħt, il-KESE issa jilqa’ bi pjaċir anke l-oġġettiv tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-istabbiliment ta’ sistema ta’ ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-apparat ta’ kontroll tas-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽⁵⁾ (il-Proposta) bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni. Huwa jfaħħar l-għan tal-Proposta li titwaqqaf sistema ta’ approvazzjoni tat-tip għall-apparat ta’ kontroll b’ċertifikazzjoni permezz ta’ punt uniku ta’ servizz sabiex tithaffet l-introduzzjoni ta’ prodotti fuq is-suq, jitnaqqsu l-ispejjeż, jiżjed il-volum tas-suq u titejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tas-sigurtà tal-prodotti.

1.4 Madankollu, il-KESE jinnota b’dispaċir li l-proposta ma tintroduċix awtorità tal-UE unika għall-approvazzjoni b’servizz tekniku integrat, peress li dan kien iġib l-aħjar effiċjenza u tnaqqis fl-ispejjeż. Il-KESE għandu dubji serji dwar l-effiċjenza fir-riżorsi tal-alternattiva proposta ta’ separazzjoni tas-servizzi tekniċi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni.

⁽¹⁾ COM(2012) 417 final, (ĠU C 76, 14.3.2013, p. 37).

⁽²⁾ COM(2015) 185 final.

⁽³⁾ COM(2015) 624 final: L-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà: pjan ta’ azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-isplussivi u COM(2015) 625 final: Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

⁽⁴⁾ ĠU C 177, 18.5.2016, p. 51.

⁽⁵⁾ COM(2016) 491 final.

1.5 Il-KESE jiddispijaċi ukoll li mhix riflessa fil-Proposta l-possibbiltà provduta fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili ⁽⁶⁾ biex fil-livell nazzjonali jiddaħħlu rekwiżiti aktar stretti milli fil-livell bażiku provdut taħt dak ir-Regolament, u li l-KESE kien laqa' b'mod espliċitu fl-Opinjoni ⁽⁷⁾ tiegħu dwar il-proposta għal dak ir-Regolament.

1.6 Il-KESE jiddeplora l-fatt li l-kunsiderazzjonijiet tas-suq intern jidhru li hađu preċedenza fuq il-preokkupazzjonijiet dwar is-sigurtà, sal-punt li lanqas tingħata l-possibbiltà għal rekwiżiti ta' sigurtà nazzjonali addizzjonali biex jissalvagwardjaw interessi nazzjonali kruċjali skont l-Artikolu 114(10) tat-TFUE.

1.7 F'dan ir-rigward, il-KESE jiddispijaċi ukoll li t-TFUE ma jippermettix azzjoni nazzjonali speċifika biex tippoteġi l-interessi nazzjonali essenzjali kontra atti terroristiċi, skont kif japplika fir-rigward ta' apparat militari skont l-Artikolu 346 tat-TFUE jew fir-rigward tal-akkwist pubbliku skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/24 dwar l-akkwist pubbliku ⁽⁸⁾.

1.8 Il-KESE għandu dubji dwar l-adegwatezza tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 24(3) tal-Proposta li tispeċifika li l-Kummissjoni għandha tippresjedi l-kumitat ta' koordinazzjoni tas-servizzi tekniċi, meta titqies in-natura teknika u kumplessa ħafna tal-mistoqsijiet li jkollhom jiġu indirizzati mis-servizzi tagħha.

1.9 F'dan ir-rigward, il-KESE jesprimi wkoll id-dispijaċir tiegħu li jidher li ma nġhatat l-ebda kunsiderazzjoni għall-possibbiltà li fil-proposta tiġi inkluża sistema għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet nazzjonali ta' approvazzjoni.

1.10 Il-KESE jiddubita dwar kemm il-Proposta tmur lil hinn mill-ambitu ta' dak li huwa awtorizzat taħt l-Artikolu 290(1) tat-TFUE meta tawtorizza l-użu ta' atti delegati għall-modifika ta' dispożizzjonijiet tekniċi. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fir-rigward tal-Artikolu 27(a) tal-Proposta, li ma jistabbilixxi l-ebda limitu għall-kamp ta' applikazzjoni jew għan-natura tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni ġodda li jistgħu jiġu inklużi fl-Anness I għall-Proposta permezz ta' atti delegati.

1.11 Fi kwalunkwe każ, il-KESE jirrimarka li, jekk se tillegġisla f'dan il-qasam, il-Kummissjoni se jkollha bżonn il-kompetenza teknika meħtieġa biex tiżgura l-kwalità tal-atti leġislattivi.

1.12 Fil-prinċipju, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta li l-UE għandha tfittex li ssir membru sħiħ tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC). Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-Kostituzzjoni attwali tal-ECAC tawtorizza biss Stati bħala membri, u li s-sħubija fl-ECAC tmur lil hinn mill-Istati Membri tal-UE u li mhemmxa ċertezza dwar l-eżitu ta' tali negozjati ta' sħubija, jista' jkun aktar realistiku li jiġi ddiġjarat li l-UE għandha tiegħu l-passi adatti bil-ħsieb li tissieħeb fl-ECAC.

1.13 Il-KESE ħa nota tad-dispożizzjoni fil-Proposta għal tul ta' żmien medju massimu ta' sitt xhur bejn it-tressiq ta' talba għal test mis-servizzi tekniċi u t-twassil tar-riżultati tat-test lill-awtorità tal-awtorizzazzjoni rilevanti. Il-KESE jissuġġerixxi li alternattiva aħjar tkun li s-servizz tekniku jagħmel valutazzjoni inizjali ta' talba sabiex jiddefinixxi t-tul ta' żmien meħtieġ għall-ittestjar u biex jgħarraf lill-applikant fl-limitu ta' żmien fiss. Jekk, wara dan, l-iskadenza għall-ittestjar ma tiġix rispettata, l-applikant għandu jiġi mgħarraf u tingħata spjega tar-raġunijiet għad-dewmien.

1.14 Il-KESE jinnota li s-sistema tal-ECAC għall-valutazzjoni tal-prodotti issa qed taħdem tajjeb u li, għaldaqstant, jistgħu jitqajmu dubji dwar il-valur miżjud ta' sistema ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal raġunijiet operattivi. Din l-osservazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-għanijiet tas-Suq Intern stabbiliti fil-Proposta.

1.15 Minħabba r-raġunijiet indikati, il-KESE għandu dubji dwar il-valur miżjud tal-Proposta kif inhi bħalissa u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni sabiex terġa' tikkunsidra l-kontenut tagħha bil-ħsieb li tindirizza l-osservazzjonijiet magħmula f'din l-Opinjoni.

⁽⁶⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

⁽⁷⁾ ĠU C 185, 8.8.2006, p. 17.

⁽⁸⁾ Ara wkoll il-Komunikazzjoni Interpretattiva dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 296 tat-Trattat (attwalment l-Artikolu 346 tat-TFUE) fil-qasam tal-akkwist għad-difiża (COM(2006) 779 final) (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

2. Introduzzjoni

2.1 Il-proposta hija pass 'il quddiem lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ⁽⁹⁾. L-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni huma li:

- jegħleb il-frammentazzjoni tas-suq permezz tal-ħolqien ta' standards ta' ċertifikazzjoni mal-UE kollha/internazzjonali, l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità taċ-ċertifikazzjoni/valutazzjoni tal-UE, u l-isfruttar tas-sinerġiji bejn it-teknoloġiji tas-sigurtà u tad-difiża;
- inaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u s-suq;
- itejjeb l-integrazzjoni tad-dimensjoni soċjali permezz tal-ittestjar bikri tal-impatt soċjali, inkluż l-effetti possibbli fuq id-drittijiet fundamentali.

2.2 Wieħed mill-għanijiet importanti tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li tintemm il-frammentazzjoni tas-suq tas-sigurtà permezz tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni mal-UE kollha għat-teknoloġiji tas-sigurtà, l-ewwel nett għall-apparat tal-kontroll u għas-sistemi tal-alarms fl-ajruporti, li għandha tintlaħaq billi tiġi stabbilita sistema ta' punt uniku ta' servizz għaċ-ċertifikazzjoni li tagħti l-aċċess tas-suq madwar l-UE kollha għall-prodott iċċertifikat. Dan iwassal għal semplifikazzjoni, tnaqqis tal-piżijiet taċ-ċertifikazzjoni, żieda fil-volumi tas-suq domestiku u għalhekk kompetittività mtejba meta mqabbla ma' prodotti Amerikani u Ċiniżi li għandhom il-vantaġġ ta' volumi akbar fi swieq domestiċi kbar.

2.3 L-aġenda tas-Sigurtà ⁽¹⁰⁾ tapprova l-Pjan ta' Azzjoni meta tindirizza azzjonijiet ta' appoġġ bħat-taħriġ, il-finanzjament, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

2.4 L-Aġenda tas-Sigurtà filha firxa wiesgħa ta' miżuri li jinkludu l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, it-traffikar u l-użu illeċitu ta' armi tan-nar u splussivi u miżuri oħra biex jiproteġu liċ-ċittadini u l-infrastruttura kritika, inkluż pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar u l-użu illeċitu ta' armi tan-nar u splussivi u Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽¹¹⁾.

2.5 Il-Proposta tintroduċi sistema ta' ċertifikazzjoni bbażata fuq rekwiżiti ta' prestazzjoni komuni, metodi ta' ttestjar komuni u akkreditazzjoni tal-laboratorji tal-ittestjar (servizzi tekniċi).

2.6 Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni huma dawk stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽¹²⁾ u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu (l-Artikolu 4 u l-Anness I tal-Proposta).

2.7 Il-metodi ta' evalwazzjoni huma dawk żviluppatti fil-Proċess ta' Evalwazzjoni Komuni (Common Evaluation Proċess – CEP) approvat mill-ECAC.

2.8 Kull Stat Membru għandu jkollu awtorità tal-approvazzjoni b'kompetenza għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tal-apparat (l-Artikolu 6 tal-Proposta). L-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel rekwiżiti addizzjonali dwar apparat iċċertifikat (l-Artikolu 4 tal-Proposta).

2.9 Il-Proposta tistabbilixxi proċeduri fir-rigward ta' apparat li jippreżenta riskju fil-livell nazzjonali jew li ma jkunx konformi maċ-ċertifikazzjoni (l-Artikoli 17-19 tal-Proposta).

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE diġà laqa' bi pjaċir il-Pjan ta' Azzjoni ⁽¹³⁾, l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, il-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar u l-użu illeċitu ta' armi tan-nar u splussivi u l-Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽¹⁴⁾.

⁽⁹⁾ COM(2012) 417 final.

⁽¹⁰⁾ COM(2015) 185 final.

⁽¹¹⁾ COM(2015) 624 final: L-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà: pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar u l-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-isplussivi u COM(2015) 625 final: Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

⁽¹²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

⁽¹³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽¹⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

3.2 Issa l-KESE jilqa' bi pjaċir ukoll l-għan tal-Proposta li l-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat permezz tat-tiżi tas-settur tal-industrija tas-sigurtà Ewropea bil-ħolqien ta' suq domestiku akbar u t-titjib tal-kompetittività ta' din l-industrija.

3.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għanijiet tal-Proposta li ssaħħa il-kompetittività tal-industrija tas-sigurtà tal-UE u li tissemplifika l-proċeduri amministrattivi permezz tal-introduzzjoni ta' punt uniku ta' servizz biex inaqqas l-ispejjeż ta' ċertifikazzjoni u joħloq suq domestiku akbar. Il-KESE jinnota l-enfasi qawwija fuq is-Suq Intern u l-kompetittività, u l-fatt li l-kwistjonijiet ta' sigurtà huma indirizzati prinċipalment mill-perspettiva li ż-żieda fil-kompetittività tal-industrija tista' ttejjeb il-possibbiltajiet tagħha għall-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda.

3.4 Il-KESE japprova l-approċċ segwit fil-Proposta favur leġislazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u l-użu ta' Metodi ta' Ttestjar Komuni żviluppatti mill-ECAC, u jaqbel li l-natura klassifikata ta' ħafna materjal legali titlob dan l-approċċ. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li l-proposta tista' tittejjeb f'għadd ta' aspetti importanti.

3.5 Għaldaqstant, il-KESE jiddispijaċih li fil-Proposta mhix inkluża l-possibbiltà li tinsab fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 biex Stat Membru japplika miżuri aktar stretti mill-istandards bażiċi komuni msemmijin fil-Proposta. La l-proċeduri fir-rigward ta' apparat li jippreżenta riskju fil-livell nazzjonali u lanqas il-proċedura għas-salvagwardja tal-unjoni ma huma adatti biex jindirizzaw din it-tip ta' problema.

3.6 Hawnhekk il-KESE jfakkar li huwa approva b'mod speċifiku l-possibbiltà li l-Istati Membri jitħallew jieħdu miżuri aktar stretti skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal dak ir-Regolament ⁽¹⁵⁾.

3.7 Il-KESE huwa konxju mid-diffikultajiet involuti fl-awtorizzazzjoni tar-rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar prodotti koperti minn kriterji armonizzati, iżda madankollu jiġbed l-attenzjoni dwar il-possibbiltà li tingħata mill-Artikolu 114(10) tat-TFUE biex jiġu awtorizzati rekwiżiti nazzjonali abbażi tal-bżonn ta' protezzjoni tal-interessi ta' sigurtà nazzjonali, pereżempju, għalkemm għal perjodu limitat ta' żmien biss.

3.8 Il-KESE jjehdu nota tal-fatt li, fi proposti għal opinjonijiet motivati dwar il-kwistjoni tas-sussidjarjetà, li waħda minnhom intbagħtet, il-parlamentu ta' mill-inqas żewġ Stati Membri irreferew għall-hteġa li r-rekwiżiti ta' sigurtà jkunu jistgħu jiġu adattati skont il-livelli differenti ta' esponiment għar-riskju fl-Istati Membri differenti ⁽¹⁶⁾. Dan ifisser li jista' ikun hemm bżonn li jissaħħu r-rekwiżiti tas-sigurtà permezz tal-introduzzjoni ta' karatteristiċi addizzjonali u prestazzjoni mtejba tal-apparat, inkluż tagħmir tal-kontroll fl-ajruporti, meta mqabbel mar-rekwiżiti standard tal-UE.

3.9 Il-KESE huwa tal-fehma li, fl-implimentazzjoni ta' politika li għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni kontra atti terroristiċi, dan l-għan għandu jitqies bħala element essenzjali ta' kwalunkwe miżura proposta. Aġenda ta' politika industrijali marbuta ma' dan l-għan għandha titqies bħala subordinata għall-għan tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3.10 Għalhekk għandu jkun hemm raġuni ċara għal azzjoni separata min-naħa tal-Istati Membri biex jindirizzaw theddidiet terroristiċi, inkluż billi jagħmlu talbiet addizzjonali dwar tagħmir tal-kontroll fl-ajruporti minbarra r-rekwiżiti standard ta' ċertifikazzjoni. L-Artikoli 17 u 18 tal-Proposta mhumiex relatati ma' din il-problema u ma jagħtux biżżejjed libertà ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri li tippermettilhom jipproteġu lilhom innifishom kontra theddidiet terroristiċi. Il-KESE huwa konxju li t-TFUE kif inhu bħalissa ma fiha l-ebda regola speċifika li tippermetti li l-apparat tas-sigurtà jkun eżenti mir-regoli tas-suq intern għal raġunijiet ta' salvagwardja tal-interessi nazzjonali essenzjali, peress li l-Artikolu 346 TFUE jipprevedi din il-possibbiltà biss fir-rigward ta' apparat militari u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE (l-Artikolu 15) jikkonċernaw l-akkwist pubbliku biss ⁽¹⁷⁾.

⁽¹⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

⁽¹⁶⁾ Opinjoni motivata tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit tal-1 ta' Novembru 2016 fid-dokument tal-Kunsill 14180/16 u Assemblée Nationale ta' Franza, No 4060 rect. Proposition de Résolution Européenne.

⁽¹⁷⁾ Komunikazzjoni Interpretattiva dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 296 tat-Trattat (l-Artikolu 346 tat-TFUE) fil-qasam tal-akkwist tad-difiża, paġna 6, nota 10 ta' qiegħ il-paġna. Minn dak iż-żmien id-Direttiva 2004/18/KE ġiet sostitwita mid-Direttiva 2014/24/UE – COM(2006) 779 final.

3.11 Il-KESE jieħu nota tal-fatt li l-Proposta tippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex temenda l-Anness I sabiex jirrifletti l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tal-prestazzjoni ġodda għall-apparat ta' kontroll tas-sigurtà tal-avjazzjoni (l-Artikolu 27(a)) u sabiex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament biex tadattahom għall-iżvilupp ta' għarfien xjentifiku u tekniku (l-Artikolu 27(b)). L-Artikolu 290(1) tat-TFUE jillimita d-delega għal elementi mhux essenzjali tal-att legali inkwistjoni, inklużi aġġornamenti minħabba żviluppi tekniċi. Id-delega fl-Artikolu 27(a) tal-proposta tidher li tmur lil hinn minn dak il-limitu. Għaldaqstant, il-KESE għandu dubji dwar il-kompatibbiltà tad-delega proposta mal-Artikolu 27 (a) tal-Proposta mat-TFUE.

3.12 Fi kwalunkwe każ, jekk ikollha tillegġisla f'dan il-qasam, il-Kummissjoni se jkollha bżonn il-kompetenza teknika meħtieġa biex tiżgura l-kwalità tal-atti leġislattivi.

3.13 Il-Proposta tipprovdi għal awtorità ta' approvazzjoni f'kull Stat Membru. Il-KESE għandu dubji kemm dwar il-kapaċità tal-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu tali awtorità fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Proposta kif ukoll dwar l-effiċjenza tar-riżorsi u l-valur miżjud ta' dan ir-rekwiżit, filwaqt li jifakkur li bħalissa ħames Stati Membri biss għandhom il-kapaċità li jittestjaw l-apparat u jorġu approvazzjoni tat-tip. Il-KESE jemmen li awtorità ta' approvazzjoni unika tal-UE kienet tkun soluzzjoni aktar effiċjenti, f'konformità ma' approċċ ta' punt uniku ta' servizz.

3.14 F'dan ir-rigward, il-KESE għandu dubji wkoll dwar kemm hu siewi li l-funzjonijiet tal-ittestjar u taċ-ċertifikazzjoni jiġu separati bejn is-servizzi tekniċi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, li fil-verità jfisser li l-ittestjar tal-prestazzjoni ta' prodott għandu jitwettaq minn servizz tekniku, li jkun ġie ċertifikat fir-rigward tal-kompetenzi tiegħu, filwaqt li d-deċiżjoni dwar il-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni (l-approvazzjoni tat-tip) għandha tittieħed mill-awtorità tal-approvazzjoni, li biċ-ċar ma għandha għalfejn tissodisfa ebda kriterju speċifiku ta' kompetenza teknika iżda tkun tibbaża għal kollox fuq il-valutazzjonijiet mwettqa mis-servizz tekniku. Jekk ir-raġuni li tingħata għal din is-sistema ta' żewġ livelli se tkun li l-kompetenza teknika adatta mhix disponibbli fl-Istati Membri kollha, il-KESE jissuġġerixxi l-integrazzjoni taż-żewġ funzjonijiet b'numru mnaqqas ta' awtoritajiet ta' approvazzjoni jew, idealment, kif diġà ġie suġġerit, l-istabbiliment ta' awtorità tal-approvazzjoni waħda komuni għall-UE kollha kemm hi.

3.15 Il-KESE jieħu nota wkoll tal-fatt li metodoloġija komuni tal-ECAC għat-test ta' ċertifikazzjoni issa qed taħdem sew. Dan iqajjem dubji dwar il-valur miżjud tas-sistema li għandha tinholq bil-Proposta, peress li l-qafas tal-ECAC jiżgura l-moviment liberu tal-prodotti kkonċernati fost l-Istati Membri tal-ECAC. Din l-osservazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-għanijiet tas-Suq Intern tal-Proposta.

3.16 Il-KESE jinnota li l-Artikolu 10 tal-Proposta jistipula li l-UE għandha ssir membru sħiħ tal-entità responsabbli għat-tfassil tal-metodoloġiji komuni tal-ittestjar, jiġifieri l-ECAC. Il-KESE jirrimarka li s-sħubija tal-UE fl-ECAC tkun teħtieġ emenda minn qabel għal Kostituzzjoni tal-ECAC, peress li bħalissa din tippermetti biss Stati bħala membri sħaħ. Minħabba li s-sħubija tkun ir-riżultat ta' proċess ta' negozjati, il-KESE jissuġġerixxi li d-dispożizzjoni li tkun trid tinbidel tkun tistipula li l-UE għandha tingħata mandat biex tibda negozjati bl-għan li tikseb sħubija sħiħa fl-ECAC.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-Proposta tispeċifika li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tippresjedi grupp settorjali ta' servizzi tekniċi biex tiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn is-servizzi tekniċi. Fid-dawl tal-fatt li dan il-grupp aktarx li se jkun qed jindirizza suġġetti tekniċi kumplessi ħafna, il-KESE jiddubita l-adegwatezza ta' din is-soluzzjoni.

4.2 Il-KESE huwa sorpriż li ma nħass l-ebda bżonn biex jiġi propost skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet nazzjonali ta' approvazzjoni, u bejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-Kummissjoni, meta jitqies li sistema bħal din għet ikkunsidrata utli għas-servizzi tekniċi u f'kuntesti oħra fejn l-awtoritajiet nazzjonali jeżerċitaw kompetenza ta' teħid ta' deċiżjonijiet li hija rilevanti għall-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, pereżempju fil-qasam tal-kompetizzjoni.

4.3 Filwaqt li l-Proposta tipprovdi għal awtorità tal-approvazzjoni waħda għal kull Stat Membru, ma hemm l-ebda rekwiżit bħal dan li japplika għas-servizzi tekniċi li, kif indikat hawn fuq, ser jaqdu rwol ewlieni fis-sistema ta' ċertifikazzjoni ppjanata. Dan għal darb'oħra jsaħħaħ l-opinjoni li r-rekwiżit ta' awtorità tal-approvazzjoni waħda f'kull Stat Membru għandu valur simboliku biss, meta jitqies li ċ-ċertifikazzjoni tat-tip u ċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa abbażi ta' dik iċ-ċertifikazzjoni huma validi madwar l-UE kollha. Il-proċedura biex jiġi indirizzat apparat li jippreżenta riskju fil-livell nazzjonali (l-Artikolu 17 tal-Proposta) tista' tiġi ttrattata minn awtorità nazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet ta' sigurtà.

4.4 Il-Proposta tispjefika li s-servizzi tekniċi għandhom jiżguraw li t-tul ta' żmien medju bejn it-tressiq ta' talba għal test ta' apparat u t-twassil tar-riżultati lill-awtorità tal-approvazzjoni ma jaqbiż is-sitt xhur, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali jew wara talba speċifika tal-manifatturi. Il-KESE huwa tal-fehma li tul ta' żmien fiss ta' dan it-tip la hu mixtieq u lanqas realistiku. Alternattiva aħjar tista' tkun obbligu għas-servizz tekniċu biex jivvaluta minnufih it-tul ta' żmien meħtieġ sabiex jindirizza talba u jgħarraf lill-applikant f'perjodu ta' żmien fiss, pereżempju ħmistax-il jum ta' xogħol. Jekk, wara dan, l-iskadenza għall-ittestjar ma tiġix rispettata, is-servizz tekniċu għandu jagħti spjega tar-raġunijiet.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta’ Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”

(COM(2016) 468 final - 2016/0225 COD)

(2017/C 125/05)

Relatur: **Christian MOOS**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 7.9.2016 Parlament Ewropew, 12.9.2016
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	10.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	177/8/9

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Il-KESE

1.1 jitlob għal politika ta’ asil komuni f’konformità mal-valuri Ewropej. Huwa jilqa’ l-istabbiliment ta’ qafas ta’ risistemazzjoni tal-Unjoni;

1.2 jistieden lill-Unjoni biex tiegħu iktar responsabbiltà dwar il-persuni fil-bżonn ta’ protezzjoni internazzjonali, tagħmel sforz ikbar biex tilqagħhom milli għamlet s’issa, u turi solidarjetà ma’ pajjiżi terzi, iżda wkoll mal-Istati Membri tal-UE bħall-Greċja, dwar il-kwistjoni tar-refuġjati.

1.3 jenfasizza t-talba tiegħu biex tinbena sistema ta’ integrazzjoni robusta fl-Istati Membri;

1.4 jinsisti li l-kriterji komuni għar-risistemazzjoni għandhom ikunu prinċipalment skont il-hteġa għall-protezzjoni tal-persuna kkonċernata u mhux biss skont il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi dwar l-asil. Għandhom ukoll ikunu nondiskriminatorji;

1.5 iqis li l-kunċetti ta’ “l-ewwel pajjiż ta’ asil” jew “il-pajjiż terz bla periklu” huma kwistjonijiet miftuħa minħabba s-sitwazzjoni mhux sikura u instabbli attwali fil-pajjiżi u r-reġjuni terzi kkonċernati. Il-KESE huwa tal-opinjoni li d-Dikjarazzjoni ta’ bejn l-UE u t-Turkija hija tal-akbar importanza fis-sitwazzjoni attwali. Huwa fl-interess kemm tal-UE u kif ukoll tat-Turkija li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tiġi mmonitorjata fl-implimentazzjoni tagħha;

1.6 jappella biex il-programm ta’ risistemazzjoni ma jkunx marbut ma’ ftehimiet ta’ sħubija, li għandhom l-għan li jharju lill-pajjiżi terzi biex jevitaw it-tluq ta’ persuni, li jgħib miegħu l-periklu li jiġu miksuru d-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. Huwa jenfasizza li l-azzjonijiet fil-kuntest tas-sħubijiet ma’ pajjiżi terzi jew tal-għajnuna għall-iżvilupp b’mod iktar ġenerali, m’għandhomx ikunu kundizzjonati la minn ftehimiet ta’ riammissjoni u lanqas ftehimiet ta’ kooperazzjoni oħra simili ma’ pajjiżi terzi;

1.7 jitlob għal rwol ewlieni tal-UNHCR biex tidentifika ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat għar-risistemazzjoni u għandu dubji dwar il-fatt li pajjiżi terzi jkollhom drittijiet speċjali għall-għażla;

1.8 jilqa' l-enfasi fuq il-vulnerabbiltà tan-nisa kif ukoll it-tfal u ż-żgħażaġh, iżda jikkunsidra ta' importanza kritika l-kategorija ta' persuni "soċjoekonomikament żvantaġġati". Billi l-proposta tal-kummissjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-modi ta' dħul legali differenti, hemm ir-riskju li jonqsu l-kwantità u l-kwalità tar-risistemazzjoni;

1.9 skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, għandu tħassib dwar l-esklużjoni totali ta' persuni li, fil-ħames snin preċedenti mill-proċedimenti ta' risistemazzjoni dahlju jew ippruvaw jidħlu jew baqgħu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod irregolari jew ġew rifjutati r-risistemazzjoni fl-Istati Membri, minkejja li dawn il-persuni fil-bqija jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà;

1.10 jenfasizza li d-dritt għall-asil ma għandux ikun effettwat mir-risistemazzjoni. B'mod ġenerali, għandu jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEEDB);

1.11 huwa favur miri ambizzjużi fir-rigward tal-iffissar tal-għadd ta' persuni li għandhom jiġu risistemati u jirrakkomanda li l-figura deċiża mill-Kumitat ta' Livell Għoli titqies bħala l-minimu;

1.12 jistenna bil-ħerqa il-parteċipazzjoni tiegħu fil-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli meta jkun stabbilt;

1.13 jirrakkomanda l-involviment permanenti tal-UNHCR fil-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli. Fil-proposta tal-Kummissjoni b'mod ġenerali, hemm nuqqas ta' ċarezza dwar kif u b'liema proċeduri se jkunu identifikati l-persuni vulnerabbli til-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, mill-UNHCR jew mal-Istati Membri, u r-rwol li l-Aġenzija ser ikollha fil-proċedura għall-asil;

1.14 jitlob li jkun hemm evalwazzjoni ta' programmi ta' finanzjment u ta' akkoljenza alternattivi u komplementari bħall-"Private Sponsorship Program" (Programm ta' sponsorizzazzjoni privata) Kanadiż⁽¹⁾. Qafas ta' risistemazzjoni tal-UE, b'mod ġenerali jista' jibbenefika mill-istituzzjonalizzazzjoni ta' approċċ trilaterali li jinkludi lill-Istati Membri, lill-UNHCR u atturi privati jew tas-soċjetà ċivili. Iżda dan m'għandux ikollu effett fuq il-kwalità u l-kwantità tar-risistemazzjoni. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-soċjetà ċivili tkun informata kif xieraq bil-pjanijiet ta' risistemazzjoni u billi jappoġġja l-għajjnuna għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess;

1.15 jirrakkomanda preżenza istituzzjonali aktar b'saħħitha tal-UE u l-Istati Membri tagħha partikolarment fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, u dawn il-pajjiżi għandhom jiġu megħjuna fil-bini ta' kapacià ta' akkoljenza u protezzjoni tagħhom.

2. Valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

2.1 Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni

2.1.1 Il-KESE jilqa' r-risistemazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Il-KESE jenfasizza, bħall fl-Opinjoni tiegħu dwar Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni⁽²⁾, li r-risistemazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-bini ta' sistema ta' integrazzjoni robusta fl-Istati Membri, il-faċilitar tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, ir-rikonnoxximent tal-kwalifiki u l-forniment ta' taħriġ fil-lingwi u professjonali.

2.1.2 Il-KESE jappoġġja l-miżuri mmirati lejn l-integrazzjoni tal-persuni risistemati malajr, b'mod effikaċi u b'suċċess fil-qafas tal-Pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi⁽³⁾ tas-7 ta' Ġunju 2016. Madankollu, dawn ma għandhomx ikunu esklużivi u m'għandhomx jiddependu fuq il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiż jew reġjun terz fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, jew fuq ir-relazzjoni ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi, iżda għandu jkollhom bażi fuq il-vulnerabbiltà tal-persuni. Għaldaqstant, persuna fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali tista' taffaċċja t-tkeċċija jew ir-ritorn furzat għall-pajjiż terz jew il-pajjiż ta' oriġini.

⁽¹⁾ <http://www.cic.gc.ca/english/resources/publications/ref-sponsor/>.

⁽²⁾ ĠU C 71, 24.2.2016, p. 46.

⁽³⁾ COM(2016) 377 final.

2.2 Reġjuni jew pajjiżi terzi minn fejn isseħħ ir-risistemazzjoni

2.2.1 Il-KESE jappoġġja l-flessibilità fid-determinazzjoni tal-kriterji komuni għall-għażla tar-reġjuni jew il-pajjiżi terzi li minnhom għandha sseħħ ir-risistemazzjoni skont l-Artikolu 7 u 8. Madankollu, dawn ma għandhomx ikunu wisq esklużivi u m'għandhomx jiddependu fuq il-kwalità tal-kooperazzjoni effettiva ta' pajjiżi terzi jew reġjun fil-qasam ta' migrazzjoni u asil, iżda pjuttost fuq il-vulnerabbiltà tan-nies. Il-KESE jopponi bil-qawwi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq ir-rotta jew il-pajjiż tat-tluq kif ukoll abbażi tal-etniċità jew ir-reliġjon (l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra).

2.2.2 Fir-rigward tal-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-kunċetti tal-“ewwel pajjiż tal-asil” u ta' “pajjiżi terzi bla periklu” għar-ritorn tal-applikanti għall-asil, il-KESE jargumenta, fl-Opinjoni tiegħu “L-istabbiliment ta' lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu”⁽⁴⁾, li għadu kmieni għal lista inklużiva u li hemm bżonn qbil dwar lista ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu fl-aħħar mill-aħħar fuq kriterji komuni, kif imsemmi fid-Direttiva 2013/32/UE, u jeħtieġ tfassil ta' indikaturi speċifiċi, prattiċi u preċiżi, b'mod partikolari minn sorsi bħall-UNHCR, l-EASO, il-Kunsill tal-Ewropa, il-QEDB u organizzazzjonijiet oħra marbuta mad-drittijiet umani fil-valutazzjoni ta' pajjiżi. Il-KESE jwissi li dawn il-kunċetti ma jistgħux, fl-ebda każ, jiġu applikati għal pajjiżi fejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jinkisru. Barra minn hekk, pajjiżi terzi jista' jitqies li hu “bla periklu” meta jkun żgurat li l-pajjiż jirrispetta l-prinċipju ta' “non-refoulement” u b'mod usa', meta jkun irrikonoxxa bis-sħiħ u implimenta l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-refuġjati u trattati oħra relevanti.

2.2.3 Madankollu, skont il-KESE, l-Unjoni Ewropea, permezz ta' sħubijiet, qed tipprova titfa' r-responsabbiltà għar-refuġjati u l-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni fuq pajjiżi terzi u twassal biex, permezz ta' inċentivi materjali, dawn il-pajjiżi jżommu barra mill-UE lill-persuni fil-bżonn protezzjoni. Għal din ir-raġuni, il-ftehimiet il-ġodda li jsaħħu r-riammissjoni ta' persuni mingħajr stat jew minn pajjiżi terzi li jkunu residenti b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri huma dubjużi. L-isforzi biex jitnaqqas l-għadd ta' rifuġjati, qed iwassal għar-riskju li pajjiżi terzi jonqsu milli josservaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-KEDB u jiċħdu d-dħul jew jibgħatu lura jew jiddeportaw lil daww il-persuni li jeħtieġu l-protezzjoni u jaslu fuq il-fruntieri tagħhom. Għaldaqstant, il-KESE jitlob li jkun hemm applikazzjoni stretta tal-prinċipji tal-liġi internazzjonali u l-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' kontroll effettivi.

2.3 Il-kriterji għad-determinazzjoni tar-reġjuni jew pajjiżi terzi li minnhom għandha sseħħ ir-risistemazzjoni (l-Artikolu 4)

2.3.1 Il-KESE jappella għad-diżakkoppjar tal-Programm ta' Risistemazzjoni mill-Ftehimiet ta' Sħubija, u għaldaqstant iħassar is-sentenza fl-Artikolu 4(a) “u kull moviment ulterjuri ta' daww il-persuni lejn it-territorju tal-Istati Membri”. Fil-fehma tal-Kumitat, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(c) u (d) (minbarra l-punt iii) jheddu d-dritt għall-asil u l-protezzjoni kontra r-refoulement kif stipulat fl-Artikoli 18 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u għalhekk għandhom jitħassru.

2.3.2 Il-KESE jitlob, li l-konformità mal-UNHCR, id-dispożizzjonijiet għar-riammissjoni għandhom jinkludu miżuri biex jiġi żgurat li l-pajjiżi jew ir-reġjuni terzi irrikonoxxa u implimenta bis-sħiħ il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u għalhekk jagħti aċċess għall-proċedura għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni skont il-Konvenzjoni.

2.3.3 Il-KESE jinnotta bi tħassib li l-mekkaniżmu għar-ritorn furzat taħt id-Dikjarazzjoni UE-Turkija jista' jbidel il-“hotspots” f'żoni ta' detenzjoni. Dan ikun imur kontra d-dritt tal-libertà u d-dritt għall-protezzjoni kontra d-detenzjoni arbitrarja (l-Artikolu 5 tal-KEDB u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali). Għaldaqstant, il-KESE jesprimi tħassib dwar l-arrest u r-ritorni taħt id-Dikjarazzjoni UE-Turkija u jqis li l-mekkaniżmu ta' ritorn attwali jrid jiġi rivedut b'mod urġenti sabiex tkun żgurata protezzjoni xierqa f'dan u fi ftehimiet ta' sħubija ġodda.

2.3.4 Il-KESE jappoġġja, fil-prinċipju, l-intensifazzjoni tar-relazzjonijiet diplomatiċi kif ukoll miżuri finanzjarji u tekniċi fil-kuntest ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi bħall-bini tal-kapaċità tal-akkoljenza lokali u l-protezzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, kapaċitajiet utli għall-ġestjoni tal-problema tar-refuġjati fir-reġjuni u l-pajjiżi terzi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu marbuta mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-KEDB u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-miżuri meħuda fil-qasam tar-risistemazzjoni, jew b'mod ġenerali l-ghajjnuna għall-iżvilupp, m'għandhomx ikunu kundizzjonati minn ftehimiet ta' riammissjoni jew ftehimiet ta' kooperazzjoni simili ma' pajjiżi terzi li jmorru kontra l-finijiet tal-azzjonijiet umanitarji. Ftehimiet bħal dawn imorru kontra l-għanijiet umanitarji ta' dawn il-miżuri.

⁽⁴⁾ ĠU C 71, 24.2.2016, p. 82.

2.4 Kriterji ta' eliġibbiltà (l-Artikolu 5)

2.4.1 Il-KESE jilqa' l-enfasi speċjali dwar il-vulnerabbiltà tan-nisa u l-bniet kif ukoll it-tfal u ż-żgħażaġh, inklużi minorenni mhux akkumpanjati, u l-inklużjoni ta' persuni b'rabtiet familjari bħala estensjoni tal-kategoriji klassiċi għar-risistemazzjoni. B'mod partikolari, il-KESE jilqa' l-ħsieb dwar l-unità tal-familja li jfisser li l-aħwa wkoll jitqiesu bħala "membri tal-familja". Madankollu, dan għandu japplika biss jekk ir-riunifikazzjoni tal-familja permezz tal-miżuri eżistenti bħad-Direttiva dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja tal-2003 ma tkunx possibbli. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, u dawn għandhom japplikaw bla ħsara għall-punti (a), (b), (c) u (d).

2.4.2 Madankollu, il-KESE għandu r-riżervi dwar l-estensjoni tal-kategoriji għal daww "soċjoekonomikament żvantaġġati" jekk dawn għandhom dħul baxx, livell baxx ta' edukazzjoni jew status professjonali, eċċ. Din il-kategorija ma teħtieġ l-ebda protezzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u tista' twassal għal diskriminazzjoni kontra daww il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Madankollu huwa importanti li jinħolqu rotot legali għad-dħul fl-UE u azzjonijiet oħra għall-persuni soċjoekonomikament żvantaġġati.

2.4.3 B'mod aktar ġenerali, il-KESE jirrakkomanda l-adozzjoni tal-kriterji ta' rikonossiment li ilhom stabbiliti mill-UNHCR u b'hekk jissaħħaħ ir-rwol ċentrali tal-UNHCR fl-identifikazzjoni tal-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

2.5 Raġunijiet għall-esklużjoni (l-Artikolu 6)

2.5.1 Il-KESE jirrifjuta l-esklużjoni totali tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6(1)(d) u (f), peress li dan imur kontra d-dritt fundamentali li persuna titlob l-asil. Iż-żewġ punti għandhom jitħassru, sabiex tinżamm l-integrità u l-kredibilità tal-istituzzjoni tal-asil.

2.5.2 Huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-Artikolu 6(1)(c) jkun applikat biss skont il-prinċipju ta' proporzjonalità. Barra minn hekk, kriterji ta' eliġibbiltà u ta' esklużjoni b'termini u frażijiet vagi bħall-Artikolu 6(1)(a)(ii), "huma jkunu kkommettew delitt serju" għandhom ikunu evitati minħabba oqsfa u interpretazzjonijiet legali differenti minn Stati differenti jew almenu għandhom ikunu definiti b'mod ċar.

2.5.3 Għandu jkun hemm provi ċari u raġonevoli (l-Artikolu 6 punt 2) biex tissejjaħ ir-raġuni fakultattiva tal-esklużjoni, fejn l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw ir-risistemazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li għalihom tapplika prima facie waħda mir-raġunijiet għal esklużjoni msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 6(1), inkella dawn ir-raġunijiet għandhom jitħassru. Inkella, din għandha titħassar. Deċiżjoni fuq sempliċi suspett twassal biex l-Istat Membru jikser il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni.

2.6 Pjan ta' risistemazzjoni u skemi ta' risistemazzjoni mmirati (l-Artikoli 7 u 8):

2.6.1 Il-KESE jilqa' l-possibbiltà li jinstab rispons flessibbli għall-volatilità fil-flussi migratorji u s-sitwazzjoni internazzjonali dejjem tinbidel. Madankollu, huwa jħeġġeġ, bi qbil mal-UNHCR u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili⁽⁵⁾, li n-numru ta' persuni għar-risistemazzjoni jkun in-numru minimu, b'kuntrast mal-Artikolu 7, u li r-rapport annwali tal-UNHCR⁽⁶⁾ jintuża bħala bażi għall-previżjoni tan-numri ta' persuni li għandhom jiġu risistemati. Il-KESE jemmen li livell ta' mill-inqas 25 % tal-għadd ta' persuni li għandhom bżonn risistemazzjoni skont il-UNHCR huwa xieraq għall-Ewropa.

2.6.2 Il-KESE għandu r-riservi tiegħu dwar l-involvement tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' risistemazzjoni annwali. Dawn id-dubji huma ġġustifikati minħabba l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2015, kif ukoll minħabba l-proċedimenti ta' ksur imniedi mill-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' traspożizzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil⁽⁷⁾ u r-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija⁽⁸⁾.

⁽⁵⁾ Joint Comments Paper by Caritas Europe, CCME, ECRE, ICMC Europe, IRC, Red Cross EU Office, 14.11.2016.

⁽⁶⁾ UNHCR Projected Global Resettlement Needs 2016.

⁽⁷⁾ IP/15/6228.

⁽⁸⁾ COM(2016) 349 final.

2.6.3 Fl-Artikolu 8, il-qafas ta' risistemazzjoni tal-UNHCR għandu jkun distint b'mod ċar mir-rotot legali lejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u partijiet interessati oħra. B'mod ġenerali, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ trilaterali, skont il-qafas ta' risistemazzjoni tal-UE, li jippermetti lill-UNHCR, lill-UE u lill-Istati Membri, u lil atturi privati jew is-soċjetà ċivili jwettqu risistemazzjoni.

2.7 *Kunsens (l-Artikolu 9)*

2.7.1 Filwaqt li l-proċeduri ta' risistemazzjoni skont l-Artikoli 10 u 11 għandhom ikunu bbażati fuq il-kunsens taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr stat, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li rrifjutaw ir-risistemazzjoni fi Stat Membru partikolari, pereżempju, għal raġunijiet familjari, soċjali jew kulturali, m'għandhomx ikunu esklużi mir-risistemazzjoni fi Stat Membru ieħor.

2.8 *Proċedura ordinarja u mħaffa (l-Artikoli 10 u 11)*

2.8.1 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li l-UNHCR għandu jkollha rwol kruċjali fl-identifikazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr stat. L-UNHCR jista' jkollha l-appoġġ ta' Aġenzija tal-Unjoni għall-Asil, li l-Kummissjoni għadha ma fasslitx fid-dettall l-ambitu u r-rwol tagħha, jew ta' korpi internazzjonali rilevanti. Il-KESE jitħasseb dwar id-drittijiet speċjali – bħal fil-każ tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija – li jippermettu lill-pajjiżi terzi u mhux lill-UNHCR jagħżel minn għandu jitleq; jekk dan iseħħ, ma jstax ikun garantit li jinżammu d-drittijiet fundamentali skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-KEDB.

2.8.2 Skont il-proposta, ir-risistemazzjoni għandha tkun is-soluzzjoni preferuta għall-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri u l-proċedura tal-asil ma għandhiex tiġi ddupplikata. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jippreġudikaw id-dritt għall-asil ta' persuni li għandhom bżonn protezzjoni. Irid ikun hemm għażla garantita tal-applikazzjoni għall-asil b'mod differenti fit-territorju tal-Istati Membri, inkella dan jista' jmur kontra d-dritt u l-obbligu ta' dawk li jkunu qed ifittxu protezzjoni biex japplikaw għall-asil fl-ewwel pajjiż ospitanti fl-UE.

2.8.3 Il-KESE jwissi li hemm kunflitt bejn l-integrazzjoni ta' persuni risistemati fi Stat Membru u l-għoti ta' protezzjoni sussidjarja skont il-proċedura mħaffa (l-Artikolu 11). Fl-Istat Membru ta' risistemazzjoni l-istatus ta' refuġjat ta' persuna jerġa jiġi eżaminat u għalhekk jista' jiġi miċħud. L-għoti ta' status ta' protezzjoni sussidjarja, għaldaqstant, m'għandux jingħata bħala proċedura mħaffa, eż. F'każ ta' kura medika urġenti. Fiż-żewġ proċeduri, il-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent sħiħ tal-istatus ta' refuġjat għandhom ikunu ċekkkjati⁽⁹⁾.

2.9 *Il-Kumitat ta' Livell Għoli (l-Artikolu 13)*

2.9.1 Il-KESE jirrakkomanda li l-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiffassal b'konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Livell Għoli u l-implementazzjoni tiegħu għandha tkun obligatorja. Il-Kummissjoni u l-Parlament għandhom jippresjedu l-kumitat, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili. Il-KESE, bħala l-vuċi tas-soċjetà ċivili għandu jkun Membru tal-Kumitat ta' Livell Għoli, jew għall-inqas fil-forma ta' parteċipazzjoni permanenti bi status ta' osservatur jew konsultattiv.

2.9.2 Il-KESE jitlob li aġenzija tal-UE dwar l-asil, l-UNHCR u l-IOM ikunu membri permanenti tal-Kumitat ta' Livell Għoli.

2.10 *Eżerċizzju tad-delega*

Il-KESE jappoġġja, fir-rigward tal-atti delegati mill-Kummissjoni, adottati skont l-Artikolu 10(9), l-istabbiliment tad-dritt ta' veto u ta' revoka mill-Parlament u l-Kunsill.

2.11 *Assoċjazzjoni mal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera*

Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-parteċipazzjoni tal-Istati assoċjati fl-implimentazzjoni tal-pjani ta' risistemazzjoni u fil-Kumitat ta' Livell Għoli. Il-KESE jirrakkomanda li l-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka jiġu mistiedna biex jipparteċipaw.

⁽⁹⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 144; SOC/547 dwar il-Pakkett ta' Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil II, Brussell, 14 ta' Diċembru 2016, u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

3.1 *Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' risistemazzjoni annwali*

3.1.1 F'dan l-istadju, il-KESE mill-ġdid isejjaħ lill-Istati Membri tal-Unjoni, u lill-komunità internazzjonali biex jieħdu aktar responsabbiltà għall-persuni li għandhom bżonn protezzjoni, biex juru aktar solidarjetà ma' pajjiżi u reġjuni terzi fejn hemm persuni spostati, kif ukoll biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom għar-risistemazzjoni u għal skema volontarja ta' ammissjoni fuq bażi umanitarja.

3.1.2 Il-Kumitat jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex iwettqu l-impenji preċedenti tagħhom marbuta mar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni fil-qafas tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju u Settembru 2015, u biex iqisu aktar il-kapaċità limitata ta' ċerti Stati Membri, bħall-Greċja, għall-akkoljenza u biex jagħtu aktar attenzjoni u jagħmlu aktar sforzi għall-ħolqien ta' Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Il-KESE jirrakkomanda li fid-dawl tal-65,3 miljun persuna li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali skont l-UNHCR, l-UE tkun aktar proattivi u turi aktar impenn u tagħti risistemazzjoni lil aktar min 20 000 persuna fil-bżonn ta' protezzjoni kull sena.

3.1.3 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom malajr iwessgħu l-preżenza istituzzjonali tagħhom fil-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu, u għandhom jippermettu lill-ambaxxati u l-konsulati jew iċ-ċentri ta' migrazzjoni speċifiċi li għad iridu jiġu stabbiliti jikkonfermaw il-vulnerabbiltà tal-persuni, fuq il-bażi tad-dokumenti tal-UNHCR u jippermettu r-risistemazzjoni fl-Istati Membri. Dan ikun ta' kontribut addizzjonali għall-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għall-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

3.2 *Kooperazzjoni*

3.2.1 Il-KESE jirrakkomanda sħubija formali b'saħħitha mal-UNHCR minħabba l-kompetenza tagħha rikonnoxxuta internazzjonalment. Barra minn hekk jistgħu jsiru sħubijiet simili mal-IOM u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili ċertifikati bħall-Kummissjoni tal-Knejjes għall-Migranti fl-Ewropa (CCME) jew il-Kunsill Ewropew dwar ir-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE). Il-Kumitat jixtieq iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini fl-istadji bikrija fil-livell lokali sabiex jiksbu l-appoġġ tal-komunità lokali, u b'hekk jiżdied il-prospett ta' integrazzjoni b'suċċess tar-refuġjati rilokati.

3.2.2 Għandhom ikunu kkunsidrati wkoll skemi ta' ammissjoni u ta' finanzjament alternattivi, pereżempju għal individwi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi jew partijiet interessati oħra, biex jinħolqu rotot legali lejn l-Unjoni. Dan jista' jikkomplimenta b'mod siewi l-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni iżda qatt ma għandu jissostitwih. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-eżempju Kanadiż ta' "Private Sponsorship Program". Is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet lokali jaqdu funzjonijiet importanti u jrawwmu l-integrazzjoni meta persuna tkun risistemata, u għalhekk dawn għandhom ikunu involuti malajr kemm jista' jkun fil-proċessi ta' ipplanar u teħid ta' deċiżjonijiet skont il-qafas ta' risistemazzjoni.

3.2.3 Il-programmi ta' ammissjoni privati għandhom jiġu evalwati b'mod regolari mill-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-Karta tad-drittijiet fundamentali, il-KEDB, u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra jkunu rrispettati u dawn ma jsegwux interessi oħra. Il-persuni għar-risistemazzjoni skont il-programmi ta' ammissjoni privati għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-istatus ta' refuġjat. Fil-pajjiż ospitanti għandhom jingħataw l-istess status ġuridiku bħar-refuġjati li jidħlu permezz ta' programmi governattivi.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta’ minuri (riformulazzjoni)”

(COM(2016) 411 final – 2016/019 (CNS))

(2017/C 125/06)

Relatur: **is-Sur Christian BÄUMLER**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.7.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	10.1.2017
Adottata fil-plenarja	26.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	116/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Fil-fehma tal-KESE, il-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni Juncker għandhom raġun jenfasizzaw li l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri għandha titjeb gradwalment u għandhom iżommu l-pass mal-fatt li hemm numru dejjem jikber ta’ ċittadini mobbli fl-UE, li qed jiżżewġu u jkollhom it-tfal

1.2 Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiegħu inkonsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal f’deċiżjonijiet dwar ir-ritorn. Il-KESE jappoġġja d-drittijiet tat-tfal u jenfasizza li r-rispett għal dawn id-drittijiet fl-oqsma kollha tal-politiki li jaffettwaw lit-tfal huma ta’ importanza kbira. L-interessi tal-minuri għandu jkollhom prijorità ewlenija.

1.3 Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tipproponi bosta bidliet sinifikanti bl-għan li l-proċedura rigward ir-ritorn ta’ tfal sekwestrati ssir aktar effiċjenti. Fil-fehma tal-KESE, dan jista’ jinkludi l-adozzjoni ta’ standards minimi komuni, inkluża proċedura uniforma ta’ infurzar.

1.4 Il-KESE jemmen li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali f’każijiet speċifiċi relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri – imsemmija fl-Artikolu 55 – hija vitali, u jilqa’ b’sodisfazzjon l-emendi ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.

1.5 Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-Istati Membri huma obbligati jiġbru flimkien il-ġurisdizzjoni f’għadd limitat ta’ qrati b’konformità mal-istruttura tas-sistemi legali nazzjonali differenti ta’ kull pajjiż.

1.6 Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-proposta tispeċifika d-dati ta’ skadenza għall-ħruġ ta’ ordni eżegwibbli ta’ ritorn u tqassar il-proċedura għar-ritorn lura għal total ta’ 18-il ġimgħa.

1.7 Il-KESE jemmen li hija raġonevoli r-restrizzjoni għal appell wieħed fil-proċeduri ta’ ritorn.

1.8 Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-qorti tal-oriġini tkun tista’ tiddikjara deċiżjoni bħala proviżorjament eżegwibbli anki jekk din il-possibiltà ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali.

1.9 Il-KESE huwa tal-fehma li l-adozzjoni ta’ standards minimi għas-smiġħ tat-tfal tista’ tgħin biex tissaħħaħ l-aċċettazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni.

1.10 Il-KESE jappoġġja wkoll l-abolizzjoni tal-proċedura exequatur. Madankollu, il-KESE jemmen li l-mekkaniżmi ta' salvagwardji għandhom jinżammu.

1.11 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-qorti tal-Istat Membru ta' rifuġju għandha tkun tista' tordna miżuri ta' protezzjoni, fejn meħtieġ, bħala kwistjoni ta' urġenza, jekk it-tfal jistgħu jkunu esposti għal riskju serju ta' ħsara;

1.12 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tistipula li t-tqegħid tal-minuri ma' familja taħt foster care jew f'istituzzjoni residenzjali fi Stat Membru ieħor, għandu, f'kull każ, ikun bil-kundizzjoni tal-approvazzjoni tal-awtorità ospitanti.

1.13 Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' kjarifika fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa. Anki jekk iż-żwieġ huwa definit skont kriterji "nazzjonali", l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-KESE jipproponi li l-konformità mal-Artikolu 21 għandha tissemma f'waħda mill-premessi tar-Regolament.

1.14 Il-KESE jqis li hemm il-hteġa għal regolament f'każijiet fejn ġenitur wieħed ikun ġej minn barra l-Unjoni Ewropea u jinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali, b'mod partikolari ma' pajjiżi li m'humiex parti mill-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-sekwestru tal-minuri.

2. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

2.1 Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposti għal riforma tar-Regolament Brussell IIa. Ir-Regolament Brussell IIa huwa l-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet tal-familja fl-Unjoni Ewropea. Dan jistabbilixxi regoli uniformi ta' ġurisdizzjoni f'każijiet ta' divorzju, separazzjoni jew annullament taż-żwieġ, kif ukoll fi kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Dan jiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi, tal-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet fl-Unjoni billi jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar ir-rikonossiment u l-infurzar tagħhom fi Stati Membri oħra. Ir-Regolament ilu japplika mill-1 ta' Marzu 2005 fl-Istati Membri kollha, ħlief fid-Danimarka.

2.2 Il-parti ta' dan ir-Regolament li tittratta l-kwistjonijiet legali relatati mar-relazzjonijiet bejn il-ġenitur u l-wild issolvu kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni internazzjonali relatata ma' kwistjonijiet bejn il-ġenitur u l-wild fl-Unjoni Ewropea u tirregola wkoll ir-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi dwar ir-relazzjonijiet bejn ġenitur u wild li nġataw minn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, ir-Regolament jistabbilixxi arranġamenti għar-ritorn tat-tfal trasferiti illegalment lejn, jew miżmuma illegalment fi Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, ir-Regolament isaħħaħ il-mekkaniżmu ta' ritorn taħt Konvenzjoni tal-Aja dwar il-ħtif ta' minuri.

2.3 Bosta aspetti tar-regolament, li diġà kienu s-suġġett ta' 24 sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, issa huma skedati li jiġu riformati. Il-proposta attwali tal-Kummissjoni beħsiebha tagħmel ir-regolament aktar effikaċi: hija tiffoka fuq il-parti tar-regolament li jittratta r-relazzjonijiet bejn il-ġenitur u l-wild u ma tindirizzax ir-regoli relatati mal-proċeduri ta' divorzju.

2.4 Fil-fehma tal-KESE, il-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni Juncker għandhom raġun jenfasizzaw li l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri għandha titjeb gradwalment u għandhom iżommu l-pass mal-fatt li hemm numru dejjem jikber ta' ċittadini mobbli fl-UE, li qed jiżżewġu u jkollhom it-tfal

2.5 Il-KESE diġà enfasizza f'opinjonijiet preċedenti⁽¹⁾ li fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiġu garantiti l-aċċess għall-ġustizzja u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari: id-dritt għall-proprjetà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt li dak li jkun jizzewġ u jistabbilixxi familja, u d-dritt għal proċess ġust.

2.6 Il-Kummissjoni evalwat il-proċeduri prattiċi stabbiliti fir-regolament u f'April 2014 aottat ir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha (COM(2014) 225)⁽²⁾ fejn qieset l-emendi neċessarji għal dan l-istrument. Din ir-reviżjoni ttwettqet fil-kuntest tal-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

2.7 L-għan tar-reviżjoni hu li tiġi żviluppata żona Ewropea ta' ġustizzja u drittijiet fundamentali bbażata fuq il-fiduċja reċiproka, billi jitneħħew l-ostakoli li fadal għall-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'konformità mal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku u li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu protetti aħjar billi jiġu ssemplifikati l-proċeduri u jsiru aktar effiċjenti.

⁽¹⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 87.

⁽²⁾ COM(2014) 225 final.

2.8 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiegħu inkonsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal f'deċiżjonijiet dwar ir-ritorn. Żieda fil-migrazzjoni tisser li huma meħtieġa aktar kanali u strutturi ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tat-tfal lil hinn mill-fruntieri nazzjonali;

2.9 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qed tipproponi bosta bidliet sinifikanti bl-għan li l-proċedura rigward ir-ritorn ta' tfal sekwestrati ssir aktar effiċjenti. F'każijiet ta' ħtif tat-tfal mill-ġenituri, azzjoni bikrija hija vitali għas-suċċess tal-proċedura stabbilita fir-Regolament dwar ir-ritorn tal-minuri.

2.10 Il-KESE jemmen li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali f'każijiet speċifiċi relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri – imsemmija fl-Artikolu 55 – hija vitali biex jiġu appoġġjati l-ġenituri u t-tfal involuti fi proċedimenti transkonfinali relatati ma' kwistjonijiet tat-tfal.

2.11 Fil-fehma tal-KESE, l-ambigwiżà tat-test tal-Artikolu dwar l-assistenza li għandha tingħata mill-awtoritajiet ċentrali f'każijiet speċifiċi ta' responsabbiltà tal-ġenituri hija kwistjoni kruċjali. Għall-awtoritajiet nazzjonali ta' għadd ta' Stati Membri din ma tippovdix bażi legali suffiċjenti biex tittieħed azzjoni.

2.12 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tiċċara min jista' jitlob liema għajnuna jew informazzjoni, mingħand min u taħt liema kundizzjonijiet. Barra minn hekk, huwa magħmul ċar li l-qrati u l-awtoritajiet għall-benessri tat-tfal jistgħu jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet ċentrali. Ir-riformulazzjoni tippovdi bażi legali biex l-awtoritajiet għall-benessri tat-tfal jiksbu l-informazzjoni meħtieġa minn Stati Membri oħra permezz tal-awtoritajiet ċentrali.

2.13 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Istati Membri huma obbligati jiġbru flimkien il-ġurisdizzjoni f'għadd limitat ta' qrati b'konformità mal-istruttura tas-sistemi legali nazzjonali differenti ta' kull pajjiż. Dewmien fl-ipproċessar tal-każijiet iseħħ minħabba nuqqas ta' speċjalizzazzjoni tal-qrati li jittrattaw applikazzjonijiet ta' ritorn f'bosta Stati Membri. Konsegwentement, l-imħallfin huma inqas familjari mal-proċeduri u d-dispożizzjonijiet rilevanti involuti u għandhom inqas opportunità biex jikkoperaw b'mod frekwenti u regolari ma' qrati oħra tal-UE b'mod li jkun jista' jikkontribwixxi biex tinbena fiduċja reċiproka.

2.14 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tispeċifika d-dati ta' skadenza għall-ħruġ ta' ordni eżegwibbli ta' ritorn u tqassar il-proċedura għar-ritorn lura għal total ta' 18-il ġimgħa.

2.15 Il-proposta ser tobbliga lill-awtoritajiet ċentrali biex jaħdmu fuq perjodu limitat ta' sitt ġimgħat biex jirċievu u jittrattaw l-applikazzjoni, jillocalizzaw il-konvenut u l-minuri u jippromovu medjazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li dan ma jkunx se jdewwem il-proċedura. Bħalissa, ma hemm l-ebda data ta' skadenza għall-awtoritajiet ċentrali.

2.16 Huwa previst perjodu separat ta' sitt ġimgħat għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza u l-Qorti tal-Appell. Fil-fehma tal-KESE, dan iwassal għal skadenza ta' żmien iktar realistika għall-qrati bl-għan li jiġi protett id-dritt tal-konvenut għal proċess ġust. Il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li tkun żgurata l-konformità ma' dawn it-termini f'kull sistema ġudizzjarja.

2.17 Il-KESE jemmen li hija raġonevoli r-restrizzjoni għal appell wieħed fil-proċeduri ta' ritorn. Il-biċċa l-kbira tal-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri jippermettu biss id-dritt ta' appell wieħed kontra kwalunkwe deċiżjoni tal-liġi pubblika.

2.18 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-qorti tal-oriġini tkun tista' tiddikjara deċiżjoni bħala proviżorjament eżegwibbli anki jekk din il-possibiltà ma teżistix fil-leġislazzjoni nazzjonali. Dan huwa utli f'sistemi fejn id-deċiżjoni ma tkunx infurzabbli sakemm tkun għadha soġġetta għal appell. B'hekk ġenitur jista' jkollu d-dritt ta' żjara għall-minuri fuq il-bażi ta' deċiżjoni ddikjarata eżegwibbli provviżorjament matul it-tweġiq tal-proċedura ta' appell għad-deċiżjoni fuq talba tal-ġenitur l-ieħor.

2.19 Il-KESE jaqbel li l-imħallfin huma mħeġġa b'mod attiv sabiex jeżaminaw jekk ordni ta' ritorn għandhiex tkun eżegwibbli immedjatament. Dewmien wara ordni ta' ritorn jaffettwaw b'mod negattiv ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal u l-aħjar interessi tat-tfal; Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tagħmel numru ta' kjarifiki għal implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti; Din tobbliga lill-Istat Membru – li fih it-tfal kellhom ir-residenza abitwali tagħhom immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tagħhom – biex jeżamina bir-reqqa l-aqwa interessi tat-tfal qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni definittiva rigward il-kustodja, li jista' jinvolvi r-ritorn tal-minuri. F'dan il-kuntest, matul din il-verifika tal-aqwa interessi tat-tfal, kwalunkwe tfal li jkunu kapaċi jiffurmaw l-opinjoni tagħhom għandhom id-dritt għal smiġh xieraq, anke jekk ma jkunux fiżikament preżenti, bl-użu ta'mezzi alternattivi xierqa, bħal vidjokonferenza.

2.20 Il-KESE huwa tal-fehma li l-istandards minimi għas-smiġh tat-tfal jistgħu jgħinu biex tiġi evitata ċ-ċaħda ta' rikonnoxximent, eżegwibbiltà jew proċedura ta' exequatur ta' deċiżjoni minn Stat Membru ieħor tal-UE u b'hekk tista' tissaħħaħ l-aċċettazzjoni tad-deċiżjoni miċ-ċittadini tal-UE. Xi eżempji jinkludi l-età minima tat-tfal għal seduta ta' smiġh, iżda mhux il-kwistjonijiet proċedurali bħal pereżempju min ser jistaqsi l-mistoqsijiet lit-tfal. Din għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Il-KESE jirrakkomanda li l-imħallfin inkarigati mis-smiġh tat-tfal jingħataw taħriġ soċjopedagoġiku addizzjonali.

2.21 Il-KESE jappoġġja wkoll l-abolizzjoni tal-proċedura tal-exequatur għas-sentenzi kollha mogħtija fi Stat Membru (kif ukoll għall-istrumenti awtentiċi u l-ftehimiet) dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Dwar l-eżegwibbiltà, li hija kwistjoni għall-Istati Membri, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja l-applikazzjoni ta' regoli nazżjonali għall-eżegwibbiltà ma għandhiex tippreġudika l-effett utli tar-regolament;

2.22 Barra minn hekk, ir-reqwiżit ta' exequatur iġġenera medja ta' dewmien ta' bosta xhur għal kull każ u spiża sa EUR 4 000 għaċ-ċittadini tal-UE ⁽³⁾.

2.23 Madankollu, il-KESE jemmen li ċerti mekkaniżmi ta' salvagwardji għandhom jinżammu. Dawn jinkludu ċertament it-trattament xieraq ta' dokumenti, id-dritt ta' smiġh tal-partijiet u tal-minuri ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward ta' sentenzi konfliġġenti, kif ukoll il-konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet proċedurali dwar it-tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor tal-UE, abbażi tal-Artikolu 56 tar-Regolament Brussell IIa.

2.24 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li l-qorti tal-Istat Membru ta' rifuġju għandha tkun tista' tordna miżuri ta' protezzjoni, fejn meħtieġ, bħala kwistjoni ta' urġenza, jekk it-tfal jistgħu jkunu esposti għal riskju serju ta' ħsara jew inkella jitqiegħdu f'sitwazzjoni intollerabbli; B'hekk, pereżempju, il-qorti li quddiemha tkun pendenti proċedura ta' ritorn, tista' tagħti drittijiet ta' aċċess lil wieħed mill-ġenituri, u d-deċiżjoni għandha tkun eżegwibbli fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, sakemm il-qorti f'dak il-pajjiż tieħu deċiżjoni finali dwar l-aċċess għall-minuri.

2.25 Il-KESE jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tistipula li t-tqegħid tal-minuri ma' familja taħt foster care jew f'istituzzjoni residenzjali fi Stat Membru ieħor, għandu, f'kull każ, ikun bil-kundizzjoni tal-approvazzjoni tal-awtorità tal-pajjiż ospitanti. Dan ir-reqwiżit fil-fatt jiggarrantixxi li l-minuri jiġi assistit b'mod immirat fil-pajjiż ospitanti. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li għandha tkun prijorità li t-tfal jitqiegħdu fi ħdan il-familja tagħhom stess; jekk dan ma jkunx possibbli jew mhuwiex fl-aħjar interess tal-mionorenni, għandha tiġi pprovduta kura ma' familja alternattiva taħt foster care jew kura bbażata fil-komunità.

2.26 Il-KESE jinnota li xi drabi jieħu bosta xhur wara r-rapport ta' applikazzjoni sakemm ma jiġi stabbilita jekk, f'każ partikolari, il-kunsens huwiex meħtieġ. Kull meta jkun meħtieġ il-kunsens, il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tkun segwita, li ukoll tieħu fit-tul peress li ma hemmx skad li fiha l-awtoritajiet li ssirilhom it-talba jridu jwiegħbu. Bħala riżultat, ħafna awtoritajiet li qed jittrattaw applikazzjonijiet jordnaw t-tqegħid tat-tfal u jibagħtuhom fil-pajjiż ospitanti, waqt li l-proċedura ta' konsultazzjoni tkun għadha għaddejja jew qabel din tiġi implimentata minħabba li huma jikkunsidraw akkomodazzjoni tat-tfal bħala urġenti u huma konxju tat-tul tal-proċedura. Dan iqiegħed lit-tfal f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali.

2.27 Il-KESE jqis li l-proposta għandha tipprevedi għall-introduzzjoni ta' perijodu massimu ta' tmien ġimġhaħ li matulu l-Istat Membru jrid jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni; L-aċċelerazzjoni tal-proċedura sservi l-aħjar interessi tat-tfal.

2.28 Il-KESE jaċċetta li, skont il-Konvenzjoni tal-Aja, il-qorti tal-Istat fejn it-tifel jew tifla huma preżenti għandha l-ġurisdiżżjoni. Il-KESE, madankollu, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'ħafna każijiet ta' sekwestru tat-tfal il-qorti kompetenti tkun dik tas-sekwestratur. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni li r-regolament Brussell IIa diġà jipprevedi servizzi ta' konsulenza bla ħlas għall-ġenituri li jiġu minn pajjiż ieħor minn dak ta' residenza attwali tat-tfal.

2.29 Il-KESE jappoġġja b'mod sħiħ l-adozzjoni ta' standards minimi komuni, inklużi proċedimenti ta' infurzar uniformi, biex jitħaffu l-proċeduri għar-ritorn.

⁽³⁾ COM(2016) 411/2, p. 8.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 Il-KESE jqis li hemm il-ħtieġa għal regolament f'każijiet fejn ġenitur wieħed ikun ġej minn barra l-Unjoni Ewropea. Il-migrazzjoni u l-iskambju globali ta' prodotti u servizzi qed iwasslu għal żieda f'dawn il-każijiet. Il-KESE huwa tal-fehma li għandhom jiġu konklużi l-ftehimiet bilaterali, b'mod partikolari ma' dawk il-pajjiżi li m'humiex parti mill-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-sekwestru tal-minuri.

3.2 Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' kjarifika fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa. Fl-abbozz imressaq mill-Kummissjoni mhuwiex ċar jekk forom ġodda ta' żwieġ u divorzju humiex koperti minn dan ir-Regolament. X'inhu m'fisser bi żwieġ, mhuwiex definit, iżda jibbaża fuq supponiment. Anki jekk iż-żwieġ huwa definit skont kriterji "nazzjonali", l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali. Il-KESE jipproponi li l-konformità mal-Artikolu 21 għandha tissemma f'waħda mill-premessi tar-Regolament.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni - Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv - Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits”

(COM(2016) 587 final)

(2017/C 125/07)

Relatur uniku: **Ulrich SAMM**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 24.11.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.1.2017
Adottat fis-sessjoni plenarja	26.1.2017
Sessjoni tal-plenarja nru.	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	163/2/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-fatt li t-teknoloġija diġitali qed taqdi rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija u l-ħajja soċjali tagħna. Investiment sinifikanti fl-infrastruttura diġitali għandu jkun prijorità għolja sabiex nibqgħu kompetittivi u nippermettu li jinħolqu negozji u impjiegi ġodda, b'mod partikolari b'rabta mal-investimenti mill-kompetituri ewlenin tal-Ewropa: l-Istati Uniti u l-Asja.

1.2 Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni u l-inizjattivi relatati tal-UE rigward il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), il-Pjan ta' azzjoni 5G u l-iskema ta' appoġġ għall-awtoritajiet pubbliċi li jixtiequ joffru aċċess tal-WiFi bla ħlas (WiFi4EU).

1.3 Il-frammentazzjoni tal-fornituri tan-netwerk fl-Ewropa tirrikjedi linji gwida tal-UE għal immodernizzar koerenti u pan-Ewropew li jappoġġja s-Suq Uniku Diġitali.

1.4 Il-KESE jinnota li l-Objettivi Strateġiċi għall-2025 huma ambizzjużi iżda realistiki, għalkemm huma dipendenti ħafna fuq il-fondi nazzjonali (privati u pubbliċi) permezz ta' proġetti ta' attivazzjoni u koordinazzjoni b'fondi tal-UE. F'dan il-kontest, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-ħolqien u l-appoġġ għan-netwerk tal-UE tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband fil-livell reġjonali/nazzjonali li ser jgħin lill-amministrazzjonijiet lokali sabiex japplikaw u jużaw il-Fondi Strutturali.

1.5 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni ukoll l-introduzzjoni ta' sistema ta' vawċers, maħsuba biex tnaqqas l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, partikolarment għal komunitajiet żgħar u għall-SMEs.

1.6 Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) qed jipprovdu finanzjament konsiderevoli għal networks tal-broadband b'veloċità għolja. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jaqdi rwol importanti wkoll. Il-KESE jirrakkomanda li dan ir-rwol jissaħħaħ billi jingħata appoġġ għal proġetti Ewropej ta' skala kbira għal networks tal-broadband b'veloċità għolja, inkluż tul in-Netwerk ewleni trans-Ewropew tat-trasport, kif ukoll billi jiġi definit qafas finanzjarju u regulatorju adatt.

1.7 Il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali kollha ta' din it-trasformazzjoni lejn konnettività tal-Gigabits se jintlaħqu biss jekk l-Ewropa tkun tista' tipprovdi networks ta' kapaċità għolja f'żoni urbani u rurali u fost is-soċjetà kollha. L-investimenti pubbliċi huma meħtieġa peress li s-suq, waħdu, mhux ser ikopri ż-żoni remoti kollha u jiggarrantixxi aċċess diġitali minimu għall-membri vulnerabbli tas-soċjetà.

1.8 Il-KESE jirrikonoxxi l-momentum pożittiv fl-Istati Membri fir-rigward tal-miri tal-broadband stabbiliti fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa fl-2010, li sservi bħala referenza għall-politika u l-pjani nazzjonali jew reġjonali tal-broadband.

1.9 Il-KESE bi pjaċir jinnota l-inizjattiva “WIFI4EU” bla ħlas għall-Ewropej kollha fpostijiet pubbliċi, amministrazzjonijiet pubbliċi, libreriji u sptarjiet, kif ukoll fi spazji fil-beraħ. Din l-inizjattiva għandha tippovdi lil kulħadd il-possibbiltà ta' konnessjoni tal-internet b'xejn u li jkollha l-istess identità diġitali madwar l-UE kollha. B'mod partikolari, il-KESE jirrakkomanda konformità mar-Regolament eIDAS⁽¹⁾ dwar l-identità diġitali, li joffri garanziji għall-protezzjoni tad-data u s-sigurtà pubblika kontra l-użu ħażin tas-servizz (jiġifieri t-terroriżmu).

2. Introduzzjoni

2.1 Il-konnettività b'kapaċità tal-internet għolja ħafna hija infrastruttura ewlenija għat-trasport tad-data, l-istess kif it-toroq, il-ferroviji, il-portijiet u l-ajruporti huma essenzjali għat-trasport ta' merkanzija u persuni. Billi t-trasport tad-data qed isir dejjem aktar importanti fl-ekonomija u l-ħajja soċjali tagħna, huwa kruċjali għas-soċjetà tagħna li ninvestu f'din l-infrastruttura sabiex nibqgħu kompetittivi u nippermettu negozji ġodda u impjegji ġodda.

2.2 Il-konnettività tal-internet hija importanti għas-Suq Uniku Diġitali. L-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni ta' Mejju 2015 ħolqot l-ambjent u l-kundizzjonijiet adatti għat-tnedija ta' netwerks diġitali avvanzati. Il-KESE indirizza l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet f'diversi Opinjonijiet⁽²⁾ ⁽³⁾.

2.3 L-aspettattivi li l-kwalità tas-servizz tal-konnettività tal-internet se titjeb sal-2025 huma dokumentati sew (pereżempju fil-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea).

2.4 Il-broadband bażiku li hu disponibbli llum għal kważi kull Ewropew m'għadux tajjeb biżżejjed. Matul l-10 snin li ġejjin, se jkunu meħtieġa netwerks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna (ta' Gigabits) għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, bħal pereżempju l-internet tal-oġġetti (l-aktar bla fili), il-cloud computing, l-informatika ta' prestazzjoni għolja u l-big data, it-TV tal-ġenerazzjoni li jmiss jew ir-realtà virtwali u kkomplementata.

2.5 Il-kwalità tat-trasferiment ta' data hija kkaratterizzata mhux biss mill-veloċità iżda wkoll mil-latenza u l-affidabbiltà. Latenza ferm aktar baxxa milli attwalment possibbli u affidabbiltà għolja ser iwittu t-triq għal applikazzjonijiet ġodda li jirrikjedu kontroll tar-rispons rapidu (fast feedback control), bħal sewqan awtomatizzat u konness mal-internet, kirurġija mill-bogħod, internet tattili jew navigazzjoni bi preċiżjoni.

2.6 Il-Komunikazzjoni COM(2016) 587, akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2016) 300, tistabbilixxi viżjoni għal soċjetà tal-Gigabits Ewropea bi tliet għanijiet strateġiċi għall-2025:

- Konnettività tal-Gigabits li tixpruna l-iżvilupp soċjoekonomiku,
- Kopertura 5G (mingħajr fili) għaż-żoni urbani u t-toroq tat-trasport terrestri ewlenin kollha,
- Aċċess għad-djar Ewropej kollha għal konnettività tal-internet li toffri mill-inqas 100 Mbps.

Dawn it-tliet għanijiet huma kruċjali għat-*tkabbir* u l-impjegji, il-kompetittività u l-koeżjoni tal-Ewropa.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

⁽²⁾ ĠU C 487, 28.12.2016, p. 92.

⁽³⁾ TEN/601 *Il-Pjattaformi onlajn* (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3. Il-ħtieġa għall-koordinazzjoni tal-UE

3.1 L-Ewropa trid taffaċċja l-immodernizzar li għaddej bħalissa tal-infrastruttura diġitali tal-kompetituri ewlenin tagħha fl-Istati Uniti u l-Asja. L-Ewropa għandha l-vantaġġ ta' prezzijiet tal-konsumatur orħos għal servizzi tal-internet minħabba kompetizzjoni ogħla fi ħdan is-suq intern tagħha, flimkien mal-iżvantaġġ ta' fornituri tan-netwerks li huma ħafna aktar frammentati. Għalhekk hemm bżonn ċar għal linji gwida tal-UE sabiex jinkiseb immodernizzar koerenti u pan-Ewropew b'appoġġ għas-Suq Uniku Diġitali.

3.2 F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni u l-inizjattivi relatati tal-UE, li l-KESE indirizza f'Opinjoniġiet speċifiċi ⁽⁴⁾, ⁽⁵⁾, ⁽⁶⁾, ⁽⁷⁾:

- Ktieb tar-regoli ġdid għall-fornituri tal-aċċess għall-internet u s-servizzi ta' komunikazzjoni – il-Kodiċi Ewropew dwar il-Komunikazzjoniġiet Elettroniċi,
- Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoniġiet Elettroniċi (BEREC),
- Pjan ta' azzjoni 5G.

Skema ta' appoġġ għall-awtoritajiet pubbliċi li jixtiequ joffru aċċess tal-WiFi bla ħlas.

3.3 Il-KESE jagħraf li, sal-lum, il-miri tal-broadband stabbiliti fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa fl-2010 ġew aċċettati fl-Istati Membri u jservu bħala referenza għall-politika fl-Istati Membri. Fil-fatt, ħafna Stati Membri allinjaw il-pjani tal-broadband nazzjonali jew reġjonali tagħhom mal-għanijiet.

3.4 Il-KESE huwa kuntent ukoll li l-għanijiet ittiedu bħala punti ta' referenza għar-regoli u l-linji gwida kemm tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF Broadband), kif ukoll tal-linji gwida għall-Għajnuna mill-Istat għall-Broadband.

3.5 L-Għanijiet Strateġiċi għall-2025, kif ippreżentati fil-Komunikazzjoni, jistabbilixxu skeda taż-żmien għall-iżvilupp ta' infrastruttura tal-broadband b'kapaċità għolja Ewropea. Dawn tfasslu fuq suppożizzjoni ta' rata ta' investiment aċċellerata li twassal għal valuri ambizzjużi iżda fl-istess waqt realistiki:

- Konnettività tal-Gigabits għall-muturi soċjoekonomiċi ewlenin kollha,
- Iż-żoni urbani kollha u r-rotot tat-trasport terrestri ewlenin kollha għandu jkollhom kopertura bil-5G mingħajr interruzzjoni,
- Il-konnettività 5G għandha tkun disponibbli sal-2020 bħala servizz kummerċjali komplut f'mill-inqas belt waħda prinċipali f'kull Stat Membru,
- Il-familji Ewropej kollha, rurali jew urbani, ser ikollhom aċċess għall-konnettività tal-internet li toffri downlink ta' mill-inqas 100 Mbps, aġġornabbli għal veloċità tal-Gigabits,
- L-Istati Membri għandhom jikkombinaw b'mod effiċjenti l-appoġġ pubbliku tagħhom permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji biex jilhq u l-għanijiet fit-tul,
- It-tnedija ta' Fond tal-Broadband sa tmiem is-sena, u li jibni fuq is-CEF u l-FEIS,
- Analiżi tal-ħtieġa għal riżorsi baġitarji adatti għal iffinanzjar effiċjenti tal-broadband f'inħawi mhux moqdiġin tajjeb taħt l-ipprogrammar finanzjarju tas-CEF wara l-2020,
- Appoġġ speċifiku mill-Fondi SIE, possibbilment b'shem indikattiv, għat-trasformazzjoni diġitali,
- It-twaqqif ta' skema ta' vawċers tal-WiFi għall-pubbliku biex l-awtoritajiet pubbliċi joffru konnessjoniġiet tal-WiFi bla ħlas fiċ-ċentri tal-bliet,

⁽⁴⁾ TEN/612 Kodiċi Ewropew dwar il-Komunikazzjoniġiet Elettroniċi (Riformulazzjoni) (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁵⁾ TEN/613 Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjoniġiet Elettroniċi (BEREC) (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁶⁾ TEN/614 Il-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁷⁾ TEN/615 5G għall-Ewropa (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- Sejħa lill-Istati Membri biex jirrevedu l-progress dwar il-Pjani Nazzjonali għall-Broadband tagħhom u jaġġornawhom sa tmiem l-2017,
- Titwaqqaf pjattaforma tal-broadband parteċipattiva sal-aħħar tal-2016, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' impenn u kooperazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati rilevanti favur investiment fil-broadband u progress fl-implimentazzjoni tal-pjani nazzjonali għall-broadband,
- Jiġi stabbilit u appoġġjat in-netwerk tal-UE tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband fuq livell reġjonali/nazzjonali.

Sal-1 ta' Lulju 2018, jiġi vvalutat l-impatt fuq l-ispejjeż ta' proġetti tal-broadband iffinanzjati mill-UE u jinħarġu linji gwida dwar il-promozzjoni tal-aħjar prattika.

3.6 Il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali kollha ta' din it-trasformazzjoni diġitali se jitwasslu biss jekk l-Ewropa tista' tiżgura l-introduzzjoni u l-adozzjoni mifruxa ta' netwerks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni rurali kif ukoll urbani u madwar is-soċjetà kollha. Madankollu, is-suq mhux ser isolvi l-problemi kollha. B'mod partikolari, dan mhux se:

- ikopri żoni remoti, u/jew
- jelimina d-distakki kbar bejn l-implimentazzjoni ta' teknoloġija avvanzata u l-ewwel applikazzjonijiet u klijenti għal servizzi ġodda,
- jigarantixxi aċċess diġitali minimu għall-membri vulnerabbli tas-soċjetà tagħna.

Għalhekk, għandhom jiġu implimentati skemi ta' appoġġ pubbliku biex jintlaħqu l-għanijiet għall-UE kollha u għal kull Ewropew.

4. Inizjattivi ġodda għall-Ewropa

4.1 Il-KESE jilqa' bi pjaċir it-twaqqif u l-appoġġ għan-netwerk tal-UE tal-Uffiċċji Kompetenti fil-Broadband fil-livell reġjonali/nazzjonali. Dan se jkun essenzjali għal żoni rurali u komunitajiet żgħar. Se jgħin l-amministrazzjonijiet lokali sabiex japplikaw u jużaw il-Fondi Strutturali, peress li jipprovdi l-aħjar prattiki u konsulenza għall-amministrazzjonijiet lokali. Dan se jkun pass kbir 'il quddiem għall-iżvilupp ta' żoni rurali wkoll.

4.2 L-istrateġiji u strumenti tal-UE huma teknoloġikament newtrali. Madankollu, huwa magħruf li eventwalment il-fibra ottika biss tista' ttipprovdi prestazzjoni ottimali. Il-monopolji tal-passat (bħat-Telekom tal-Ġermanja) ma għandhomx ifixklu t-tqegħid ta' fibra tal-ħġieġ, filwaqt li jkomplu jinvestu fl-infrastruttura kejbil tar-ram tagħhom.

4.3 Hemm biss ftit pajjiżi, bħal Malta, il-Litwanja, il-Belġju u n-Netherlands, li diġà għandhom kopertura kważi komprensiva bin-netwerks b'aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss (NGA). Bnadi oħra, il-kopertura NGA hija anqas avvanzata. Xi Stati Membri li bħalissa għandhom infrastruttura inqas żviluppata saħansitra rnexxielhom jagħmlu qabżiet kbar fit-teknoloġija. L-installazzjoni tal-fibra ottika tagħtihom vantaġġ.

4.4 "EDUROAM" hija l-ikbar sistema ta' itineranza u l-aktar waħda li rnexxiet għal WiFi bla ħlas madwar id-dinja, u għet żviluppata fl-UE għall-akkademiċi. Din ttiprovdi aċċess bla ħlas għall-WiFi għal miljuni ta' studenti u akkademiċi oħrajn. Il-KESE jinnota bi pjaċir li dan l-eżempju li rnexxa jista' jservi bħala mudell għall-inizjattiva "WIFI4EU" bla ħlas għall-Ewropej kollha f'postijiet pubbliċi, amministrazzjonijiet pubbliċi, libreriji u sptarijiet, kif ukoll fi spazji fil-beraħ. Din l-inizjattiva għandha ttiprovdi lil kulħadd il-possibbiltà ta' konnessjoni tal-internet b'xejn u li jkollha l-istess identità diġitali madwar l-UE kollha. B'mod partikolari, il-KESE jirrakkomanda konformità mar-Regolament eIDAS dwar l-identità diġitali, li joffri garanziji għall-protezzjoni tad-data u s-sigurtà pubblika kontra l-użu ħażin tas-servizz (jiġifieri t-terroriżmu).

4.5 Imfassla sabiex jappoġġjaw lill-SMEs, il-vawċers ser jintużaw mill-awtoritajiet lokali biex iħallsu għal installazzjonijiet (fili, antenni, eċċ.). Il-kumpaniji li jinstallaw il-materjal se jibagħtu l-vawċers lill-UE sabiex jitħallsu. Apparti milli tnaqqas l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi, is-sistema se tippermetti monitoraġġ faċli u għanijiet ta' kwalità tajba.

4.6 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-għan ta' simmetrija ta' upload-download għall-ixpruni soċjoekonomiċi kollha, minħabba li dan se jkun essenzjali għal ħafna applikazzjonijiet futuri.

4.7 Il-KESE jitlob skema li tiżgura li l-utenti aħħarin vulnerabbli jkollhom aċċess għal konnettività raġonevoli u adatta li tippermettilhom jipparteċipaw soċjalment u ekonomikament fis-soċjetà moderna. WiFi4EU tista' tkun element wieħed minn dan.

4.8 L-inċentivi regolatorji għall-fornituri tan-netwerk biex jappoġġjaw l-għanijiet tad-dokument COM(2016) 587 ma għandhomx ikunu f'kunflitt ma' objettivi oħra importanti, bħalma hija n-newtralità tan-netwerks.

4.9 Fit-tul, il-persuni f'żoni rurali għandhom ukoll ikunu jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni b'saħħitha u libertà li jagħżlu l-fornitur tal-aċċess għall-internet tagħhom. Il-miżuri regolatorji għandhom għalhekk jipprovdu wkoll inċentivi għal tali kompetizzjoni.

4.10 It-teknoloġija tal-5G mhux biss se tippermetti applikazzjonijiet tal-mowbajl ġodda, iżda se sservi wkoll ta' pont teknoloġiku u tintroduċi konnettività b'veloċità għolja f'żoni rurali b'mod aktar rapidu. Madankollu, hija biss infrastruttura bbażata fuq il-fibri li tista' tipprovdi l-istabbiltà u l-bandwidth affidabbli meħtieġa għal ħafna applikazzjonijiet ġodda.

5. Finanzjar

5.1 Il-KESE bi pjaċir jinnota żieda qawwija fil-finanzjament mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għal netwerks tal-broadband b'veloċità għolja minn EUR 2,7 biljuni fil-perjodu 2007-2013 għal madwar EUR 6 biljuni għall-perjodu 2014-2020. Ħafna minn dan l-investiment huwa mistenni li jkun f'forma ta' għotjiet. Bl-effetti ta' lieva fuq il-kofinanzjament nazzjonali u/jew reġjonali u fuq il-kofinanzjament privat, huwa mistenni li se jiġu investiti EUR 9-10 biljuni fil-broadband matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan se jkun essenzjali għall-investimenti kummerċjali biex jipprovdu konnettività b'veloċità għolja għall-popolazzjoni rurali.

5.2 Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jaqdi rwol importanti wkoll. Dan ir-rwol jista' jissaħħaħ billi jingħata appoġġ għal proġetti Ewropej ta' skala kbira għal netwerks tal-broadband b'veloċità għolja, inkluż tul in-Netzwerk ewlieni trans-Ewropew tat-trasport, Gigabytes industrijali, u l-Industrija 4.0, kif ukoll billi d-DĠ CONNECT ikun rappreżentat fil-Kumitat ta' Tmexxija tal-FEIS. Il-Kummissjoni għandha tkun proattiva wkoll billi tiddefinixxi l-qafas finanzjarju u regolatorju adatt.

5.3 Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) fil-qasam diġitali għandha baġit ta' EUR 150 miljun biex tappoġġja l-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-broadband moderna, ibbażata fuq l-għoti ta' strumenti finanzjarji permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-komponent tal-broadband tas-CEF huwa mistenni li jimmobilizza mill-inqas EUR 1 biljun ta' investiment addizzjonali permezz ta' fond iddedikat għall-infrastruttura tan-netwerk tal-broadband, li jkun jista' jiġi miżjud mill-FEIS.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

(Riformulazzjoni)”

(COM(2016) 590 final – 2016/0288 (COD))

(2017/C 125/08)

Relatur uniku: **Jorge Pegado Liz**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 24.10.2016 Kunsill, 9.11.2016
Bażi legali	L-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.1.2017
Adottata fil-plenarja	26.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	162/3/23

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jinsab sodisfatt bil-kontenut ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, l-adegwatezza tagħha, l-approċċ magħżul sabiex taffronta t-tema u l-mod li bih ipproċediet għall-kodifikazzjoni u r-riformulazzjoni orizzontali tal-erba' Direttivi eżistenti (id-Direttiva Qafas, id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, id-Direttiva tal-Aċċess u d-Direttiva “Servizz Universali”), li hija tiġbor fi ħdan Direttiva waħda u unika li tissimplifika l-istruttura attwali bl-għan li titjeb il-koerenza u l-aċċessibbiltà, b'konsistenza mal-għan tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT).

1.2 Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari d-diffikultà ta' dan l-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid tad-direttivi differenti involuti u jenfasizza l-eċċellenza tal-ħidma legali li seħħet għall-ewwel darba. Madankollu, huwa jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li ssir revizzjoni dettaljata tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi, biex tirrimedja xi difetti żgħar ta' abbozzar.

1.3 Il-KESE jaqbel mal-għanijiet prinċipali tal-proposta biex tiġi żgurata konnettività aħjar għall-internet għaċ-ċittadini kollha u l-impriżi kollha, fil-qafas tal-pakkett ta' inizjattivi maħsuba biex jagħmlu l-investiment f'infrastrutturi ġodda ta' kwalità għolja aktar attraenti għall-impriżi kollha, fl-Unjoni kollha, kemm fil-livell lokali kif ukoll lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.

1.4 Il-KESE madankollu jinnota b'dispaċir id-deċizzjoni li titwarrab id-Direttiva dwar il-privatezza, li għandha sservi ta' xempju għaċ-ċittadini peress li tikkaratterizza l-azzjoni pożittiva tal-Unjoni fil-konfront tagħhom. Din tnaqqas il-proposta minn wieħed mill-aktar pilastru importanti ewlenin li jiżguraw ir-rispett għall-interessi tal-utenti tan-netwerks u għaldaqstant dan huwa punt dgħajef tal-proposta..

1.5 Huwa jinnota b'dispaċir ukoll li l-Kummissjoni kienet għażlet direttiva li tipproponi diversi skemi ta' armonizzazzjoni, li tħalli għadd ta' kwistjonijiet importanti jiġu deċiżi mill-Istati Membri u għalhekk ma tmurx kontra l-frammentazzjoni tas-swieq, minflok li għażlet regolament li huwa direttament applikabbli u jista' jistabbilixxi livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur u b'hekk jikkontribwixxi għal integrazzjoni akbar tas-suq uniku.

1.6 Fost il-punti ewlenin tas-sistema proposta li l-KESE jappoġġja, jenfasizza b'mod partikolari:

a) l-attenzjoni għall-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-“utenti b'diżabbiltà” u l-ħtieġa li jiġu deskritti aħjar “id-drittijiet tal-utenti finali”, iżda bil-kondizzjoni fundamentali li jiġu applikati r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 93/13/KEE, 97/7/KE u 2011/83/UE;

- b) ir-rilevanza fil-formulazzjoni ta' kunċetti u definizzjonijiet ġodda, li huma utli għall-kjarifika u l-interpretazzjoni tal-qafas legali;
- c) il-bidla fil-proċeduri ta' analiżi tas-suq kif ukoll il-kodifikazzjoni tal-aħjar Prattiki Attwali biex jiżguraw li l-obbligi tal-aċċess jiġu imposti biss fil-każijiet u fil-ħinijiet li fihom huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq bl-impliment u jiġu żgurati riżultati għall-utent finali, filwaqt li fl-istess ħin, jiġi żgurat li jkunu kompetittivi;
- d) is-semplifikazzjoni tal-kondiviżjoni tal-ispettru fuq in-netwerk 5G kif ukoll il-promozzjoni tal-aċċess tal-utenti finali għall-konnettività bażika tal-WiFi. Fil-fatt, l-użu kondiviż tal-ispettru, abbażi ta' awtorizzazzjoni ġenerali jew ta' drittijiet ta' użu individwali, jippermetti l-użu intensiv u iżjed effiċjenti ta' din ir-riżorsa skarsa;
- e) it-tiżiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra, enfasizzati minn garanziji speċifiċi li huma mogħtija għall-għażla, għal-limitazzjoni tat-tul ta' żmien tal-mandati, l-awtonomija ta' ġestjoni u dwar it-tkeċċija ta' membri tal-korpi ta' ġestjoni rispettivi tagħhom.

1.7 Min-naħa l-oħra, il-KESE għandu riżervi serji u dubji serji b'mod partikolari fuq l-aspetti li ġejjin:

- a) ċerti innovazzjonijiet introdotti fis-"servizz universali", fejn, bl-iskuża tal-allegat modernizzazzjoni tal-iskema korrispondenti, fil-fatt jiġu mibdula s-servizzi jew anke jitħassru mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom sensjela ta' obbligi, bħall-kabini telefoniċi pubbliċi, id-direttorji komprensivi u s-servizzi ta' konsultazzjoni tad-direttorju, u għalhekk ir-riżultat li d-Direttiva tippretendi li tilħaq isir superfluwu;
- b) definizzjoni ta' "aċċess funzjonali għall-internet broadband" inkwantu din tista' tagħti lok għall-istabbiliment ta' lista arbitrarja ta' servizzi aċċessibbli onlajn, b'kuntrast għal konnessjoni ta' kwalità minima newtrali, li fil-futur jista' jwassal għal Prattiki Diskriminatorji għad-detriment tal-utenti finali;
- c) il-fatt li wieħed iserraħ fuq l-assistenza jew is-sigurtà soċjali, jiġifieri l-baġit nazzjonali permezz tat-tassazzjoni, biex jgħin lill-"utenti finali bi dħul baxx jew ħtiġiet soċjali speċjali" jew lill-"persuni b'diżabilità" "ħalli tkun żgurata l-affordibbiltà tas-servizzi tal-aċċess għall-internet funzjonali u tal-komunikazzjoni bil-vuċi mill-inqas f'post fiss", li jneħħi l-obbligi tal-fornituri għal dawn is-servizzi u jippermettilhom li jkopru biss is-setturi li jrendu qligħ, li jipproteġi l-interessi tagħhom u jnaqqas kemm l-ambitu tas-servizz universali kif ukoll id-drittijiet tal-konsumatur; fl-istess ħin, huwa l-Teżor li huwa mistenni li jkopri l-ispejjeż tas-servizz pubbliku, il-possibiltà ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż li qabel kienet prevista issa tħassret;
- d) l-għażla li saret espressament dwar il-metodu ta' armonizzazzjoni massima fir-rigward tad-drittijiet tal-utenti finali, b'livell baxx ta' protezzjoni, li twassal għat-tnaqqis tad-drittijiet tal-utenti minħabba x-xewqa ta' semplifikazzjoni u tmur kontra l-pożizzjoni difiża kontinwament mill-KESE;
- e) it-tneħħija ta' ċerti obbligi regolatorji jew tnaqqis tad-drittijiet jew tal-garanziji preċedenti bl-iskuża li m'għadhomx meħtieġa jew li huma koperti mil-liġi tal-konsumatur ġenerali. Dan huwa l-każ, pereżempju, tat-tneħħija tas-setgħat mogħtija lir-regolaturi nazzjonali li jimponu direttament regolamentazzjoni tal-prezzijiet bl-impliment lill-operaturi li għandhom saħħa sinifikanti fis-suq (SMP) jew ta' ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward ta' kuntratti, trasparenza, l-ekwivalenza tal-aċċess għall-utenti b'diżabilità, servizzi ta' direttorji u l-interoperabbiltà tat-tagħmir tat-televiżjoni diġitali;
- f) ir-regolazzjoni insuffiċjenti ta' ċerti Prattiki Allegati bħala inġusti f'kuntratti mal-utenti, bħal pereżempju fil-każ ta' limiti massimi tat-tul ta' kuntratti jew ta' terminazzjoni ta' kuntratt, tat-tiġdid tal-kuntratti f'każ ta' pakketti, in-nuqqas ta' sanzjonijiet li jkunu jistgħu jiżguraw l-effettività tal-proċess ta' tibdil għall-utent finali, iż-żamma tal-obbligu ta' kumpens għall-utent aħħari "għall-valur *pro rata tempore* tat-tagħmir sussidjat mogħti mal-kuntratt meta sar il-kuntratt u rimborż *pro rata tempore* għal kull vantaġġ promozzjonali ieħor li ġie kumerċjalizzat bħala tali waqt il-konklużjoni tal-kuntratt".

- g) fl-aħħar nett, il-fatt li din il-proposta ma tissodisfax ix-xewqa tal-Kunsill ta' "Kodiċi Ewropew tad-drittijiet tal-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika", li "l-għan huwa li fil-livell tal-UE jkun hemm għodda sempliċi u faċli għall-utent li tlaqqa' flimkien id-drittijiet kollha tal-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-oqsma tal-ICT (Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni) u l-protezzjoni tal-konsumatur".

2. Sinteżi tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Proposta għal Direttiva

2.1.1 Fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali ⁽¹⁾ u fid-dawl tal-bidliet rapidi u profondi li reċentement laqtu lill-istrutturi tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bil-ħolqien ta' kategoriji ta' atturi li ma kinux magħrufa preċedentement u li joħolqu kompetizzjoni ma' operaturi tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp, f'termini ta' kwantità u popolarità, tas-servizzi tal-kontenut onlajn, huwa indispensabbli li ssir reviżjoni u aġġornament tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, li jmur lura għall-2009. L-għan huwa b'mod partikolari li jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw minn aċċess mingħajr xkiel għall-attivitajiet online fi ħdan qafas li jiżgura kompetizzjoni ġusta. L-iżgurar ta' konnettività aħjar għall-internet għaċ-ċittadini u n-negozji kollha huwa l-għan ewlieni li assumiet il-Kummissjoni fil-proposta li ppubblikat fl-14 ta' Settembru 2016 ⁽²⁾.

2.1.2 Din il-proposta hija parti minn pakkett leġislattiv li għandu l-għan li jagħmel l-investiment f'infrastrutturi ġodda ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni aktar attraenti, għall-impriżi kollha, kemm fil-livell lokali kif ukoll lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u tinkludi wkoll proposta għal Regolament li jikkonċerna l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), kif ukoll komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Konnettività għal suq uniku diġitali kompetittiv — lejn soċjetà Ewropea tal-Gigabit". Barra minn hekk, ġew ippreżentati wkoll pjan ta' azzjoni għall-varar tas-servizzi 5G madwar l-UE kollha mill-2018 u proposta għal regolament dwar il-promozzjoni tal-konnettività tal-Internet fil-komunitajiet lokali u l-isparzi pubbliċi – "Wi-Fi għall-Ewropa" (WIFI4EU).

2.1.3 Dawn l-istrumenti kollha jaqdu t-tliet objettivi strateġiċi dwar il-konnettività għall-2025:

- a) l-atturi soċjoekonomiċi ewlenin kollha għandu jkollhom aċċess għal konnessjoni għolja ħafna, fil-livell ta' gigabits;
- b) id-djar kollha tal-Ewropa, rurali jew urbani, għandu jkollhom aċċess għal konnettività ta' veloċità ta' tniżżil ta' mill-inqas 100 Mbps u li kapaċi tadatta għall-veloċitajiet tal-gigabits;
- c) iż-żoni urbani kollha u r-rotot tat-triq jew ferrovjarji ewlenin kollha għandhom jibbenefikaw mill-kopertura 5G bla waqfien; bħala mira intermedja għall-2020, il-konnettività 5G għandha jkun disponibbli fuq is-suq f'għall-inqas waħda mill-ibliet ewlenin f'kull Stat Membru.

2.1.4 Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bil-għan li toħloq is-suq intern tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u li tiżgura l-funzjonament tiegħu. Hija għażlet riformulazzjoni orizzontali tal-erba' Direttivi eżistenti (id-Direttiva Qafas, id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, id-Direttiva tal-Aċċess u d-Direttiva Servizz Universali), li hija tiġbor fi ħdan Direttiva waħda u unika, bis-semplifikazzjoni tal-istruttura attwali bl-għan li titjieb il-koerenza u l-aċċessibilità, konsistenti mal-għan tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), fil-forma ta' kodiċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi Ewropew ġenwin.

2.1.5 Skont is-suġġetti trattati, il-proposta tadotta diversi forom ta' armonizzazzjoni leġislattiva, minn armonizzazzjoni sħiħa speċifika jew selettiva, pereżempju fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-utenti finali, għal armonizzazzjoni massima għal kwistjonijiet dwar l-ispettru, b'armonizzazzjoni minima b'livell għoli f'dak li jikkonċerna l-kompetenzi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

2.1.6 Il-proposta tibbaża fuq konsultazzjoni pubblika estensiva mal-partijiet interessati fuq perjodu ta' tnaix-il ġimgħa, fuq parir speċjalizzat ta' esperti esterni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fuq diversi studji oħrajn elenkati u spjegati fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt, kif ukoll fuq l-opinjoni ta' panel ta' esperti ta' livell għoli stabbilit fil-kuntest tal-istudju SMART 2015/0005.

⁽¹⁾ COM(2015) 192 final.

⁽²⁾ COM(2016) 590 final.

2.1.7 B'din il-proposta, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tilħaq l-għanijiet li ġejjin:

- a) intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni, u kundizzjonijiet ta' investiment iktar prevedibbli;
- b) użu aħjar tal-ispettru tar-radju;
- c) protezzjoni aħjar tal-konsumatur, fl-oqsma fejn ir-regoli ġenerali għall-protezzjoni tal-konsumaturi m'humiex biżżejjed, għaliex ma jissodisfawx il-bżonnijiet speċifiċi tas-settur;
- d) ambjent online aktar sikur għall-utenti u regoli aktar ġusti għall-atturi kollha.

2.1.8 Fil-qosor, bosta mill-bidliet proposti, b'mod partikolari daww li jikkonċernaw l-ispettru, is-servizz universali, l-aċċess, l-utenti finali, in-numerazzjoni u l-governanza politika, għandhom l-għan li jintroduċu regoli ċari, li jippermetti lill-partijiet jifhmu faċilment id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u tiġi evitata regolamentazzjoni u piżijiet amministrattivi żejda.

2.1.9 Il-bidliet proposti speċifikament jinkludu l-miżuri li ġejjin: li r-regolamentazzjoni dwar l-aċċess tiġi ssemplifikata u mmirata ġeografikament; li (kull meta dan ikun possibbli) tintuża awtorizzazzjoni ġenerali bi preferenza għal-liċenzji individwali tal-ispettru; li jitrawmu swieq sekondarji għall-ispettru; li jitneħħew l-obbligi tas-servizz universali li ma għadhomx meħtieġa, bħar-rekwiżiti li jkun żgurati il-forniment ta' telefowns bil-flus u ta' direttorji fiżiċi; li jċkien il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi dwar id-disponibbiltà tas-servizz universali u li jispiċċa l-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni settorjali; li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas Regolatorju u li jitneħħew l-obbligi tal-protezzjoni tal-konsumaturi li ma jkunx għad hemm bżonnhom meta dawn diġà tkun qed tindirizzahom il-leġislazzjoni orizzontali jew ikun qed jissodisfahom is-suq; li jiġu armonizzati u ċċarati r-regoli u l-governanza tan-numerazzjoni fil-kuntest tal-M2M.

2.1.10 Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li ssaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-BEREC biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti u prevedibbli tar-regoli dwar il-pakkett tas-suq uniku diġitali, billi titnaqqas il-frammentazzjoni u l-inkonsistenzi attwali bl-għan tal-promozzjoni ta' governanza effiċjenti tal-ġodda⁽³⁾.

2.2 *Il-metodu ta' riformulazzjoni*

2.2.1 Il-Kummissjoni ma llimitatx ruħha, kif tagħmel fil-parti l-kbira tal-każijiet, li ssir sempliċi "kodifikazzjoni" bl-inklużjoni tal-kontenut tad-diversi direttivi preċedenti f'pakkett komplut armonjuż u koerenti u mingħajr ma jibdel il-kontenut. Pjuttost xtaqet tuża l-possibbiltà mogħtija lilha permezz tal-Ftehim Interisituttazzjonali ffirmat fit-28 ta' Novembru 2001⁽⁴⁾, li fl-istess ħin li tkompli bl-integrazzjoni orizzontali tad-diversi atti preċedenti f'test leġislattiv uniku, tagħmel bidliet estensivi u sostanzjali (imsejħa "emendi sostantivi") tar-reġim ikkonċernat.

2.2.2 F'dan it-tip ta' eżerċizzju ta' semplifikazzjoni leġislattiva, kodifikazzjoni u modifika sostanzjali tar-reġim legali ta' att leġislattiv, "il-proċess leġislattiv normali tal-Komunità għandu jitħares kollu kemm hu" (punt 5 tal-Ftehim). Il-proposta ta' riformulazzjoni hija b'mod partikolari suġġetta għal Opinjoni tal-KESE, u hija rregolata minn sett ta' kriterji u regoli espressament stipulati fil-paragrafi 6 u 7 tal-Ftehim.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 *Kwistjonijiet mhux diskussi f'din l-opinjoni*

3.1.1 Mhux biss minħabba l-limiti imposti fuq id-daqs tal-opinjoni tiegħu iżda wkoll minħabba n-natura stess tal-proposta, il-KESE jqis li m'għandux jagħmel sqarrija mill-ġdid fuq l-elementi tal-atti leġislattivi preċedenti li huma applikati bla modifiki f'din il-proposta, għajr meta dan ikun assolutament indispensabbli għall-fehim ta' wieħed mill-punti diskussi.

3.1.2 Fil-fatt, il-KESE kellu l-opportunità jikkummenta fid-dettall fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar dawn is-suġġetti kollha, u hawn jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu.

3.1.3 Bl-istess mod, f'din is-sede mhux se jidħol fid-dettall dwar l-aspetti relatati mal-istruttura u l-operat tal-BEREC indirizzati fil-proposta, li se jiġu analizzati fid-dettall fl-Opinjoni li qed tiġi mfassla b'mod parallel ma' din.

⁽³⁾ COM(2016) 591 final.

⁽⁴⁾ ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

3.2 Valutazzjoni tal-approċċ ġenerali tal-proposta

3.2.1 Il-KESE jixtieq jibda billi jfaħħar lill-Kummissjoni għar-rilevanza tal-inizjattiva tagħha, kompletament iġġustifikata minn kunsiderazzjonijiet marbuta mas-suq, l-evoluzzjoni tat-teknoloġija u tal-protezzjoni legali tal-utenti tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li jeħtieġu tfassil mill-ġdid tal-qafas legali sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess mingħajr xkiel għal attivitajiet onlajn u li n-negozji jiżviluppaw dawn l-attivitajiet f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Tali rikonoxximent ikopri wkoll it-teknika ta' "riformulazzjoni", li hija strument partikolarment xieraq fil-qafas ġenerali tal-programm REFIT, filwaqt li jiddeplora n-nuqqas ta' użu tiegħu fil-fatt mill-Kummissjoni.

3.2.2 Dwar dan il-punt partikolari, il-KESE jikkongratula lill-Kummissjoni għall-korrezzjoni formali tal-eżerċizzju diffiċli tar-"riformulazzjoni" li hija wettqet, bir-rispett dovut għar-regoli stabbiliti. Huwa jinnotta b'dispaċir biss li l-Kummissjoni ma għażlitx is-soluzzjoni tal-pubblikazzjoni simultanja ta' verżjoni "nadifa" iktar ċara, kif suġġerit diversi drabi.

3.2.3 Huwa jixtieq ukoll jindika b'mod ġenerali l-qbil tiegħu mar-regoli l-ġodda introdotti fil-proposta għal att leġislattiv ġdid, u kif dawn l-arranġamenti legali ġew allinjati ma' politiki oħra tal-UE, kemm jekk hija leġislazzjoni speċifika fis-seħħ fis-settur jew, b'mod partikolari, jekk huma prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-leġislazzjoni orizzontali tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

3.2.4 Madankollu, il-KESE jemmen li l-għażla – diskutibbli – ta' direttiva daqstant ġenerika u wiesgħa, u li tħalli għadd ta' aspetti għal-leġislazzjoni nazzjonali, seta' kellha riżultati aħjar fir-rigward tas-semplċità u ċ-ċertezza tad-dritt kieku minflok intgħażel regolament qafas, ta' applikazzjoni diretta, immedjata u uniformi fl-Istati Membri kollha, kif ipproponiet il-Kummissjoni, u kieku tfasslu direttivi speċifiċi għal ċerti temi diskussi, soġġetti għal gradi differenti ta' armonizzazzjoni skont il-kundizzjonijiet tas-suq u n-natura tagħhom. Minħabba ż-żmien meħtieġ għall-adozzjoni tagħha (tal-inqas 18-il xahar), għat-traspożizzjoni tagħha (minimu ta' sentejn) u għall-implimentazzjoni tagħha, id-dħul fis-seħħ effettiv ta' din is-sistema l-ġdida mhix se ssir qabel l-2021/2022.

3.2.5 Min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza, li l-proposta tagħha ġiet ippubblikata fl-10 ta' Jannar 2017 (COM(2017) 10 final), u li hija waħda mill-kwistjonijiet ċentrali u essenzjali ta' dan il-pakkett, għalkemm komprensibbli għal raġunijiet ta' skeda għall-proċess leġislattiv, hija punt dgħajef tal-proposta. Din il-proposta għalhekk hija nieqsa minn wieħed mill-iktar pilastru importanti li jiżguraw ir-rispett lejn l-interessi tal-utenti tan-netwerks, u tirreferi għal xi futur 'il bogħod, għall-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni attwali mal-istrument futur dwar il-ħajja privata, u toħloq aktar diffikultajiet fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha.

3.2.6 Il-proposta lanqas ma tkopri r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni⁽⁵⁾ u ċerti aspetti tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Promozzjoni tal-użu kondiviż ta' riżorsi tal-ispettru tar-radju fis-suq intern", li sthoqqilhom jiġu inklużi f'din ir-riformulazzjoni⁽⁶⁾.

3.2.7 Fl-aħħar nett, jidher ċar li din il-proposta la tissodisfa x-xewqa tal-Kunsill ta' "Kodiċi Ewropew tad-drittijiet tal-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika", li "l-għan (tiegħu) huwa li fil-livell tal-UE jkun hemm għodda sempliċi u faċli għall-utent li tlaqqa' flimkien id-drittijiet kollha tal-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-oqasma tal-ICT (Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni) u l-protezzjoni tal-konsumatur"⁽⁷⁾ u lanqas ma tissodisfa l-intenzjoni espressa fl-Istrateġija Diġitali għall-Ewropa "biex tippubblika Kodiċi tad-Drittijiet tal-Onlajn tal-UE sal-2011 li joħloq sommarju tad-drittijiet tal-utenti diġitali eżistenti fl-UE b'mod ċar u aċċessibbli"⁽⁸⁾.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Is-suġġett u l-iskop

Il-KESE japprezza li l-Kummissjoni, diġà fl-ewwel Artikolu tenfasizza l-kwistjoni tal-aċċessibilità għas-servizzi għall-"utenti b'diżabbiltà" kif ukoll il-ħtieġa biex "tistabbilixxi d-drittijiet tal-utenti finali". F'dan ir-rigward, ir-riżerva espressa fil-punt 4 tal-ewwel Artikolu hija partikolarment importanti. Fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw bla ħsara għar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 93/13/KEE u 97/7/KEE u 2011/83/UE, u r-regoli nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, li għal kull wieħed minnhom il-KESE fassal studji ta' evalwazzjoni. (Rapporti ta' informazzjoni INT/795 u 796 adottati fis-sessjoni plenarja tal-15 ta' Diċembru 2016).

⁽⁵⁾ COM(2011) 402 final.

⁽⁶⁾ COM(2012) 478 final.

⁽⁷⁾ Il-3017-il laqgħa tal-Kunsill, 31 ta' Mejju 2010.

⁽⁸⁾ COM(2010) 245 final.

4.2 *Id-definizzjonijiet*

Fir-rigward tad-definizzjonijiet, il-KESE jenfasizza r-rilevanza fil-formulazzjoni ta' kunċetti ġodda bħalma huma "n-netwerk ta' kapaċità għolja ħafna", is-"servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali", is-"servizz ta' komunikazzjoni interpersonali ibbażati fuq in-numru", is-"servizz ta' komunikazzjoni interpersonali u indipendent min-numri", "is-sigurtà tan-netwerks u s-servizzi", permezz tal-"punt tal-aċċess bla fili f'żona żgħira", in-"netwerk ta' żoni lokali bir-radju" (RLAN), "l-użu kondiviż tal-ispettru tar-radju", l-"spettru tar-radju armonizzat", "ċentru li jwieġeb is-sejħiet tas-sikurezza pubblika (PSAP)", "l-aktar PSAP xieraq", il-"komunikazzjoni ta' emerġenza", is-"servizz ta' emerġenza", li għandhom impatt fuq is-sistema legali.

4.3 *Għanijiet*

4.3.1 Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għanijiet, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-problema ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti oħra, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-BEREC, għalkemm il-"mudell" preferut tiegħu jimxi f'direzzjoni oħra, kif indika fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-Regolament il-ġdid tal-BEREC.

4.3.2 F'dan ir-rigward, huwa partikolarment importanti li tiġi enfasizzata d-definizzjoni mill-ġdid tal-obbligi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet rilevanti oħra kif ukoll tal-BEREC, li huma definiti fl-Artikolu 3(2).

4.3.3 Fl-istess ħin, huwa importanti li l-Istati Membri jikkoperaw permezz tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (l-RSPG), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE, bejniethom u mal-Kummissjoni, u mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill meta jitolbuhom, b'appoġġ fl-ippjanar strateġiku u fil-koordinazzjoni tal-approċċi tal-politika tal-ispettru tar-radju fl-Unjoni.

4.4 *Kwistjonijiet ta' interess partikolari*

4.4.1 Peress li mhux possibbli, f'din l-opinjoni, li ssir analiżi tad-dispożizzjonijiet kollha inkwistjoni, il-KESE xtaq jikkonċentra fuq ftit punti li huwa jqis li huma ta' importanza kbira għas-soċjetà.

4.4.2 *Regolamentazzjoni dwar l-aċċess*

4.4.2.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li r-regoli tal-aċċess ma ġewx mibdula sostanzjalment u jappoġġa l-Kummissjoni fl-isforzi tagħha tas-semplifikazzjoni tal-proċeduri u l-promozzjoni ta' konnettività universali u ta' kapaċità għolja ħafna (HCV), l-għan ewlieni tal-qafas regolatorju tas-settur, flimkien mal-promozzjoni tal-kompetizzjoni, għall-ikkompletar tas-suq intern u l-ħarsien tal-konsumatur.

4.4.2.2 Il-KESE jappoġġa l-emendi speċifiċi tar-regolamentazzjoni tas-suq biex jeżiġu lir-regolaturi li jiddeterminaw l-intenzjonijiet tal-investment u jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi biex ifittxu investituri fiż-żoni mhux koperti biżżejjed. Dan għandu jżid it-trasparenza tal-pjani tat-tifrix tan-netwerk, joffri lill-investituri aktar prevedibilità u jippermetti lir-regolaturi jqisu aħjar l-ispeċifità għal-ġeografiċi fl-analiżi tagħhom tas-suq.

4.4.2.3 Huwa japprova l-bidla, min-naħa tal-Kummissjoni, fil-proċeduri ta' analiżi tas-suq kif ukoll il-kodifikazzjoni tal-aħjar Prattiki Attwali biex jiżguraw li l-obbligi tal-aċċess jiġu imposti biss fil-każijiet u fil-ħinijiet li fihom huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq bl-imnut u jiġu żgurati riżultati għall-utent finali, filwaqt li fl-istess ħin, jiġi żgurat li jkun kompetittivi. Madankollu l-KESE ma jsibx ġustifikazzjoni għall-estensjoni tal-perjodu ta' tliet snin tar-reviżjoni tas-għal ħames snin.

4.4.2.4 Fl-aħħar nett, il-KESE jaqbel mal-idea li l-kompetizzjoni bbażata fuq l-infrastruttura huwa wieħed mill-aktar mezzijiet effettivi biex jipprovdi konnettività aħjar jew ġdida għall-internet fiż-żoni fejn id-densità tal-popolazzjoni tippermetti l-preżenza ta' aktar minn netwerk wieħed.

4.4.3 *Allokazzjoni tal-ispettru*

4.4.3.1 Għalkemm l-UE kienet l-ewwel li żviluppat teknoloġiji mingħajr fili 4G, hija ilha tesperjenza dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom, meta mqabbla ma' reġjuni oħra. L-alkokazzjoni u l-ġestjoni tal-ispettru hija, bħala prinċipju, kompetenza tal-Istati Membri. Dan il-fattur ġeneralment kien enfasizzat bħala kawża tal-frammentazzjoni tas-swieq li għandu impatt negattiv dirett fuq il-kopertura tan-netwerk mingħajr fili u l-penetrazzjoni madwar l-Ewropa. Jekk jippersisti, jhedded li jipperikola s-suċċess tal-introduzzjoni tas-servizzi 5G fl-Ewropa u l-użu tas-servizzi innovattivi ġodda.

4.4.3.2 Din hija r-raġuni għaliex il-proposta biħsiebha timponi sett komuni ta' regoli, pereżempju, tul ta' żmien minimu tal-liċenzja sabiex ikun żgurat il-ħlas tad-djun tal-investment, aktar flessibilità għall-iskambju tal-frekwenzi tal-ispettru, il-koerenza u l-oġġettività tal-miżuri regolatorji (riżerva, arranġamenti ta' organizzazzjoni tas-sejħa għall-offerti, prezzijiet massimi u imblukkar tal-frekwenza, riżerva straordinarja tal-frekwenzi tal-ispettru). Hija tipprovdi wkoll għal evalwazzjoni bejn il-pari bejn ir-regolaturi nazzjonali biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-prattiki tal-għoti fil-kuntest tal-BEREC. Min-naħa l-oħra, l-operaturi għandhom jimpjenjaw irwieħhom li jużaw l-ispettru li ġie fdat lilhom b'mod effettiv.

4.4.3.3 Il-KESE jappoġġja dan l-approċċ ġdid. Fil-fatt, minbarra li jaċċelera l-proċessi tal-allokazzjoni tal-ispettru għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, bi skadenzi ċari biex l-ispettru jsir disponibbli fis-suq, huwa jippermetti lill-investituri fil-ġenerazzjoni tal-broadband mingħajr fili li jmiss, jibbenefikaw minn prevedibbiltà u konsistenza fir-rigward tas-sistemi futuri ta' liċenzjar u l-kundizzjonijiet ewlenin għall-għoti jew it-tiġdid tad-drittijiet nazzjonali fir-rigward tal-ispettru.

4.4.3.4 Fl-aħħar nett, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-semplifikazzjoni tal-kondiviżjoni tal-ispettru fuq in-netwerk 5G kif ukoll il-promozzjoni tal-aċċess tal-utenti finali għall-konnettività bażika tal-WiFi. Fil-fatt, l-użu kondiviż tal-ispettru, abbażi ta' awtorizzazzjoni ġenerali jew ta' drittijiet ta' użu individwali, jippermetti l-użu intensiv u effiċjenti ta' din ir-riżorsa skarsa. L-utenti tal-ispettru tar-radju tar-reġim tal-awtorizzazzjoni ġenerali se jkunu pprovduti aktar protezzjoni kontra l-interferenza dannuża, b'tali mod li l-ostakli għall-istabbiliment ta' punti tal-aċċess tal-WiFi jiġu eliminati u li l-aċċess tal-utenti finali għall-konnessjonijiet kondiviżi tal-internet bla fili ikun iżjed faċli.

4.4.4 *Id-definizzjoni mill-ġdid tar-reġim tas-servizz universali*

4.4.4.1 L-iskema "mġedda" tas-servizz universali u l-emendi għas-servizzi u r-regoli dwar il-protezzjoni tal-utenti finali huma aspetti li joħlqu l-akbar riservi lill-KESE. Is-servizz universali kien diġà wieħed mill-aspetti li kien is-suġġett ta' kritika ewlenija mill-KESE f'opinjonijiet preċedenti.

4.4.4.2 L-estensjoni ta' dan is-servizz u servizzi oħra bħas-servizzi mobbli u l-aċċess għall-internet broadband ilhom prijorità. Bl-iskuża tal-allegat modernizzazzjoni tar-reġim dwar is-servizzi universali, fil-fatt il-proposta tibdel is-servizzi jew anke tħassar mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom sensiela ta' obbligi, bħall-kabini telefoniċi pubbliċi, id-direttorji komprensivi u s-servizzi ta' konsultazzjoni tad-direttorju, u għalhekk ir-riżultat li d-Direttiva tippretendi li tilħaq isiru superfluwi; Għadu mhux ċar għall-KESE jekk il-maturità tas-settur hiex ser tkun biżżejjed biex tiżgura li dawn is-servizzi jkomplu jiġu pprovduti anke meta jieqaf l-obbligi tas-servizz universali. L-Artikolu 82 jippermetti lill-Istati Membri mhux biss li "jkomplu jiżguraw id-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' servizzi oħra" jekk "jintwera debitament li hemm bżonn dawn is-servizzi fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali" iżda jiftaħ ukoll it-triq għal l-abbandun ta' dawn is-servizzi fi żmien qasir minħabba l-ispejjeż li jiġibu magħhom.

4.4.4.3 Il-KESE jinsab imħasseb fir-rigward tad-definizzjoni ta' "aċċess funzjonali għall-internet broadband" inkwantu din tista' tagħti lok għall-istabbiliment ta' lista arbitrarja ta' servizzi aċċessibbli onlajn, b'kuntrastr għal konnessjoni ta' kwalità minima newtrali, li fil-futur jista' jwassal għal Prattiki diskriminatorji għad-detriment tal-utenti finali.

4.4.4.4 Ċertament, l-Artikolu 79 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw "l-utenti finali fit-territorju tagħhom ikollhom aċċess, bi prezz affordabbli, fid-dawl tal-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, għas-servizzi disponibbli tal-aċċess għall-internet funzjonali u tal-komunikazzjoni bil-vuċi, bil-kwalità speċifika fit-territorju tagħhom, inkluż il-konnessjoni sottostanti, mill-anqas f'post fiss", li jippermettilhom li "jeżiġu li l-impriżi jipprovdu dawn is-servizzi biex lil dawk l-utenti finali joffrullhom alternattivi ta' tariffi jew pakketti differenti minn dawk provduti bil-kundizzjonijiet kummerċjali normali", billi "japplikaw tariffi komuni, inkluż medjar ġeografiku fit-territorju kollu".

Madankollu, il-punti 4 u 5 tal-Artikolu 80, jirreferu għall-"assistenza jew is-sigurtà soċjali" jew għall-baġits nazzjonali, permezz tat-tassazzjoni, l-għajnuna "lill-utenti finali bi dħul baxx jew bi bżonnijiet soċjali speċjali (biex) jingħataw l-appoġġ ħalli tkun żgurata l-affordabbiltà tas-servizzi tal-aċċess għall-internet funzjonali u tal-komunikazzjoni bil-vuċi mill-inqas f'post fiss", li jneħħi l-obbligu ta' servizzi bħal dawn għall-fornituri.

4.4.4.5 Barra minn hekk, is-sistema kollha ta' finanzjament tas-servizz pubbliku fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jsibu li impriża hija suġġetta għal piż eċċessiv, huwa limitat għall-istabbiliment ta' "mekkaniżmu biex jikkompensaw lil dik l-impriża għall-ispiża netta stabbilita taħt kondizzjonijiet trasparenti minn fondi pubbliċi". Jiġifieri għal darb'oħra t-Teżor pubbliku huwa msejjaħ ikopri l-ispiża tas-servizz pubbliku b'mod speċjali fin-nuqqas ta' fornituri fiż-żoni li ma jrendux tas-servizz għall-pubbliku. Il-possibbiltà ta' kondivizzjoni tal-ispejjeż li kien previst qabel skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva rrevokata fil-fatt tneħħa (Dan l-artikolu jipprevedi li: "b) jikkondividu l-ispiża netta tal-obbligu tas-servizz universali bejn il-fornituri ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi").

4.4.5 *Id-drittijiet tal-utent finali*

4.4.5.1 Madankollu, il-punt li l-KESE jħoss li huwa l-aktar diffiċli huwa t-titolu ġdid marbut mad-drittijiet tal-utenti finali, billi, fid-dawl tal-opinjoni kollha addotati dwar dan is-suġġett, ma jaqbilx mas-soluzzjonijiet addotati, u mal-għażla tal-armonizzazzjoni massima tat-termini stabbiliti skont l-Artikolu 94. Il-pożizzjoni tal-KESE minn dejjem kienet li, fi kwistjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-konsumatur, huwa importanti li jiġu adottati linji gwida għall-armonizzazzjoni minima jew regolamenti li jiggarantixxu l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-konsumatur.

4.4.5.2 Ma jemminx li huwa aċċettabli li jitneħħew ċerti obbligi regolatorji jew li jonqsu d-drittijiet jew il-garanziji preċedenti bl-iskuża li m'għadhomx meħtieġa jew li huma koperti mil-liġi tal-konsumatur ġenerali. Dan jirrigwarda, pereżempju, it-tneħħija ta' setgħat mogħtija lir-regolaturi nazzjonali li jimponu direttament regolamentazzjoni tal-prezzijiet bl-innut tal-operatori li għandhom saħħa sinifikanti fis-suq (SMP) jew ta' ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward ta' kuntratti, trasparenza, l-ekwivalenza tal-aċċess għall-utenti b'diżabilità, servizzi ta' direttorji u ta' interoperabbiltà tat-tagħmir tat-televiżjoni diġitali (l-Artikoli 95 sa 98, 103 sa 105).

4.4.5.3 Bl-istess mod, il-proposta tal-Kummissjoni ma tirrikonossix il-ħtieġa ta' regolamentazzjoni aħjar ta' ċerti prattiki allegati bħala inġusti f'kuntratti mal-utenti, bħal pereżempju fil-każ ta' limiti massimi tat-tul ta' kuntratti jew ta' terminazzjoni ta' kuntratt, tat-tiġdid tal-kuntratti f'każ ta' pakketti, in-nuqqas ta' sanzjonijiet li jkunu jistgħu jiżguraw l-effettività tal-proċess ta' tibdil għall-utent finali. Dan jikkonċerna wkoll iż-żamma tal-obbligu ta' kumpens għall-utent aħħari "għall-valur pro rata tempore tat-tagħmir sussidjat mogħti mal-kuntratt meta sar il-kuntratt u rimborż pro rata tempore għal kull vantaġġ promozzjonali ieħor li ġie kumerċjalizzat bħala tali waqt il-konklużjoni tal-kuntratt."

4.4.5.4 Madankollu, il-KESE japprezza għadd ta' dispożizzjonijiet ġodda, pereżempju, leġġibiltà aħjar tal-kuntratti permezz ta' kuntratt li jiġbor fil-qosor l-essenza tal-informazzjoni semplifikata, il-forniment ta' strumenti ta' kontroll tal-konsum, għodod ta' tqabbil tal-prezz u tal-kwalità, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza.

4.5 *L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra*

4.5.1 Rigward is-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji u l-awtoritajiet kompetenti oħra, ir-riformulazzjoni tal-Artikolu 5(1) attwali huwa partikolarment rilevanti.

4.5.2 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet kompetenti oħra, l-Artikoli 7-9 jenfasizzaw il-garanziji speċifiċi li huma mogħtija għall-għażla, għal-limitazzjoni tat-tul ta' żmien tal-mandati, l-awtonomija ta' ġestjoni u dwar it-tkeċċija ta' membri tal-korpi ta' ġestjoni rispettivi taħthom.

4.6 *Soluzzjoni amikelvoli għat-tilwim*

4.6.1 Huwa partikolarment importanti li l-proposta tiżgura li l-proċeduri barra l-qorti jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, sempliċi, rapidi, ġusti u affordabbli għat-tilwim mhux solvut bejn il-konsumaturi u l-impriżi li jipprovdu servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament għajr għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali u indipendenti min-numri, li joħorġu minn din id-Direttiva u li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijiet kuntrattwali u/jew il-prestazzjoni tal-kuntratti li jikkonċernaw il-forniment ta' dawn in-networks u/jew is-servizzi.

4.6.2 Ta' importanza akbar hija l-konċessjoni lill-Istati Membri li jestendu l-aċċess għal dawn il-proċeduri lil utenti finali oħra, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro u żgħar.

4.6.3 Iżda f'każ ta' tilwim transkonfinali, il-proposta tippovdi soluzzjoni li għandha nuqqas ta' mekkaniżmi stabbiliti fil-livell tal-UE għal dan it-tip ta' tilwim, billi tispiċċa biex tidħol fi proċeduri kumplessi b'riżultati dubjużi kemm mil-lat tal-effettività kif ukoll tal-garanzija reali li din tasal fil-ħin għal bilanċ ġust bejn l-interessi, u li mbagħad tirriżulta fi proċediment ġuridiku.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika”

(COM(2016) 591 final — 2016/0286 (COD))

(2017/C 125/09)

Relatur uniku: **Jorge PEGADO LIZ**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 24.10.2016 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 25.10.2016
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.1.2017
Adottata fil-plenarja	25.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	118/0/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 F'għadd mill-Opinjonijiet tiegħu, il-KESE jippromovi b'mod konsistenti li jiżiedu r-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u s-setgħat tal-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (BEREC), sabiex b'hekk jingħata l-kapaċità meħtieġa biex jaqdi rwol regolatorju effettiv għas-settur fil-livell Ewropew.

1.2 B'mod ġenerali, għalhekk, jappoġġja l-intenzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

1.3 Madankollu, jiddispijaċi li l-Kummissjoni ma għażlitx dik li ssejjaħ l-alternattiva 4, li ma tagħti l-ebda raġuni biex tkun eskluża, iżda tippreferi tillimita l-BEREC għall-qasam – għalkemm imsaħħaħ – ta' kooperazzjoni jew koordinazzjoni.

1.4 Kif diġà stqarr, il-KESE huwa tal-fehma soda li hija biss għażla waħda, dik li l-BEREC jinbidel f'awtorità regolatorja ġenwina, li tista' tiegħu approċċ li jħares 'il quddiem u jipprovdri regolazzjoni xierqa tas-servizzi ta' informazzjoni ġodda pan-UE jew globali, li bħalissa fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex regolati jew huma soġġetti għal oqfsa regolatorji mhux ċari (M2M, OTT u oqsma oħrajn ta' importanza kbira għall-Unjoni, bħar-roaming jew is-swieq transnazzjonali) jew proċeduri ta' assenjazzjoni vinkolanti pan-Ewropej, għal meded speċifiċi.

1.5 Punt li jistħoqqlu kunsiderazzjoni bir-reqqa u rieżami jirrigwarda l-kompożizzjoni, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Bord tal-Appell, sabiex jiġu żgurati f'kull każ, indipendenza ġenwina u imparzjalità u sistema ta' appell adegwata, b'mod speċjali fejn jidhru deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tilwim transkonfinali.

2. Sommarju fil-qosor ħafna tal-proposta

2.1 Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2015 dwar “Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa”⁽¹⁾ (“l-Istrateġija DSM”), il-Kummissjoni rrimarkat li s-suq li qed jinbidel u l-ambjent teknoloġiku jagħmlu neċessarju li jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (BEREC). Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar “Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali”⁽²⁾, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex is-Suq Uniku Diġitali tintegrah aktar billi tiżgura li jkun hemm qafas istituzzjonali aktar effiċjenti. Dan tista' ttwettqu billi ssaħħaħ ir-rwol, il-kapaċità u s-setgħat deċiżjonali tal-BEREC ħalli jkun jista' jrawwem implimentazzjoni konsistenti tal-

⁽¹⁾ ĠU L 13, 15.1.2016, p. 176.

⁽²⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar “Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali” (TA(2016)0009).

qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika, sabiex tkun tista' ssir sorveljanza effiċjenti tal-BEREC fejn jidħol l-iżvilupp tas-suq uniku, u jiġi meġġun isolvi t-tilwim transkonfinali.

2.2 Din il-proposta għandha titqies flimkien mal-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ⁽³⁾, li jafda lil BEREC b'kompiti addizzjonali li se jgħinu biex jiġi żgurat li l-qafas regolatorju jiġi implimentat b'mod konsistenti u jitravwem l-iżvilupp tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, il-BEREC se jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-aċċess u tal-adozzjoni ta' konnettività tad-data b'kapaċità kbira ħafna u għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-forniment ta' servizzi u netwerks tal-komunikazzjoni elettronika kif ukoll għall-promozzjoni tal-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni.

2.3 L-għan ewlieni tal-proposta huwa għalhekk li jissaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tal-BEREC u tissaħħaħ l-istruttura ta' governanza tiegħu billi fl-istess ħin il-BEREC u l-uffiċċju tal-BEREC jinbidlu f'aġenzija vera u proprja b'mandat usa' sabiex ikun kapaċi jwettaq il-kompiti tiegħu fil-futur. Dan se jiżgura l-kontinwità fix-xogħol imwettaq mill-BEREC u jkompli l-għbir tal-għarfien espert mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, u b'hekk jiġu allinjati l-istruttura u l-governanza, it-tħaddim, il-programmazzjoni u r-responsabilità tiegħu mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati (l-"Approċċ Komuni") ⁽⁴⁾. Barra minn hekk, il-proposta tinkorpora wkoll fir-Regolament BEREC il-kompiti assenjati lill-BEREC fir-Regolament (UE) 2015/2120 li ġie adottat dan l-aħħar u li jstabbilixxi regoli biex jiġi żgurat internet miftuħ u biex jitneħħew il-ħlasijiet addizzjonali tar-roaming ⁽⁵⁾. Madankollu, ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika ⁽⁶⁾, li l-Kummissjoni ħabbret għal tmien l-2016, mhux inkluż.

2.4 Sabiex jintlaħaq dan l-għan il-Kummissjoni kkunsidrat erba' alternattivi: 1) l-ebda bidla; 2) rwol konsultattiv akbar u kompetenzi msaħħa biss; 3) rwol konsultattiv b'ċerti setgħat prenormattivi u proċess aħjar tar-rieżami tas-suq u ta' assenjament tad-dritt tal-użu tal-ispettru tar-radju – is-soluzzjoni preferuta li l-proposta tispejga fid-dettall; u 4) l-istabbiliment ta' regolatur tal-UE, bħala aġenzija msaħħa bir-riżorsi neċessarji biex takkomoda t-trasferimenti tas-setgħat ta' implimentazzjoni, inklużi setgħat ta' superviżjoni u ta' infurzar, li tista' taġixxi b'setgħat vinkolanti foqasma fejn huwa neċessarju li tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tar-regoli tal-UE – alternattiva eskluża mill-Kummissjoni mill-bidu nett.

2.5 Il-punti li ġejjin jispjegaw l-aspetti legali tal-alternattiva magħżula, li huma diskussi hawn isfel.

3. Kummenti ġenerali

3.1 F'għadd mill-Opinjoni tiegħu ⁽⁷⁾, il-KESE jirrakkomanda li jiżiedu r-responsabbiltajiet, il-kompetenzi u s-setgħat tal-BEREC, sabiex b'hekk jingħata l-kapaċità meħtieġa biex jaqdi rwol regolatorju effettiv għas-settur fil-livell Ewropew. B'mod ġenerali, għalhekk, jappoġġja l-intenzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

⁽³⁾ COM(2016) 590 final, li dwarha l-KESE ħareġ l-opinjoni TEN/612 Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012.

⁽⁵⁾ Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1), fir-rigward ta' liema proposta l-KESE adotta l-Opinjoni TEN/534 (ĠU C 177, 11.6.2014, p. 64).

⁽⁶⁾ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37); sitwazzjoni diġà indirizzata fl-Opinjoni TEN/612 Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁷⁾ Pereżempju:

- Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 (COM(2016) 399 final) (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 162, punt 4.7);
- Opinjoni tal-KESE dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar miżuri ġodda għas-suq uniku tal-UE tat-telekomunikazzjonijiet (COM(2013) 627 final u COM(2013) 634 final) (ĠU C 177, 11.6.2014, p. 64, punt 4.7.1);
- Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Promozzjoni tal-użu kondiviż ta' riżorsi tal-ispettru tar-radju fis-suq intern (COM(2012) 478 final) (ĠU C 133, 9.5.2013, p. 22, punt 4.10);
- Opinjoni tal-KESE dwar is-suq uniku diġitali inklużiva (ĠU C 161, 6.6.2013, p. 8, punt 3.1.1.1);
- Opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – l-Internet miftuħ u n-newtralità fl-Ewropa (COM(2011) 222 final) (ĠU C 24, 28.1.2012, p. 139, punt 2.4.1);
- Opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika tal-ispettru tar-radju (COM(2010) 471 final) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Il-Broadband Ewropew: investment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment (COM(2010) 472 final) (ĠU C 107, 6.4.2011, p. 53, punti 2.13 u 2.14).

3.2 Madankollu, il-KESE ffoka fuq soluzzjoni li hija eqreb lejn l-alternattiva 4 tal-Kummissjoni, peress li jemmen li sempliċi tibdil kożmetiku fl-istatus tal-BEREC mhux jidher li jkunet biżżejjed sabiex jinbidel f'awtorità regolatorja ġenwina.

3.3 Kif stqarr b'mod espliċitu fl-Opinjoni TEN/534, "Fil-fehma tal-KESE, il-bidliet proposti dwar l-istatus tal-BEREC, pereżempju l-pożizzjoni ta' President full-time tal-Bord tar-Regolaturi, jistgħu ma jkunux biżżejjed fid-dawl tal-isfidi tal-kompetittività u l-bżonn li jinħolqu inċentivi għall-investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-komunikazzjoni broadband u n-netwerk NGN/NGA" (Punt 4.7.1).

3.4 Fil-fatt, biex il-BEREC ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu f'qasam fejn in-nuqqas ta' regolazzjoni tajba diġà huwa magħruf sew, bħalma huma s-servizzi ta' informazzjoni ġodda pan-UE jew globali, li bħalissa fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex regolati jew huma soġġetti għal oqfsa regolatorji mhux ċari (M2M, OTT u oqsma oħrajn ta' importanza kbira għall-Unjoni, bħar-roaming jew is-swieq transnazzjonali), jew proċeduri ta' assenjazzjoni vinkolanti pan-Ewropej għal meded speċifiċi, kif ukoll li jwettaq ir-responsabbiltajiet il-ġodda li nġhatawlu, mhux biss minn din il-proposta iżda iżjed u iżjed mill-proposta għal Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika, ma jidherx li huwa aċċettabbli li l-livell ta' intervent tal-BEREC fil-qasam ikun limitat – anke jekk infurzat – għall-kooperazzjoni jew koordinazzjoni.

3.5 Din il-proposta ċertament tonqos milli tipprovi approċċ li jhars 'il quddiem, fis-sens ta' integrazzjoni akbar tas-suq uniku diġitali, peress li dan jibqa' jippermetti l-frammentazzjoni regolatorja mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

3.6 Dan jista' jispjega r-riżultati skoraġġanti tal-evalwazzjoni tal-BEREC rapportati fil-proposta mil-lat ta' rilevanza, effettività, effiċjenza u l-valur miżjud tal-approċċ li fuqu tibqa' tinsisti, minkejja kollox.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 B'mod ġenerali, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kompetenzi, l-organizzazzjoni u t-tħaddim, it-test tar-regolament isegwi l-approċċ komuni għall-aġenziji tal-istess tip definit fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati u ma jirrikjedi l-ebda kumment partikolari.

4.2 Madankollu, jeħtieġ li nikkummentaw dwar il-Bord tal-Appell fir-rigward tal-garanziji tal-"imparzjalità u l-indipendenza tal-membri tagħha, abbażi ta' kriterji trasparenti u verifikabbli b'mod oġġettiv li għandhom ikunu definiti mill-aġenziji"; b'mod partikolari, fejn "ir-reklutaġġ tal-membri tal-Bord tal-Appell" huwa "minn fost il-membri tal-aġenzija u/jew il-Bord tat-Tmexxija tal-aġenzija" dan "m'għandux jikkomprometti l-prinċipji msemmijin hawn fuq ta' imparzjalità u indipendenza" (punt 21 tad-Dikjarazzjoni Konġunta).

4.3 Meta mqabbla mal-arranġamenti f'korpi identiċi oħrajn, bħall-EUIPO⁽⁸⁾, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti⁽⁹⁾, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni⁽¹⁰⁾, u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi⁽¹¹⁾, biex insemmu biss xi ftit minnhom, il-KESE huwa sorpriż dwar in-natura vaga tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 11 sa 14 tal-proposta, li jiddefinixxu l-qafas legali tal-Bord tal-Appell.

4.4 Il-KESE jinnota li effettivament ir-regolamenti kollha dwar ir-regoli ta' organizzazzjoni u proċedura tal-bordijiet tal-appell tal-aġenziji msemmija hawn fuq jistabilixxu fid-dettall il-proċeduri applikati f'dawn il-korpi u jiddikjaraw li d-deċiżjonijiet maħruġa huma soġġetti għal rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Unjoni Ewropea, li s-sentenzi tagħha huma mbagħad soġġetti għal appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq punti ta' dritt.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96 tal-5 ta' Frar 1996 (ĠU L 28, 6.2.1996), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2082/2004 tas-6 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 360, 7.12.2004).

⁽⁹⁾ Artikolu 67 *et seq* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1–30).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 (ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1–21).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2008 tal-1 ta' Awwissu 2008 (ĠU L 206, 2.8.2008, p. 5–13).

4.5 Jirriżulta li, għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-mandat tiegħu huwa biss konsultattiv, hemm każijiet fejn, meta jittieħdu flimkien id-dispożizzjonijiet tal-Proposta għal Direttiva u d-dispożizzjonijiet tal-proposta attwali, il-BEREC jispiċċa bis-setgħa tat-tehdid ta' deċiżjonijiet bl-implikazzjonijiet legali għal partijiet terzi; dan se jkun il-każ ta' ċerti deċiżjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(1)(b) sa (d) dwar:

- l-identifikazzjoni tas-swieq transnazzjonali;
- il-mudelli għall-kuntratti fil-qosor;
- il-mudell ekonomiku biex jgħin lill-Kummissjoni tiddetermina r-rati massimi ta' terminazzjoni fl-Unjoni;
- opinjonijiet dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim transkonfinali;
- l-abbozzar ta' miżuri nazzjonali relatati mal-proċeduri għar-regolamentazzjoni tas-swieq;
- l-abbozzar ta' miżuri nazzjonali relatati mal-proċeduri għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-ispettru tar-radju;
- l-abbozzar tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni.

4.6 Eżempju tajjeb huwa l-każ tat-tilwim transkonfinali, fejn “kull parti tista' tirriferi t-tilwim lill-awtorità jew lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati”, li mbagħad iridu “jinnotifikaw it-tilwim lill-BEREC sabiex tinstab soluzzjoni konsistenti għat-tilwim, skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3”. F'dan il-każ, “Il-BEREC għandu jgħid opinjoni biex jindika lill-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati biex jieħdu azzjoni speċifika ħalli jissolva t-tilwim jew biex ma jieħdu l-ebda azzjoni, fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien erba' xhur, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali”.

4.7 F'sitwazzjoni bħal din, huwa diffiċli li kwalunkwe appell kontra d-deċiżjoni quddiem entità tal-appell tat-tip previst fil-proposta jipprovdi garanziji ta' indipendenza u imparzjalità.

4.8 Irrispettivament mill-istipulazzjoni li għadu possibbli li jsir appell quddiem il-qorti, il-proċedura fil-livell amministrattiv ma jidherx li tinkludi appell quddiem korp indipendenti b'mod ġenwin.

4.9 Il-KESE jittama li din il-kwistjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid meta titfassal il-verżjoni finali tal-proposta.

Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali”

(COM(2016) 589 final — 2016/0287 (COD))

(2017/C 125/10)

Relatur: **Emilio FATOVIC**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 6.10.2016 Kunsill, 25.10. 2016
Bażi legali	L-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.1.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	26.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	195/1/0

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni WiFi4EU li għandha l-għan li tipprovdi aċċess b'xejn għall-internet fil-postijiet pubbliċi u li ser twassal għal benefiċċji kemm mil-lat ta' aċċessibbiltà, speċjalment għall-aktar gruppi soċjali żvantaġġati, kif ukoll mil-lat tat-tkabbir ekonomiku tat-territorji, b'mod partikolari fl-oqsma tas-servizzi pubbliċi, is-saħħa, il-kummerċ u t-turiżmu.

1.2 Il-Kumitat jilqa' wkoll b'sodisfazzjon il-fatt li l-proposta tiegħu, li tenna kemm-il darba f'Opinjoni preċedenti, fl-aħħar saret tagħmel parti integrali mill-proċessi ta' diġitalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾. Dan jinbet mill-konvinzjoni li l-aċċess għall-internet huwa dritt fundamentali ta' kull ċittadin u li huwa strument indispensabbli ta' inklużjoni soċjali u tkabbir ekonomiku.

1.3 Il-KESE josserva li l-progress rapidu tal-qasam diġitali jista' jwassal biex f'perjodu qasir ta' żmien it-teknoloġiji kollha installati jsiru antikwati. Għalhekk, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika l-għanijiet ta' żvilupp soċjali kif ukoll tat-teknoloġija, sabiex l-inizjattiva WiFi4EU ssir aktar dinamika, dewwiema u reżiljenti.

1.4 Il-Kumitat jaqbel mal-idea li l-inizjattiva WiFi4EU tissejjes fuq il-proġett EDUROAM, u jipproponi li ż-żewġ proċessi jiġu integrati sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom identità diġitali unika fl-Ewropa kollha, kif diġà ġie stabbilit fir-Regolament eIDAS. Dan il-proċess jista' jkollu impatt importanti anke mil-lat tat-tisħiħ tas-sens ta' ċittadinanza Ewropea u biex jingħeleb **“il-faqar diġitali”**.

1.5 Il-KESE huwa tal-fehma li WiFi4EU huwa proġett strateġiku u l-EUR 120 miljun allokatu huma għalkollox inadegwati biex ikopru l-ħtiġijiet fit-territorju Ewropew kollu. Għalhekk il-KESE jittama li jkun hemm żieda sostanzjali fil-pakkett finanzjarju sabiex inkunu naspiraw għal aċċess għall-wifi bla ħlas u b'veloċità kbira ħafna sal-2025 fil-postijiet pubbliċi kollha fit-territorju Ewropew, sabiex tiġi implimentata l-inizjattiva b'konformità mal-prinċipju **“Quality WiFi4all”**. Fdan il-kuntest, ikun importanti li tkun prevista integrazzjoni akbar bejn is-servizzi wifi pubbliċi kollha li huma diġà attivi sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ ir-riżorsi disponibbli u tiġi evitata l-ħela.

⁽¹⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 8.

1.6 Il-KESE huwa tal-fehma li l-kriterji identifikati għall-allokazzjoni tal-fondi ftit li xejn huma ċari u huma kontradittorji (abbażi tal-approċċ “min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel” u l-kriterju ġeografiku). Il-Kumitat jirrakkomanda li jiġu kkunsidrati l-popolazzjoni u l-estensjoni ġeografika tagħhom, biex b’hekk jiġi stabbilit minn qabel l-ammont massimu ta’ fondi allokati għal kull pajjiż, b’tali mod li r-reġjuni kollha jkunu jistgħu jaċċessawh b’mod ibbilanċjat.

1.7 Il-KESE jipproponi li titwarrab kwota ta’ 20 % għaż-żoni inqas żviluppata mil-lat ekonomiku u diġitali, b’enfasi partikolari fuq il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi, u dawk mal-fruntiera jew periferiċi jew li jkunu ġew esposti għal diżastri naturali sabiex jinvestu r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-kriterji għar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta’ fornituri ma jkunux diskriminatorju fir-rigward tad-daqs tal-azjenda.

1.8 Il-KESE jappoġġja l-prinċipju li jiġu allokati fondi għal konnessjoni tal-internet b’xejn f’dawk l-inħawi fejn bħalissa ma jeżistix. Madankollu, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex — fl-ambitu tal-viżjoni strateġika — tintegra l-inizjattiva pubblika ma’ dawk l-inizjattivi li jipprevedu sħubija pubblika-privata.

1.9 Il-KESE jitlob li jiġi implimentat servizz tal-wifi bla ħlas ta’ kwalità tajba, li jiżgura konnessjoni minima sa 100 megabit/s fil-perjodu 2017-2020, iżda wieħed għandu jżomm f’moħħu għa minn issa li dan irid jiġi adattat għal velocitàt ogħla fuq perjodu medju ta’ żmien. Hemm tliet raġunijiet għal dan:

- a) il-koerenza tal-WiFi4EU mal-Komunikazzjoni dwar is-Soċjetà tal-Gigabits;
- b) il-fatt li sempliċi konnessjoni tal-ADSL, minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi tagħha, ma tistax tiżgura konnessjoni ta’ kwalità sodisfaċenti għal għexieren ta’ persuni fl-istess ħin;
- c) il-fatt li servizz pubbliku mingħajr ħlas ma għandux neċessarjament ikun ta’ kwalità fqira.

1.10 Il-KESE japprova l-adozzjoni ta’ mekkaniżmi mingħajr piżijiet burokratiċi u semplifikati biex ikun hemm aċċess għall-finanzi. Madankollu, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi perjodu minimu ta’ 3 snin, soġġett għall-ħlas lura tal-fondi mogħtija.

2. Introduzzjoni u sfond għall-metodoloġija

2.1 Il-Proposta għal Regolament COM(2016) 589 li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fir-rigward tal-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali hija parti minn pakkett ta’ miżuri dwar it-telekomunikazzjoni, adottat mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta’ Settembru 2016, li jinkludi wkoll il-pubblikazzjonijiet li ġejjin:

- il-Komunikazzjoni “Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv — Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits”, COM(2016) 587;
- il-Pjan ta’ Azzjoni “5G għall-Ewropa”, COM(2016) 588;
- il-Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, COM(2016) 590;
- il-Proposta għal Regolament li jsaħħaħ il-Korp attwali tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika, billi jibdlu f’aġenzija, minkejja li jżomm l-isem attwali, COM(2016) 591.

2.2 Il-KESE abbozza opinjoni dwar kull proposta iżda ma’ amministrazzjoni waħda, sabiex ikun garantit li d-dokumenti tiegħu jkunu armonizzati u koerenti fl-oġġettiv u fil-kontenut (l-opinjoni attwali hija relatata mill-qrib ma’ dawn li ġejjin: TEN/611 “Soċjetà Ewropea tal-Gigabits”, TEN/612 “Kodiċi Ewropew dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi”, TEN/613 “Korp ta’ Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)” u TEN/615 “5G għall-Ewropa: Pjan ta’ Azzjoni”) u kif ukoll tkompli mal-opinjoni preċedenti tal-KESE dwar is-suġġett.

3. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-Proposta għal Regolament, li jniedi l-inizjattiva intitolata “WiFi4EU”, tagħmel parti minn pakkett ta’ miżuri raggruppati fil-Komunikazzjoni “Soċjetà Ewropea tal-Gigabits”. Din l-inizjattiva hija maħsuba biex tiffinanzja l-ħolqien ta’ hotspots mingħajr ħlas għall-konnessjoni mal-internet f’postijiet pubbliċi (libreriji, pjazez, parks, spartarjiet, bini pubbliki iġenerali, eċċ.), abbażi u bl-integrazzjoni tal-inizjattiva li rnexxiet EDUROAM, li diġà ttipprovdi dan is-servizz fl-universitajiet u l-istabbilimenti ta’ edukazzjoni għolja.

3.2 Il-Kummissjoni Ewropea allokat EUR 120 miljun u tistma li matul il-perjodu 2017-2020 kienu ser jiġu involuti bejn is-6 000 u t-8 000 muniċipalità. Ġaladarba tiġi implimentata l-iskema, jibda jkun hemm bejn 40 u 50 miljun konnessjoni kuljum. L-allokkazzjoni finanzjarja fqira timplika li l-inizjattiva titqies bħala proġett pilota.

3.3 Il-muniċipalitajiet li sal-lum il-ġurnata għadhom ma joffrux dan is-servizz huma l-benefiċjarji tal-inizjattiva. Il-proġetti ma jistgħux jaqtbzu l-baġit ta' EUR 60 000, u se jiġu koperti sa 100 % tal-ispejjeż tax-xiri u l-installazzjoni tal-hotspots, filwaqt li l-ispejjeż ta' abbonament għas-servizz tal-internet, kif ukoll il-manutenzjoni tat-tagħmir, se jitħallsu mill-awtoritajiet lokali.

3.4 L-awtoritajiet lokali ser ikollhom l-inċentiv biex jiżviluppaw u jippromovu s-servizzi diġitali tagħhom mingħajr ħlas speċjalment fl-oqsma tat-turiżmu elettroniku, is-saħħa elettronika u l-gvern elettroniku.

3.5 Il-proposta hija limitata għall-postijiet pubbliċi, bil-għan li ma tidħolx f'kunflitt u ma toħloqx distorsjonijiet fis-suq ħieles tat-traffiku diġitali, iżda ssaħħu permezz tat-tixrid tat-teknoloġija diġitali fit-territorji inqas żviluppati.

3.6 Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi tliet kriterji ewlenin għall-allokkazzjoni tal-fondi:

- a) l-aċċess huwa disponibbli biss għall-komunitajiet lokali li s'issa ma jipprovdux dan is-servizz;
- b) allokkazzjoni diretta tal-fondi f'ordni kronoloġiku skont it-tressiq tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel");
- c) l-adozzjoni ta' kriterju ġeografiku bil-għan li jkun hemm tqassim bilanċjat tal-fondi allokati.

3.7 Il-proposta tipprevedi mudell semplifikat għall-aċċess tal-finanzjament u rappurtar dwar l-attività mwettqa permezz ta' serje ta' vawċers li mbagħad jintużaw biex jitħallsu l-kumpaniji inkarigati mil-installazzjoni tat-tagħmir. Il-Kummissjoni se tkun tista' tiċċekkja f'ħin reali l-funzjonament effettiv tal-hotspots sabiex tkun tista' tieħu azzjoni u tagħmel spezzjonijiet jekk meħtieġ.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni WiFi4EU li għandha l-għan li tipprovdi aċċess għall-internet fil-postijiet pubbliċi u li ser twassal għal benefiċċji kemm mil-lat ta' aċċessibbiltà ⁽²⁾, speċjalment favur l-aktar gruppi soċjali żvantaġġati li jiffaċċjaw il-problema tal-**faqar diġitali** ⁽³⁾, kif ukoll mil-lat tat-tkabbir ekonomiku tat-territorji, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, is-servizzi pubbliċi, il-kummerċ u t-turiżmu ⁽⁴⁾.

4.2 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li waħda mill-proposti tiegħu, li tenna kemm-il darba f'Opinjonijiet preċedenti, fl-aħħar saret tagħmel parti integrali mill-proċessi ta' diġitalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾. Dan jinbet mill-konvinzjoni li l-aċċess għall-internet huwa dritt fundamentali ta' kull ċittadin u li huwa strument ta' inklużjoni soċjali u tkabbir ekonomiku.

4.3 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tirrifletti dwar l-impatt dejjiemi tal-inizjattiva WiFi4EU fit-territorji benefiċjarji. Fil-fatt, il-progress rapidu tal-qasam diġitali jista' jwassal biex f'perjodu qasir ta' żmien it-teknoloġija kollha installati jsiru antikwati. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jirrakkomanda li l-proġett pilota jagħmel parti minn viżjoni strateġika usa' u reżiljenti li tpoġġi l-għanijiet soċjali qabel dawk purament teknoloġiċi.

4.4 Il-Kumitat jemmen li l-proposta ma tiċċarax biżżejjed kif din l-inizjattiva ser tiġi integrata fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-UE, attwalment inkomplet. Fil-fatt, huma koperti territorji li għad m'għandhomx konnessjoni ADSL u oħrajn li diġà għandhom networks UWB (Ultra Wide Band) u li diġà qed jesperjenzaw b'suċċess veloċità ta' gigabit kull sekonda. Il-KESE jittama li l-inizjattiva tfittex li tilħaq għanijiet ambizzjużi mil-lat tal-kwalità tas-servizz ipprovdut.

4.5 Il-KESE josserva li l-proposta mhijiex appoġġjata minn studju adatt u approfondit ta' fattibbiltà. Dan joħroġ fid-dieher mill-fatt li d-data pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-kapaċità tal-impatt hija ġenerika wisq, mhijiex appoġġjata b'mod adegwat minn valutazzjoni soċjoekonomika u, x'aktarx, sopravalutata fir-rigward tal-potenzjal reali minħabba t-tnaqqis fl-allokkazzjoni finanzjarja.

⁽²⁾ ĠU C 389, 21.10.2016, p. 28.

⁽³⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 25.

⁽⁴⁾ ĠU C 318, 29.10.2011, p. 9.

⁽⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

4.6 Il-KESE jiddispaċih li l-baġit previst huwa limitat għal EUR 120 miljun, li jagħmel minn inizjattiva tant importanti sempliċi proġett pilota. Il-Kumitat għalhekk jispera li l-allokkazzjoni finanzjarja tiżdied b'mod sostanzjali sabiex l-istatus tal-inizjattiva WiFi4EU jiġi elevat għal dak ta' miżura strutturali u strateġika, b'għanijiet miżurabbli, imsejja fuq il-mudell tas-soċjetà tal-gigabits u funzjonali b'mod li jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp diġitali previsti sal-2025. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-programm dwar is-soċjetà tal-gigabits jiġi integrat bil-għan li naslu għal konnessjoni wifi bla ħlas ta' 100 % fil-postijiet pubbliċi kollha sal-2025.

4.6.1 Il-KESE jfakkar li l-previżjoni inizjali tal-KEF (Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju) fir-rigward it-tisħiħ tan-netwerks u s-servizzi diġitali kien jilħaq għal iżjed minn EUR 9 biljun, li tnaqqas suċċessivament sakemm niżel għal ftit iżjed minn biljun euro. Il-Kumitat għal darb' oħra jikkonferma d-dispaċir tiegħu għal dan it-tnaqqis tal-fondi disponibbli għal prijorità essenzjali ta' Ewropa kompetittiva u jittama li jkun jista' jirkupra r-riżorsi mill-partiti baġitarji.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-Kumitat jinnota li l-kriterji definiti għall-allokkazzjoni tal-fondi mhumiex żviluppatti biżżejjed fil-proposta u jibża' li dawn jistgħu jkunu f'kunflitt ma' xulxin. B'mod partikolari, ta' min jinnota li l-prinċipju "min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel" jirriskja li jiffavorixxi entitajiet diġà diġitalizzati u dan iwassal biex jitnaqqsu l-fondi disponibbli għall-Istati u l-awtoritajiet lokali li l-iktar għandhom bżonnhom.

5.2 Il-KESE jirrakkomanda li, meta jitqassmu l-fondi, jiġu kkunsidrati l-popolazzjoni u l-estensjoni ġeografika tagħhom, biex b'hekk jiġi stabbilit minn qabel l-ammont massimu ta' fondi allokati għal kull pajjiż, b'tali mod li r-reġjuni kollha jkunu jistgħu jaċċessawh b'mod ibbilanċjat.

5.2.1 Il-KESE jittama li r-reġistru għat-tweqqi tal-infrastruttura, li l-kumpanniji kkonċernati jkunu obbligati li jirreġistraw fih biex jintgħażlu mill-muniċipalitajiet, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fih minħabba d-daqs tal-impriża.

5.3 Il-KESE jipproponi li titwarrab kwota ta' 20 % għaż-żoni inqas żviluppatti mil-lat ekonomiku u diġitali, b'enfasi partikolari fuq il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi, u dawk mal-fruntiera jew periferiċi jew li jkunu ġew esposti għal diżastri naturali sabiex jinvestu r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn⁽⁶⁾.

5.4 Il-KESE jappoġġja l-prinċipju li jiġu allokati fondi għal konnessjoni tal-internet b'xejn f'dawk l-inħawi fejn bħalissa ma jeżistix. Madankollu, il-Kumitat huwa konxju tal-urġenza u l-kumplessità tal-isforz teknoloġiku u ekonomiku meħtieġ biex dan is-servizz jiġi pprovdut fl-Ewropa kollha. Madankollu, il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni biex — fl-ambitu tal-viżjoni strateġika — tintegra l-inizjattiva pubblika ma' dawk l-inizjattivi li jipprevedu sħubija pubblika-privata.

5.5 Il-KESE jitlob li jiġi implimentat servizz tal-wifi bla ħlas ta' kwalità tajba, li jiżgura konnessjoni minima sa 100 megabit/s (UWB) fil-perjodu 2017-2020, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu diġà minn issa li dan irid jiġi adattat għal veloċitajiet oġhla fuq perjodu medju ta' żmien. Hemm tliet raġunijiet għal dan:

- il-koerenza tal-WiFi4EU mal-Komunikazzjoni dwar is-Soċjetà tal-Gigabits, li għandha l-għan li l-fibra ultraveloċi (gigabit wieħed/s) tkun disponibbli fis-siti kollha tal-UE li jipprovdut servizz pubbliku (l-amministrazzjoni pubblika, l-isptarijiet, il-libreriji) sal-2025;
- il-fatt li sempliċi konnessjoni tal-ADSL, minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi tagħha (il-perjodi latenti, l-istabbiltà tal-konnessjoni u l-banda massima) ma tistax tiżgura konnessjoni ta' kwalità sodisfaċenti għal għexieren ta' persuni fl-istess ħin;
- il-fatt li l-kunċett ta' servizz pubbliku mingħajr ħlas ma għandux jikkorrispondi għal servizz ta' kwalità fqira.

5.6 Il-KESE jappoġġja l-idea li l-inizjattiva WiFi4EU tissejjes fuq il-proġett EDUROAM, iżda huwa tal-fehma li tali inizjattivi għandhom ikunu sa mill-bidu nett komplementari u, l-ewwel u qabel kollox, jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess b'identità diġitali unika fl-Ewropa kollha. F'dan ir-rigward il-Kumitat jipproponi li jerġa' jintuża dak li diġà ġie stabbilit u previst fir-Regolament eIDAS⁽⁷⁾ dwar l-identità diġitali li ta prova li jipprovdut kemm għall-protezzjoni tad-data kif ukoll għas-sigurtà kontra l-użu ħażin tas-servizz (terroriżmu). Dan il-proċess jista' jkollu impatt importanti anke mil-lat tat-tisħiħ tas-sens ta' ċittadinanza Ewropea.

⁽⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 257, 28.8.2014, p. 73.

5.7 Il-KESE japprova l-adozzjoni ta' mekkaniżmi mingħajr piżijiet burokratiċi u semplifikati biex ikun hemm aċċess għall-finanzi. Madankollu, il-Kumitat jinnotta li l-proposta tal-Kummissjoni ma tippredix perjodu minimu li fih il-benefiċjarji lokali jkunu obbligati li jipprovdu s-servizz ta' konnessjoni bil-wifi bla ħlas (soġġett għall-ħlas lura tal-fondi mogħtija). Il-KESE jirrakkomanda li dan l-obbligu ta' provvista minima tas-servizz ikun ta' 3 snin.

5.8 Il-Kummissjoni għandha wkoll tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipromwovu l-introduzzjoni ta' aċċess bla ħlas għall-internet bil-wifi fil-postijiet pubbliċi kollha. Dan ikun ta' importanza partikolari fi rħula żgħar u f'territorji fejn hemm livell baxx ta' kummerċ, fejn il-kummerċjanti kbar diffiċli biex jaġhmlu wisq investment sinifikanti fl-infrastruttura diġitali, bl-għan li jkun hemm żvilupp aktar armonjuż tal-UE li jipprovdi aktar opportunitajiet u kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd.

5.9 Il-KESE jtenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tqis l-aspett demografiku. Ħafna anzjani għadhom, fil-fatt, diġitalment illitterati. Għalhekk l-Kumitat jirrakkomanda li l-inizjattiva Wifi4EU tkun tinkludi l-ħolqien ta' punt uniku ta' aċċess, multilingwi u faċli li jintuża; u barra minn hekk jirrakkomanda li l-muniċipalitajiet li jirċievu l-finanzjament joffru taħriġ speċjalment għall-anzjani, sabiex jiġi promoss it-tixrid tal-Internet, ikun garantit is-suċċess tal-inizjattiva, tiġi miġġielda l-esklużjoni u l-komunitajiet lokali jsiru aktar koeżivi.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — 5G għall-Ewropa: Pjan ta’ Azzjoni”

(COM(2016) 588 final)

(2017/C 125/11)

Relatur uniku: **Mihai MANOLIU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 24.11.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.1.2017
Adottata fil-plenarja	26.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	199/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jqis opportun li jappoġġja l-għanijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu tal-ewwel netwerks 5G (sal-2018) u t-tnedija ta’ servizzi kummerċjali fl-Ewropa (sal-aħħar tal-2020).

1.2 Skont il-KESE, il-fatturi determinanti ser ikunu s-suċċess tal-proġetti mwettqa fil-qafas tas-Sħubija Pubblika-Privata għall-infrastrutturi 5G (il-5G-PPP) matul il-fażi tar-riċerka u l-integrazzjoni tan-netwerks *fronthaul* man-netwerks *backhaul* tat-trażmissjoni tad-data permezz tal-produzzjoni ta’ swiċċijiet ta’ kapaċità għolja, ta’ rabtiet eteroġenji ta’ trażmissjoni u ta’ proċessuri li jinsabu fil-cloud filwaqt li jintużaw diversi fornituri tal-aċċess għall-internet.

1.3 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkollabora mal-Istati Membri u mal-korpi ta’ livell internazzjonali sabiex jiġu solvuti l-problemi tekniċi relatati mal-frekwenzi u l-faxxa tal-frekwenzi (bandwidth), kif ukoll biex jiġu żviluppjati standards (mingħajr standards speċifiċi, mhu ser ikun hemm l-ebda żvilupp fuq skala kbira u għalhekk mhux ser ikun hemm kummerċjalizzazzjoni ta’ tagħmir bi prezz raġonevoli).

1.4 Il-KESE huwa konxju tar-riskji possibbli (diversi fatturi jistgħu fil-fatt joħolqu ostakli biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti) għaż-żoni urbani kollha u r-rotot ewlenin tat-trasport li, fil-ġejjieni, ser jibbenefikaw minn kopertura tal-5G. Il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu d-domanda għadhom ma wrewx li huma effikaċji fil-provvista ta’ servizzi f’dawn iż-żoni.

1.5 Il-Kumitat jappoġġja l-kumpens, permezz ta’ investimenti pubbliċi jew soluzzjonijiet oħra ta’ finanzjament, għan-nuqqas ta’ investiment privat fiż-żoni remoti jew b’popolazzjoni baxxa ta’ xi Stati Membri. Fl-istess ħin, il-KESE jqis li meta wieħed jivvaluta l-merti tad-deċiżjonijiet ta’ finanzjament pubbliku, jeħtieġ li jitqiesu l-effetti sekondarji (*spill-over*) tagħhom fuq l-ekonomija lokali, it-teleħidma, il-provvista tal-kura tas-saħħa u l-opportunitajiet ġodda fil-qasam tal-edukazzjoni.

1.6 Il-KESE jirrakkomanda l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri u d-definizzjoni ta’ speċifikazzjonijiet għall-fażijiet kollha tal-proġett 5G bil-għan li jkun hemm relazzjonijiet ta’ xogħol ġusti. L-imsieħba soċjali jistgħu jevalwaw oġġettivament kemm in-nuqqasijiet kif ukoll il-livell ta’ progress għall-kisba tal-miri stabbiliti.

1.7 Il-KESE huwa tal-fehma li n-netwerks 5G, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom bħalma huma l-interoperabbiltà, it-trasparenza u s-sigurtà tad-data, jistgħu jikkontribwixxu ħafna għall-immodernizzar tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri u t-tnaqqis tal-burokrazija.

1.8 Il-KESE jenfasizza r-rwol li jista' jkollhom l-SMEs fil-qasam diġitali. Fil-fatt, dawn huma kapaċi jintroduċu mudelli ġodda ta' innovazzjoni fis-suq; il-finanzjament pubbliku ta' ċerti raggruppamenti virtwali ddedikati għall-SMEs jista' jkun soluzzjoni biex jiġu apoġġjati n-negozji ġodda u opportunità li m'għandhiex titwarrab, b'mod parallel għall-mudelli ta' finanzjament innovattivi u personalizzati.

1.9 Fil-fehma tal-KESE, l-iżvilupp tal-ħiliet informatiċi taċ-ċittadini inġenerali u tal-ħaddiema b'mod partikolari għandu jkun prijorità għall-Unjoni Ewropea. L-azzjoni tal-UE dwar l-istrategġija għall-ħiliet diġitali u l-koalizzjoni kbira għall-impjiegi fis-settur diġitali jgħolqu rabtiet bejn l-imsieħba soċjali, il-professjonisti tal-edukazzjoni u atturi soċjali oħra kompetenti f'dan il-qasam. Il-KESE jixtieq li tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni b'diżabilità, li għalihom għandhom jiġu stipulati l-kundizzjonijiet neċessarji biex jiġi żgurat aċċess faċli għat-teknoloġiji ġodda marbutin mal-5G.

1.10 Il-KESE jitlob li l-investment li jistrieħ fuq il-Fondi Strutturali jgħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-Istati Membri kollha u aċċess ġust u mhux diskriminatorju għall-operatori ekonomiċi kollha.

1.11 Is-setturi tal-aġrikoltura u l-forestrija u bosta negozji fiż-żoni rurali u mbiegħda tal-Ewropa ġew imwiegħda b'mod konsistenti broadband aktar veloċi u netwerks mobbli 3/4G, iżda dawn il-wegħdijiet qatt ma nżammu. Jekk iż-żoni rurali, remoti u muntanjużi u l-gżejjer tal-Ewropa għandu jkollhom futur, mela ċertament li għandhom id-dritt li jitolbu għal aċċess għal mill-inqas broadband 5Mb u komunikazzjoni mobbli 3/4G.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Fl-opinjoniġiet tiegħu kollha, il-KESE appoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-ICT bħala prerekwiżit għat-tweqqif tas-Suq Uniku Diġitali bħala mutur għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-UE. Il-KESE japprezza l-impenn tal-Kummissjoni sabiex jinħolqu netwerks tal-5 ġenerazzjoni (teknoloġija taċ-ċirkwit integrat għan-netwerk tal-mowbajl) u jappoġġja l-passi li ħadet sa mill-fażi tar-riċerka. Bħalma huwa l-każ għal kwalunkwe prodott jew servizz ġdid, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu jinkludu għadd ta' riskji u opportunitajiet li għandhom jiġu evalwati b'mod oġġettiv, sabiex jiġu implimentati l-linji ta' politika l-aktar adatti biex jintlaħqu r-riżultati mixtieqa.

2.2 Minkejja li hija bbażata fuq it-teknoloġija attwali, il-ġenerazzjoni 5G m'għandhiex titħawwad mal-4G, li tista' tinkludi diversi teknoloġiji globali avvanzati bħal-LTE u l-LTE Advanced (TD-LTE, AXGP, LTE-A, TD-LTE-A, LTE b'VoLTE), WiMax, WiMax2, Network Function Virtualization/Software Defined Network (NFV/SDN), HetNets (Heterogeneous Networks) u l-LPLT (Low Power Low Throughput network).

2.3 Meta mqabbla mal-4G, il-kwalità prinċipali tat-teknoloġija 5G tinsab fil-veloċità ħafna iktar għolja tagħha (Samsung ħabbar veloċità ta' 7,5 Gbps, Nokia ta' 10 Gbps, filwaqt li l-Università ta' Surrey fir-Renju Unit, is-sena l-oħra ddikjarat li laħqet veloċità sorprendenti ta' 1 Tbps, li titqabbel ma' dak li huwa possibbli bil-fibra ottika, u dawn ir-riżultati kollha nkisbu f'kundizzjonijiet tal-laboratorju). Minbarra l-veloċità, il-latenza baxxa (latenza inferjuri għal 1 millisekonda ggarantita fuq in-netwerks prinċipali) u l-kapaċità għolja jikkostitwixxu progressi importanti ħafna. Fil-każ fejn ma jistax jintlaħaq livell ta' latenza inferjuri għal 1 millisekonda f'kundizzjonijiet reali, parti mis-servizzi assoċjati mat-teknoloġija 5G (ir-realtà miżjuda, ir-realtà virtwali, karrozzi mingħajr xufier, internet tattili) ma tistax tiġi assigurata bil-karatteristiċi meħtieġa.

2.4 Fl-istess ħin, ir-reazzjonijiet tal-partijiet interessati kollha fis-suq ser jiddependu minn dawn il-karatteristiċi tekniċi mistennija. Għandu jinfakkar li, meta mxejna min-netwerk 2G għat-3G, l-aspettattivi rigward l-aċċess tal-utenti tat-telefonija ċellulari għall-internet ma mmaterjalizzawx. Kienu biss meta l-kapaċitajiet tekniċi speċifiċi tat-3,5G setgħu jintużaw, li l-kombinazzjoni ta' smart phones u netwerks tal-broadband mobbli ppermettiet l-aċċess għall-internet fuq dan l-apparat.

2.5 In-netwerks 5G u n-netwerks tal-fibra ottika huma komplementari. Fuq id-distanzi qosra u fiż-żoni li fihom hemm għadd kbir ta' konnessjonijiet, il-5G hija soluzzjoni aħjar. Għat-trasferiment tal-informazzjoni fuq distanza twila, in-netwerks tal-fibra ottika (tat-tip *backhaul* u *backbone*) għandhom benefiċċji insuperabbli: veloċità ta' trażmissjoni li tasal sa 1 Tb, m'hemmx riskji ta' interferenza ma' sinjali elettromanjetiċi oħra li jniġġsu l-ambjent u jolqtu t-teknoloġiji bla fili, u sinjal ma jonqosx matul it-trażmissjoni.

2.6 L-istandardizzazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa kemm għat-tagħmir u l-apparat kif ukoll għan-netwerks hija fattur ewlieni fit-tħassib tal-intrapriżi kkonċernati u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu f'dan il-qasam. L-ispeċifikazzjonijiet jipprovdu struzzjonijiet li jippermettu li jiġu ttestjati u vvalidati komponenti tekniċi importanti għall-5G. L-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet jagħti lill-imsieħba industrijali, lill-fornituri ta' komponenti u ta' netwerks u lill-operaturi l-possibbiltà li jiġu żviluppati soluzzjonijiet interoperabbli, u jikkontribwixxi għall-proċess ta' prestandardizzazzjoni. Waqt li l-ITU, it-3GPP u korpi oħra tal-istandardizzazzjoni ddeċidew li l-2020 ser tkun is-sena sa meta jistgħu jiġu definiti l-istandards 5G, il-fornituri tat-telefonija ċellulari żiedu l-isforzi tagħhom bil-għan li jagħtu l-aktar offerta kompetittiva ta' servizzi 5G.

2.7 Il-KESE huwa tal-fehma li l-pjani ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-5G u l-użu tagħha fuq skala kbira għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' inizjattivi ta' appoġġ (sabiex tiġi stimulata d-domanda għall-internet bil-broadband bi prezzijiet raġonevoli għall-utenti) u dawk operattivi, b'mod li dawn l-iskadenzi ottimisti jkunu jistgħu jintlaħqu.

2.8 Il-KESE jinsab imħasseb li dan l-iżvilupp (in-netwerks tal-5G) jista' jirriżulta fit-twaqqif ta' żviluppi eżistenti tat-3G u l-4G f'żoni rurali, remoti u bil-muntanji għall-unika raġuni li hemm xi ħaġa aħjar li qed titwiegħed xi darba fl-20 sena li ġejja.

2.9 F'ħafna partijiet tal-Ewropa m'hemmx sinjali tal-mowbajl, u lanqas 2G, 3G jew 4G. Ir-raġuni hija li kull darba li jsiru disponibbli teknoloġiji ġodda, tiegħaf l-implimentazzjoni tal-verżjonijiet preċedenti, u dan ifisser li ħafna żoni rurali, imbiegħda u muntanjużi tal-Ewropa għandhom servizzi tal-komunikazzjoni li skadew 20 sena ilu.

2.10 L-użu ta' broadband superveloċi ser isir parti ntegrali min-netwerk 5G, iżda x'jiġri jekk in-negozji ma jkollhomx broadband tal-fibra superveloċi u l-veloċità tan-netwerk bil-wajers tagħhom tkun ta' inqas minn 1Mb? Is-setturi tal-agrikoltura u l-foresterija u ħafna negozji fiż-żoni rurali u mbiegħda tal-Ewropa ġew imwiegħda b'mod konsistenti broadband aktar veloċi u netwerks tal-mobile 3/4G, iżda dawn il-wegħdiet qatt ma nżammnu.

2.11 Hija problema komuni madwar l-Ewropa li jgħixu f'it nies mifruxin fuq żona kbira, u tiġi msemmija minn fornituri bħala r-raġuni għala dawn iż-żoni ma jistgħux jirċievu s-servizz. Jekk iż-żoni rurali, remoti, muntanjużi u tal-gżejjer tal-Ewropa se jkollhom futur, mela ċertament li għandhom id-dritt li jitolbu għal aċċess għal mill-inqas 5Mb broadband u 3/4G komunikazzjoni mobbli.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 L-ispejjeż li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda huma enormi. Il-KESE jenfasizza li l-ħtiġijiet ta' investiment fl-UE jaqbużu sew il-valur tal-investiment ippanat (EUR 4,2 biljun) fil-qafas tas-sħubija pubblika-privata li fiha hija involuta l-Kummissjoni Ewropea. Il-KESE huwa tal-fehma li l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu jikkontribwixxu sabiex jiġu appoġġjati l-isforzi finanzjarji, umani u tekniċi jekk din il-kwistjoni tibqa' tħassib permanenti, jekk jiġi implimentat qafas ta' iċċentivi għall-investimenti privati u jekk l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri jkunu kkoordinati perfettament.

Azzjoni 1 — *Il-Kummissjoni ser taħdem mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija biex jistabbilixxu, fuq bażi volontarja, programm ta' ħidma għat-tnedija tan-netwerks 5G mill-aktar fis possibbli*

3.2 L-għanijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tnedija tal-ewwel netwerks 5G sal-aħħar tal-2018, segwita mit-tnedija tas-servizzi kummerċjali 5G fl-Ewropa sa l-aħħar tal-2020, jiddependu l-aktar mir-riżultati tal-proġetti mwettqa fil-qafas tal-5G-PPP matul il-fażi ta' riċerka. Fost dawn, il-proġett 5GXCrosshaul, li għandu l-għan li jintegra n-netwerks *fronthaul* (netwerks 5G mingħajr fili) man-netwerks *backhaul* (netwerks li fil-parti l-kbira huma magħmula mill-fibra ottika) għat-trażmissjoni tad-data, huwa ta' importanza kruċjali. Hemm bżonn li jinħolqu swiċċijiet ta' kapaċità kbira, rabtiet eteroġenji ta' trażmissjoni, proċessuri li jinsabu fil-cloud (ċentri żgħar ta' data) u punti ta' preżenza ta' netwerks bażiċi ta' fornitur wieħed jew aktar tas-servizzi tal-internet.

Azzjonijiet 2 u 3 — *Il-Kummissjoni ser taħdem mal-Istati Membri biex (sa tmiem l-2016) tidentifika lista provviżorja ta' baned tal-ispettru "pijunieri" għall-ewwel tnedija tas-servizzi 5G, u (sa tmiem l-2017) taqbel fuq is-sett kollu tal-baned tal-ispettru li jridu jiġu armonizzati għall-ewwel introduzzjoni tan-netwerks 5G kummerċjali fl-Ewropa*

3.3 Peress li l-frekwenzi użati mit-teknoloġiji 3G u 4G huma staġnati, is-soluzzjoni tal-problemi tekniċi relatati mal-frekwenzi u l-faxex ta' frekwenzi għall-5G hija imperattiva fuq skala globali. Minbarra l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis ukoll il-miżuri li diġà ttehdju fil-livell internazzjonali mill-korpi kompetenti. Għall-5G, l-ITU u t-3GPP, li jlaqqgħu flimkien il-korpi tal-istandards tat-telekomunikazzjonijiet bħall-ARIB, l-ATIS, l-ETSI, it-TSDSI, it-TTA, it-TTC u s-CCSA, qablu dwar pjan f'żewġ stadji: ir-riċerka qabel kollox, segwita mill-iżvilupp fuq skala kbira.

Azzjoni 4 *Bħala parti mill-iżvilupp tal-pjani direzzjonali nazzjonali tal-5G, il-Kummissjoni ser taħdem mal-industrija kkonċernata, mal-Istati Membri kif ukoll ma' partijiet interessati oħra (kopertura tal-5G li ma jkollhiex interruzzjonijiet sal-2025)*

3.4 L-għan tal-UE, li huwa li tiġi żgurata kopertura tal-5G fiż-żoni urbani kollha u fl-assi ewlenin tat-trasport ta' kull Stat Membru sal-2025, ser ikun diffiċli li jintlaħaq. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa riskjuż ħafna li titħabbar il-kisba ta' għanijiet ambizzjużi f'qasir żmien. L-analiżi tal-implimentazzjoni tan-netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni ġdida (Next Generation Network) u ta' politiki biex jitnaqqas id-distakk diġitali wriet li ż-żoni bla kopertura u żoni ambigwi, kif definiti fil-linji gwida għan-netwerks ta' veloċità kbira, huma saħansitra akbar. La l-leġislazzjoni ex ante u lanqas il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu d-domanda ma ppermettew li tiġi żgurata l-provvista ta' servizzi tal-broadband f'dawn iż-żoni.

3.5 Il-KESE jenfasizza li l-promozzjoni u l-finanzjament ta' proġetti li jimplementaw in-netwerks 5G permezz ta' tnaqqis fil-finanzjament iddestinat għan-netwerks tal-fibra ottika (netwerks tal-ġenerazzjoni li jmiss NGA u NGN) jistgħu jwasslu biex jiżded id-distakk diġitali bejn ir-reġjuni ta' ċerti Stati. In-nuqqas ta' investiment privat fin-netwerks 5G u fin-netwerks tal-fibra ottika fir-reġjuni remoti u f'reġjuni fejn il-popolazzjoni hija baxxa jew mifruxa, li jirrifletti redditu limitat tal-kapital investit, għandu jiġi kkompensat minn investimenti pubbliċi jew l-istabiliment ta' soluzzjonijiet oħra ta' finanzjament definiti fil-livell nazzjonali. Fil-promozzjoni ta' miżuri ta' finanzjament pubbliċi, jeħtieġ li jitqiesu l-effetti sekondarji (*spill-over*) fuq l-ekonomiji lokali, it-teleħidma, is-servizzi tas-saħħa u l-opportunitajiet fl-edukazzjoni.

Azzjoni 5 *Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri u lill-industrija kkonċernata biex jistabilixxu għanijiet ta' standardizzazzjoni (standards inizjali sal-aħħar tal-2019)*

3.6 Kif inhuma, il-pjani relatati mal-5G ma jstgħux jipproteġu la lin-netwerk u lanqas lill-utenti. Sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni, hemm bżonn li n-netwerks u l-proċeduri jiġu standardizzati. L-iżgurar ta' segwitu tal-infrastrutturi tan-netwerk 5G, is-separazzjoni tan-netwerk ta' ġestjoni min-netwerk tas-servizzi, l-iżvilupp ta' proċeduri preċiżi f'każ ta' inċident, kif ukoll proċessi oħra jstgħu jippermettu li jiġi żgurat livell ottimali ta' sigurtà, kemm għall-utenti kif ukoll għall-infrastrutturi tan-netwerk. It-testijiet ta' sigurtà huma essenzjali. Il-protokoll ta' interazzjoni kollha jridu jaħdmu tajjeb, anki f'każ ta' piraterija (il-pirati jfittxu kontinwament biex isibu u jisfruttaw il-punti vulnerabbli tal-prodotti).

3.7 Il-KESE jemmen li l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri fi ħdan il-proċessi industrijali u l-eżistenza ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tagħmir huma kundizzjonijiet essenzjali jekk irridu nibnu relazzjonijiet ta' xogħol ġusti fl-intrapriżi tas-settur. L-imsieħba soċjali jstgħu jevalwaw oġġettivament il-kawżi ta' kwalunkwe nuqqasijiet u jikkontribwixxu għarrettifiki meħtieġa, kif ukoll għall-kisba tal-għanijiet imsemmija. F'diversi opinjonijiet preċedenti, il-KESE diġà stqarr li standardizzazzjoni eċċessiva tista' xxekkel il-progress f'dan il-qasam.

Azzjoni 6 *Sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien ta' ekosistemi diġitali bbażati fuq il-konnettività tal-5G, jeħtieġ li jiġu ppjanati esperimenti teknoloġiċi ewlenin u l-ittestjar ta' applikazzjonijiet permezz tal-5G-PPP (2017), kif ukoll li jifasslu pjani direzzjonali dettaljati dwar it-twettiq ta' testijiet li jsiru qabel il-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni (Marzu 2017) (2018: l-Ewropa – mexxejja globali fit-tnejja tal-5G)*

3.8 L-ittestjar fl-aktar stadju bikri tat-terminals u l-applikazzjonijiet fil-livell Ewropew jista' jikkostitwixxi vantaġġ għall-atturi ewlenin fix-xena globali. Mil-lat kummerċjali, l-introduzzjoni fuq skala kbira tal-5G jirrikjedi sensiela ta' prekundizzjonijiet. Għaldaqstant, il-KESE jemmen li jekk ma jiġux adottati standards speċifiċi, mhu ser ikun hemm l-ebda żvilupp fuq skala kbira, li mingħajr żvilupp, l-ebda apparat mhu ser jiġi kkummerċjalizzat bi prezz affordabbli, u li nuqqas ta' tagħmir ifisser nuqqas ta' komponenti essenzjali għall-5G.

3.9 Il-KESE tkellem dwar waħda mill-isfidi ewlenin relatata mal-5G, jiġifieri li jiġi attirat l-investiment għal żvilupp u implimentazzjoni fuq skala kbira, fid-dawl tal-fatt li t-teknoloġija tal-4G, li l-parti l-kbira tal-utenti jifixxkluha mal-istandard LTE, ser tkompli turi potenzjal konsiderevoli fil-futur u li l-investimenti tal-operaturi fin-netwerks LTE x'aktarx jiġġeneraw dħul finanzjarju.

3.10 Fl-Ewropa, il-migrazzjoni tan-netwerks 3G lejn il-4G għadha limitata, meta mqabbla mal-Korea t'Isfel, l-Istati Uniti u l-Ġappun. Huwa possibbli li l-operaturi u l-utenti jagħtu preferenza lin-netwerks 4G, u dan iktar u iktar peress li l-iżvilupp attwali ta' dawn tal-aħħar ser ikompli irrispettivament mill-5G, sabiex kull waħda mit-teknoloġiji li tikkostitwixxi l-4G tkun tista' tiġġenera benefiċċji kwantifikabbli għall-operaturi fis-snin li ġejjin, bi spejjeż ferm aktar baxxi minn dawk relatati mal-iżvilupp ta' teknoloġija ġdida.

Azzjoni 7 *Il-Kummissjoni thegħeġ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jużaw l-infrastruttura tal-5G futura biex itejbu l-prestazzjoni tas-servizzi tal-komunikazzjoni li jużaw sabiex jiġu garantiti s-sigurtà pubblika, il-protezzjoni ċivili u l-ghajnunna f'każ ta' diżastru (pjani direzzjonali nazzjonali dwar il-5G)*

3.11 Il-KESE huwa konvint li n-netwerks 5G jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-immodernizzar tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, għall-isfruttar tad-data u għall-interoperabbiltà. Il-fatt li l-Istati Membri jithegħu jappoġġjaw l-użu mill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-infrastruttura tal-5G futura jippermetti li jiġu promossi netwerks ġodda. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tesplora wkoll il-possibbiltà li jsir investment regolari bil-għan li jinbidel it-tagħmir użat kuljum mill-persuni li jaħdmu fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, bil-għan li jintwera wkoll ir-rwol tal-konsumatur li hija beħsiebha taqdi sabiex tippromovi l-5G. Barra minn hekk, għandha tiġi indirizzata l-istess rakkomandazzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tal-investimenti pubbliċi.

3.12 Waqt li jemmen li huwa indispensabbli għall-UE li tattira l-investment privat, il-KESE jirrakkomanda li jtfassal pakkett ta' politiki li jstimulaw mhux biss ir-riċerka, iżda wkoll l-innovazzjoni. Il-Kunsill tal-UE inkarigat mill-innovazzjoni jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, flimkien ma' bosta possibbiltajiet oħra.

3.13 Il-Kummissjoni Ewropea għandha bi prijorità timpenja ruħha li tippromovi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp fl-UE, li tinkoraġġixxi l-intrapriżi Ewropej biex iżidu l-investment tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea u li tattira investituri oħra barra mill-UE. Matul il-perjodu 2007-2015, il-fondi esportati mill-intrapriżi Ewropej għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp żdiedu. Din iż-żieda fl-esportazzjonijiet barra mill-Ewropa (iċ-Ċina saret il-benefiċjarju prinċipali tal-infiq mill-intrapriżi fir-riċerka u l-iżvilupp), flimkien ma' tnaqqis fl-importazzjonijiet ta' fondi destinati għar-riċerka u l-iżvilupp, ikkontribwixxew għal tnaqqis fl-investment fir-riċerka u l-iżvilupp fl-Ewropa.

Azzjoni 8 *Il-Kummissjoni ser taħdem mal-industrija kkonċernata kif ukoll mal-Grupp tal-BEI/FEI (finanzjament tal-SMEs), sabiex tiddefinixxi l-oġettivi, il-konfigurazzjoni u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' finanzjament permezz ta' kapital ta' riskju (fattibbiltà evalwata sa Marzu 2017, finanzjament privat u sorsi differenti ta' finanzjament pubbliku)*

3.14 Il-KESE jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li tinkoraġġixxi lill-intraprendituri fil-qasam diġitali. Il-Forum Politiku Ewropew dwar l-intraprenditorija diġitali, stabbilit fl-2014, ippubblika r-riżultati tal-ħidma tiegħu f'dan il-qasam. Il-KESE huwa konvint li l-SMEs jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' mudelli ġodda ta' innovazzjoni. Il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament li għandhom l-għan li joħolqu u jiżviluppaw raggruppamenti virtwali ta' innovazzjoni għall-SMEs huma soluzzjoni ta' appoġġ għan-negozji innovattivi Ewropej żgħar, li jkollhom jużaw fondi pubbliċi biex jiżviluppaw is-servizzi u l-applikazzjonijiet, u dan jirrappreżenta opportunità sinifikanti.

3.15 Il-KESE huwa tal-fehma li l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini iġenerali u tal-ħaddiema b'mod partikolari, għandu jibqa' prijorità għall-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-introduzzjoni tal-ġenerazzjoni ta' netwerks 5G. L-azzjoni tal-UE dwar il-ħiliet diġitali u l-qafas ta' referenza Ewropew tal-ħiliet informatiċi għandhom rilevanti.

3.16 Il-KESE jqis li l-koalizzjoni kbira għall-impjeggi fis-settur diġitali, li tlaqqa' l-imsieħba soċjali, il-professionisti tal-edukazzjoni u partijiet interessati pubbliċi u privati oħra, tikkostitwixxi għodda li tista' tiġbed iktar zghażaġh fis-settur tal-ICT.

L-aċċess diffiċli tal-gruppi żvantaġġjati għas-servizzi tan-netwerk 5G u għall-applikazzjonijiet speċifiċi, minħabba l-kapaċità tal-akkwist baxxa tagħhom, ser jirrappreżenta fil-ġejjieni sfida strateġika għall-UE. Trid tingħata attenzjoni speċjali lill-persuni b'diżabbiltà, li għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw faċilment it-tagħmir u t-teknoloġiji ġodda li ser jiġu żviluppatti mill-manifatturi.

3.17 Il-KESE huwa tal-fehma li l-pjani ta' investment ibbażati fuq il-Fondi Strutturali għandhom jipprevedu kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha. Il-kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-proġetti għandhom jiżguraw aċċess ibbilanċjat u mhux diskriminatorju tal-Istati Membri u tal-atturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha. Sabiex jiġi evitat li jiġu approfonditi d-differenzi diġitali bejn l-Istati Membri, li jistgħu jippreġudikaw l-għan li jinħolqu Suq Uniku Diġitali fl-UE, il-KESE jirrakkomanda analiżi tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' Juncker. Jeħtieġ li nitgħallmu min-nuqqasijiet identifikati, b'mod li d-deċiżjoni politika dwar il-finanzjament tan-netwerks 5G tkun waħda mill-fatturi ewlenin biex tissaħħaħ il-koeżjoni fi ħdan l-UE.

3.18 Barra r-riskji marbuta mal-prestazzjonijiet tekniċi tan-netwerks l-ġodda, kif ukoll mal-politiki u d-deċiżjonijiet ta' allokkazzjoni ta' fondi pubbliċi u r-riskji kummerċjali minħabba l-isfida li jirrappreżentaw l-investimenti fteknoloġiji ġodda jew it-tkomplija ta' investimenti bil-għan li jittejbu s-sistemi eżistenti (in-netwerk 4G għandu jilħaq il-punt ta' saturazzjoni fl-2030), l-investituri għandhom jeżaminaw bir-reqqa fatturi oħra qabel ma jiddeċiedu jekk għandhomx jinvestu jew le.

3.19 Il-kontroll permanenti tal-progress li sar fl-introduzzjoni tan-netwerks 5G ser jippermetti li jissolvew in-nuqqasijiet li jirriżultaw inevitabbilment fil-perjodu li jissepara l-valutazzjonijiet ex ante mill-valutazzjonijiet ex post, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu ż-żewġ għanijiet imħabbra fil-Komunikazzjoni, wieħed dwar il-brevetti essenzjali għall-istandards (20 % minnhom huma proprjetà ta' organizzazzjonijiet Ewropej) u l-ieħor, is-sehem tas-suq ta' mill-inqas 35 % miżmum mill-fornituri Ewropej tal-infrastruttura tan-netwerk 5G.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b’mod konġunt minn bosta Stati Membri”

(COM(2016) 662 final — 2016/0325 (COD))

(2017/C 125/12)

Relatur: **Emilio FATOVIC**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 18.10.2016, Kunsill, 9.11.2016, Parlament, 27.10.2016
Bażi legali	L-Artikolu 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	REX
Adottata fis-sessjoni plenarja	26.1.2017
Sessjoni plenarja Nru	522
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	164/3/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), f’konformità mal-opinjonijiet preċedenti tiegħu, jilqa’ b’sodisfazzjon il-parteciċipazzjoni fil-programm PRIMA sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi komuni biex il-provvista tal-ilma u s-sistemi alimentari fir-reġjun Mediterranju jkunu aktar sikuri, effettivi, effiċjenti u sostenibbli f’termini ambjentali u mil-lat ta’ spejjeż.

1.2 Il-KESE jemmen li l-parteciċipazzjoni fil-programm PRIMA tirrappreżenta valur miżjud għall-UE kollha kemm hi, peress li taġmilha possibbli li jiġu indirizzati b’mod integrat uħud mill-kawżi ewlenin li huma l-qofol tan-nuqqas ta’ stabbiltà fiż-żona tal-Mediterran u li qed joħolqu l-migrazzjoni tal-massa. Min-naħa l-oħra, is-sħubija kuntrattwali u li tingħeleb il-loġika bilaterali, favur waħda multilaterali u konġunta, jistgħu jfissru li PRIMA jkun mudell importanti fis-snin li ġejjin.

1.3 Il-Kumitat jemmen li approċċ verament olistiku, multisettorjali u f’diversi livelli, flimkien ma’ objettivi konkreti u li jistgħu jitkejlu fir-rigward tas-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, il-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma kundizzjonijiet essenzjali għas-suċċess tal-PRIMA.

1.4 Il-KESE jaqbel mal-proposta li l-parteciċipazzjoni fil-programm PRIMA tkun imsejsa fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE sabiex tkun żgurata l-ikbar integrazzjoni possibbli fil-livell xjentifiku, ġestjonarju u finanzjarju u li tinvolvi l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, għall-ewwel darba fuq l-istess livell. Dan kollu, fi ħdan *Strateġija Makroreġjonali għall-Mediterran usa’* li tieħu inkonsiderazzjoni l-linji ta’ politika l-oħra kollha (PEV), inizjattivi u sħubijiet (UgħM) diġà fis-seħħ f’dak ir-reġjun, se jgħin biex ikunu indirizzati b’mod aktar effikaċi l-problemi komuni ma’ pajjiżi terzi fuq approċċ ta’ *kożvilupp u kodeċiżjoni*.

1.5 Il-KESE jaqbel mal-prinċipju li l-finanzjament tal-Unjoni għall-programm PRIMA għandu jkun ekwivalenti għal dak nazzjonali u, f’każ ta’ nuqqas ta’ pagament jew ta’ kontribuzzjoni differita mill-Istati promoturi, ikun hemm il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tnaqqas b’mod proporzjonali l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE.

1.6 Il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien tal-PRIMA-IS bħala struttura eżekuttiva responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programm PRIMA. Il-KESE jittama li dan il-korp ikun ikkaratterizzat minn governanza miftuħa u mekkaniżmi ta’ sħubija inklużivi, b’mod partikolari għall-adeżjoni ta’ Stati terzi ġodda jew Stati Membri. Barra minn hekk, il-Kumitat jappella għall-involvement tal-partijiet interessati kollha potenzjalment ikkonċernati (reġjuni, awtoritajiet lokali, universitajiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) fi ħdan il-PRIMA-IS, sabiex tissaħħaħ il-governanza u jikkontribwixxu biex jiġu identifikati u monitorjati l-impatti ekonomiċi, fuq l-impjiegi u soċjali tal-programm.

1.7 Il-KESE, f'konformità mal-prinċipju tal-intersezzjonalità ma' politiki oħra tal-UE, jirrakkomanda li l-PRIMA jiġi integrat mal-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari u l-inizjattivi relatati kollha tagħha (eż. l-użu tal-ħamrija u fertilizzanti).

1.8 Il-Kumitat itenni l-urġenza ta' *direttiva qafas dwar il-ħamrija*, li tiegħu kont tad-diversità bejn id-diversi pajjiżi tal-UE, sabiex tkun iffokata bl-aħjar mod il-ħidma fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-programm PRIMA.

1.9 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-programm jindirizza l-kwistjoni tal-ilma b'mod komprensiv, filwaqt li jqis id-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali, kif ukoll iċ-ċiklu tal-ilma kollu, inklużi l-fażijiet artifiċjali, fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli. Fil-fatt, jeħtieġ jiġi żviluppat approċċ aktar ġust tal-estrazzjoni tal-ilma, fejn jinstab bilanċ bejn l-esiġenzi u l-kompetizzjoni bejn is-setturi ekonomiċi u tal-enerġija, il-ħtieġa li jiġu ppreservati l-ekosistemi tal-ilma ħelu u l-bżonn li jiġi garantit dritt fundamentali taċ-ċittadini.

1.10 Il-KESE jemmen li l-programm Orizzont 2020 huwa l-istrument l-aktar adatt għat-tqassim ta' fondi, kif ukoll jappoġġja l-għażla tal-inklużjoni mill-ġdid ta' ħafna mill-attivitajiet previsti mill-programm PRIMA fost l-hekk imsejħa "Sfidi tas-soċjetà". B'mod partikolari, il-Kumitat jirrakkomanda li jingħataw preferenza proċessi ta' riċerka u innovazzjoni fis-settur agrikolu u ta' produzzjoni tal-ikel b'impatt soċjali qawwi, irħas u faċilment trasferibbli, iżda li jipprovdu wkoll il-valorizzazzjoni tal-għarfien tradizzjonali, bħala mezz biex jiġi indirizzat il-fenomeni tal-eżodu tal-imħuħ u l-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-impjegabbiltà, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

1.11 Fil-każ li proġett wieħed jew iżjed ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati b'fondi nazzjonali għaliex tkun għet eżawrita l-allokazzjoni nazzjonali, il-KESE jaqbel li jiġu ffinanzjati bl-appoġġ tal-PRIMA-IS. Dan il-finanzjament, li ma jstax ikun ogħla minn 20 % tal-kontribuzzjoni kollha tal-UE għall-programm PRIMA, għandu jiggarrantixxi t-twertiq ta' proġetti ta' kwalità għolja.

1.12 Il-KESE huwa favur il-parteċipazzjoni ta' entitajiet li jiġu minn pajjiżi tal-UE li mhumiex imsieħba tal-programm PRIMA fil-każ li l-kompetenzi tagħhom mhumiex disponibbli f'pajjiżi li huma msieħba fil-programm PRIMA. F'dak il-każ, l-ammont ta' finanzjament tagħhom ma jstax ikun ogħla minn 50 % fl-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, u jkun jilħaq bejn 35 % u 50 % għall-azzjonijiet ta' innovazzjoni. Dan għandu jippermetti li jitwettqu proġetti ambizzjużi skont il-mod ta' ħsieb tal-UE u jiġu appoġġjati dawk il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu u jinvestu fil-programm PRIMA.

1.13 Il-Kumitat, fid-dawl tad-diffikultajiet kbar li jħabtu wiċċhom magħhom ħafna pajjiżi terzi li diġà qed jieħdu sehem fil-programm Orizzont 2020 biex malajr u b'mod effiċjenti jissodisfaw ir-rekwiżiti formali tal-programm, jitlob li jkun hemm semplifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti, fejn dan huwa possibbli.

2. Introduzzjoni

2.1 Skont in-Nazzjonijiet Uniti, fir-reġjun tal-Mediterran jgħixu 180 miljun ruħ "fqar fir-riżorsi tal-ilma", li jikkorrispondu għal 50 % ta' dawk kollha fid-dinja li huma "fqar fl-ilma"⁽¹⁾. Dan iħalli konsegwenzi serji ħafna fuq in-nutrizzjoni, is-saħħa, il-mezzi tal-ġħajxien, il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri.

2.2 Ir-rapport tal-FAO *Mediterra 2016* juri kif fl-aħħar snin dan il-fenomeni ggrava iżjed minħabba nuqqas ta' stabbiltà politika, it-tibdil fil-klima u żieda qawwija fil-popolazzjoni. Wieħed jista' jżid ma' dawn il-fatturi "il-ħela triplu", jiġifieri użu ħażin tar-riżorsi naturali, mill-ħela tal-ikel għall-ġħajbien gradwali tal-ġħarfien tradizzjonali⁽²⁾.

2.3 Il-problemi tal-iskarsezza tar-riżorsi tal-ilma u tal-produzzjoni tal-ikel aċċessibbli u sostenibbli huma fost il-kawżi prinċipali tal-mewġa migratorja li qed tilħaq l-Ewropa. Jekk dawn il-fenomeni ma jiġux solvuti fejn joriġinaw, se jkun impossibbli li niffaċċjaw il-konsegwenzi, kemm fi żmien qasir kif ukoll fuq medda twila ta' żmien.

⁽¹⁾ UNEP/Map-Plan Bleu, *State of the Environment and Development in the Mediterranean*, Aten, 2009. Fil-baċir tal-Mediterran hemm disponibbli biss madwar 3 % tar-riżorsi tal-ilma kollha fid-dinja. Skont in-Nazzjonijiet Uniti, kull persuna għandha bżonn tal-inqas 1 700 m³ ilma fis-sena biex tgħix b'dinjità. Fil-baċir tal-Mediterran, fejn jgħixu 460 miljun persuna, 180 miljun huma meqjusa bħala "fqar fl-ilma" billi għandhom inqas minn 1 000 m³ ilma r-ras/fis-sena, u minn dawn 80 miljun ma jilħqux 500 m³, li jfisser li jinsabu f'sitwazzjoni ta' faqar estrem f'dak li jirrigwarda r-riżorsi tal-ilma.

⁽²⁾ CIHEAM/FAO. *Mediterra 2016. Zero Waste in the Mediterranean. Natural Resources, Food and Knowledge*, Paris, Presses de Sciences Po, 2016.

2.4 L-investimenti fir-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Istati Membri fiż-żona tal-Mediterran f'dak li jirrigwarda l-forniment tal-ilma u l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel qatt ma kienu biżżejjed biex jindirizzaw il-bżonnijiet u għali kienu limitati għal tipi ta' kooperazzjoni regolata minn ftehimiet bilaterali u għalhekk frammentata.

2.5 L-idea ta' Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) bdiet waqt il-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni f'Barcellona fl-2012. L-għan huwa li tissaħħa il-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja fir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala parti mill-oġettivi usa' tal-politika esterna tal-Unjoni fir-rigward tal-Viċinat tan-Nofsinhar ⁽³⁾.

2.6 Il-Kummissjoni Ewropea abbozzat valutazzjoni tal-impatt dettaljata ⁽⁴⁾ u proposta għal parteċipazzjoni fil-programm ⁽⁵⁾, li hija analizzata fl-Opinjoni msemmija hawn fuq, wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Kompetittività" fil-5 ta' Diċembru 2014 u wara proposta formali mressqa f'Diċembru tal-istess sena mill-Istati Membri u pajjiżi terzi tal-baċir Mediterranju ⁽⁶⁾.

3. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-parteeipazzjoni fil-programm PRIMA għandha bħala bażi legali l-Artikolu 185 tat-TFUE. Dan l-istrument jippermetti lill-Unjoni, fl-implimentazzjoni tal-programm qafas pluriennali, li tipparteċipa fi programmi tar-riċerka u l-iżvilupp imħaddma minn bosta Stati Membri, bi ftehim mal-Istati Membri kkonċernati, inkluż l-involvement fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' daww il-programmi.

3.2 Il-programm itul għaxar snin, u se jtnieda b'mod konġunt f'14-il pajjiż:

— 9 Stati Membri tal-UE: Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka u Spanja;

— 2 pajjiżi terzi assoċjati mal-Orizzont 2020: l-Iżrael u t-Tuneżija;

— 3 pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Orizzont 2020: l-Eġittu, il-Libanu u l-Marokk.

3.2.1 Il-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Orizzont 2020 se tiddependi minn ftehim internazzjonali mal-UE sabiex tiġi estiża s-sistema legali tal-PRIMA.

3.3 L-oġettiv tal-PRIMA huwa li jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi komuni għall-provvista tal-ilma u għas-sistemi tal-ikel li r-reġjun tal-Mediterran jeħtieġ b'mod urġenti. Dawn is-soluzzjonijiet ser jagħmlu s-sistemi ta' aċċess għall-ilma u l-ikel aktar sikuri, effikaċi, effiċjenti u sostenibbli f'termini ambjentali u ta' spejjeż.

3.4 Il-programm PRIMA se jiġi inkorporat f'qafas usa' u akbar ta' azzjonijiet ta' livell għoli u se jintegra inizjattivi Ewropej oħra differenti mir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dawn jinkludu:

— Id-diplomazija permezz tax-xjenza

— Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)

— Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

— Il-migrazzjoni

— Diplomazija Ewropea dwar il-klima wara l-COP21.

⁽³⁾ COM(2016) 385. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija għdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni.

⁽⁴⁾ SWD(2016) 332 final.

⁽⁵⁾ COM(2016) 662 final.

⁽⁶⁾ Din il-proposta saret f'19-il pajjiż.

3.5 Il-programm PRIMA, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni ⁽⁷⁾, għandu l-għan li jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni billi juża l-politiki kollha disponibbli tal-UE ⁽⁸⁾, permezz ta' mekkaniżmu ta' sħubija kuntrattwali.

3.6 Fir-rigward tas-sussidjarjetà, il-PRIMA huwa strutturat bħala programm konġunt ibbażat fuq u magħmul minn programmi nazzjonali mħaddma u attivitajiet imwettqa mill-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi assoċjati, bl-appoġġ u l-parteeipazzjoni tal-UE. L-approċċ multilaterali u multisettorjali, flimkien ma' investiment importanti f'termini ta' riżorsi, għandu jagħmilha possibbli li jintlaħqu l-oġġettivi tekniċi kif ukoll politiki fuq perjodu ta' żmien medju u twil li s'issa l-Istati Membri ma rnexxilhomx jiksbu waħedhom.

3.7 F'dak li jirrigwarda l-proporzjonalità, l-Unjoni se tipparteċipa fil-programm PRIMA fl-ambitu tal-kompetenzi previsti skont it-TFUE u se tkun limitata għall-għajnuna u l-appoġġ biss, inkluż finanzjarjament, lejn it-tweqqif tal-oġġettivi tal-PRIMA mill-istati parteċipanti. L-istati parteċipanti se jkollhom jaħdmu flimkien biex jikkoordinaw, jallinjaw u jintegraw aħjar il-programmi jew l-attivitajiet nazzjonali rilevanti, u finalment jiżviluppaw aġenda strateġika tar-riċerka komuni fit-tul.

3.8 L-Unjoni se ttiprovdi appoġġ finanzjarju billi tqabbel l-investimenti nazzjonali. Il-kontribuzzjoni tal-UE għandha tkun sa massimu ta' EUR 200 miljun, inkluża l-kontribuzzjoni tal-EFTA. Il-kontribuzzjoni se tkun disponibbli permezz tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020. Dan l-impenn ser ikopri s-seba' snin ta' ħidma annwali matul il-perjodu 2018-2024.

3.9 Il-kontribuzzjoni massima tal-UE ma tistax taqbeż l-ammont allokat mill-Istati promoturi. Barra minn hekk, fil-każ li ma jkun hemm l-ebda kontribuzzjoni jew kontribuzzjoni mnaqqsa mill-Istati parteċipanti tal-programm PRIMA, il-Kummissjoni tista' tnaqqas proporzjonalment il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE.

3.10 Il-Kummissjoni tipprevedi li għall-implimentazzjoni tal-programm fuq perjodu ta' għaxar snin huwa neċessarju li jitfassal programm strateġiku ta' riċerka komplet u jkun implimentat bis-sħiħ permezz ta' sensiela ta' sejħiet biex jiġu ppreżentati proposti transnazzjonali, imwettqa minn bosta Stati parteċipanti u implimentati permezz ta' struttura ddedikata ta' implimentazzjoni. Il-kontribuzzjoni tal-UE se tiġi ġestita fil-biċċa l-kbira mill-istruttura ta' implimentazzjoni primarja tal-PRIMA, imsejħa PRIMA-IS.

3.11 Il-Kummissjoni tistenna li l-pjani ta' ħidma annwali se jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-PRIMA u se jkunu orjentati lejn il-ksib tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti f'dan il-programm. Il-programm ta' ħidma annwali, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni se jinkludi:

— sejħiet għal proposti transnazzjonali li għandhom jiġu ffinanzjati mill-PRIMA-IS bil-kontribuzzjoni tal-UE, skont ir-regoli tal-Orizzont 2020;

— attivitajiet iffinanzjati biss mill-Istati parteċipanti, u jgħoddu biex jintlaħaq ekwilibriju mal-kontribuzzjoni tal-UE.

Dawn l-attivitajiet se jiġu evalwati minn kumitat ta' esperti esterni qabel ma jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali.

3.12 Ir-rapport annwali tal-PRIMA-IS se jkopri ż-żewġ tipi ta' azzjoni u se jkun strumentali biex isiru l-emendi u l-bidliet, inkluż f'termini ta' impenn finanzjarju wara deċiżjoni mill-Kummissjoni, fejn meħtieġ. Barra minn hekk, il-programm PRIMA se jkun soġġett għal evalwazzjoni intermedja fl-2022 u evalwazzjoni finali fl-2028.

⁽⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

⁽⁸⁾ L-edukazzjoni, ir-riċerka, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-ambjent, l-agrikoltura.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Għandu jiġi kkunsidrat li:

- Il-KESE kemm-il darba ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-ilma⁽⁹⁾ u s-sostenibilità fil-katina tal-produzzjoni agrikola u tal-ikel⁽¹⁰⁾ għandhom jirrappreżentaw temi ewlenin fil-politiki Ewropej tal-preżent u tal-futur.
- Il-Kumitat wissa wkoll li l-kriżi tal-ilma u tal-ikel fil-pajjiżi tar-reġjun tal-Mediterran⁽¹¹⁾ hija, flimkien mal-gwerer u n-nuqqas ta' ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem, waħda mill-kawżi ewlenin tal-mewġa migratorja li qed tolgot l-Ewropa.
- Il-KESE diversi drabi tenna l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u l-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), sabiex l-*isfidi komuni*⁽¹²⁾ jiġu ttrattati b'mod aktar effettiv skont il-loġika ta' *kożvilupp*⁽¹³⁾.
- Il-Kumitat irrakkomanda diversi drabi azzjonijiet deċiżivi u determinati biex il-problemi jiġu indirizzati u riżolti fil post tal-orijini tal-kriżi politika, ekonomika, soċjali u umanitarja fiż-żona tal-Mediterran⁽¹⁴⁾.

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-programm PRIMA bil-kundizzjoni li jiġi żviluppat skont approċċ verament olistiku⁽¹⁵⁾, f'diversi livelli⁽¹⁶⁾, u transettorjali⁽¹⁷⁾, li huma kundizzjonijiet essenzjali biex jirnexxi b'mod li jinkludi l-kisba ta' standards konkreti u li jitkejlu f'termini ta' sostenibilità⁽¹⁸⁾, reżiljenza, il-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

4.2 Il-Kumitat jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni, appoġġjata mill-gvernijiet nazzjonali, ir-reġjuni, l-awtoritajiet lokali, l-universitajiet, is-soċjetà ċivili organizzata u l-partijiet interessati kollha⁽¹⁹⁾, li l-programm PRIMA jkun imsejjes fuq l-Artikolu 185 tat-TFUE biex tiġi żgurata l-ikbar integrazzjoni possibbli fil-livell xjentifiku, ġestjonarju u finanzjarju u bl-involvement tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

4.3 Il-Kumitat jemmen li l-programm PRIMA jista' jirrappreżenta inizjattiva importanti kif ukoll mudell eċċellenti biex tingħeleb il-loġika tal-ftehimiet ta' sħubija bilaterali li s'issa, flimkien mal-iskarsezza ta' fondi, fixklu l-indirizzar b'mod koerenti ta' wħud mill-kwistjonijiet prinċipali li qed tiffaċċja ż-żona tal-Mediterran, fi ħdan l-ambitu usa' tal-*Istrateġija Makroreġjonali għall-Mediterran*⁽²⁰⁾.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 44, 15.2.2013, p. 147; ĠU C 12, 15.1.2015, p. 33).

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 64).

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 347, 18.12.2010, p. 41).

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE (ĠU C 383, 17.11.2015, p. 91).

⁽¹³⁾ Riżoluzzjoni dwar il-kontribut tal-KESE għall-programm ta' ħidma 2017 tal-Kummissjoni Ewropea, 2016. Punt 9.4 "L-*evalwazzjoni tal-PEV għandha tkun prijorità. Ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran m'għandhomx jiffokaw fuq approċċ difensiv ibbażat fuq aspetti ta' sigurtà jew il-kriżi tar-refuġjati, iżda pjuttost isiru politika reali ta' kożvilupp bejn imsieħba indaqs.*"

⁽¹⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta l-iżjed reċenti tal-Kummissjoni li '[tindirizza] d-dimensjoni esterna tal-kriżi tar-refuġjati' (...). Jidher li din il-proposta tirrikonoxxi li l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni huwa usa' mill-affarijiet interni u s-sigurtà, iżda huwa marbut ma' oqsma oħra ta' politika bħalma huma l-kummerċ, l-iżvilupp, il-politika barranija u l-integrazzjoni. Dan huwa konformi mal-prinċipju tal-koerenza fil-politika f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni tal-UE fl-iżvilupp internazzjonali." (ĠU C 71, 24.2.2016, p. 75, Punt 1.7).

⁽¹⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-iżvilupp ta' strateġija makroreġjonali fil-Mediterran* (ĠU C 44, 15.2.2013, p. 1, Punt 1.4).

⁽¹⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-iżvilupp ta' strateġija makroreġjonali fil-Mediterran*: "Il-KESE jqis li minkejja s-sitwazzjoni estremament fraġli (...), li qed tiddomina r-reġjun Mediterranju, issa nħolqu l-kundizzjonijiet sabiex jitnieda djalogu f'diversi livelli bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-pajjiżi li jipparteċipaw fis-sħubija Ewro-Mediterranja, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili biex tinholq strateġija makroreġjonali fil-Mediterran, maqsuma f'żewġ partijiet, li tkopri l-ħtiġijiet tar-reġjun billi ssaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tiegħu." (ĠU C 44, 15.2.2013, p. 1, Punt 1.1).

⁽¹⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Il-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u l-politika Ewropea tal-viċinat: il-każ Ewro-Mediterranju* (ĠU C 376, 22.12.2011, p. 1, Punti 1.3, 1.10 u 1.11). Opinjoni tal-KESE dwar *Id-dimensjoni esterna tal-politika tal-enerġija tal-UE* (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 28, Punti 1.1, 1.2.3 u 1.3). Opinjoni tal-KESE dwar *L-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran* (ĠU C 43, 15.2.2012, p. 56).

⁽¹⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-obiettivi għal wara l-2015 fir-reġjun Ewro-Mediterranju* (ĠU C 383, 17.11.2015, p. 44).

⁽¹⁹⁾ Valutazzjoni tal-impatt PRIMA – Avveniment tal-partijiet interessati. Malta, 17 ta' April 2016.

⁽²⁰⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Lejn strateġija makroreġjonali tal-UE għall-iżvilupp tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fil-Mediterran* (ĠU C 170, 5.6.2014, p. 1).

4.4 Il-KESE jaqbel mal-prinċipju li l-finanzjament tal-Unjoni għall-programm PRIMA għandu jkun ekwivalenti għal dak nazzjonali u, f'każ ta' nuqqas ta' pagament jew ta' kontribuzzjoni differita mill-Istati promoturi, ikun hemm il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonali l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE.

4.5 Il-Kumitat jemmen li l-PRIMA-IS huwa struttura ta' implimentazzjoni essenzjali u kruċjali għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programm PRIMA u l-fondi Ewropej allokati lilu, u għalhekk huwa jitlob li jkun ikkaratterizzat minn governanza miftuħa.

4.6 Il-KESE jemmen li l-programm Orizzont 2020 huwa l-istrument l-aktar adatt għat-tqassim ta' fondi, kif ukoll jappoġġja l-għażla tal-inklużjoni mill-ġdid ta' ħafna mill-attivitajiet previsti mill-programm PRIMA fost l-hekk imsejħa "Sfidi tas-soċjetà", minħabba l-għamla globali u transnazzjonali tagħhom ⁽²¹⁾.

4.6.1 Il-Kumitat jinnota li s'issa ħafna pajjiżi terzi li diġà jipparteċipaw fl-Orizzont 2020 qed jirrapportaw diffikultajiet kbar biex jissodisfaw b'ħeffa u b'mod effettiv ir-rekwiżiti formali tal-programm. Il-KESE, għaldaqstant, jitlob semplifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti fejn dan ikun possibbli, sabiex tiġi ffaċilitata l-parteeċipazzjoni u jiġu massimizzati r-riżultati.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-Kumitat jinnota li mhux l-Istati Mediterranji kollha huma involuti f'dan il-proċess. Fil-prinċipju, kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew pajjiż terz għandu jkun jista' jieħu sehem fl-inizjattiva PRIMA bil-kundizzjoni li jikkontribwixxi għall-finanzjament tiegħu. Madankollu, il-KESE jinnota li ser tkun l-Assemblea Ġenerali tal-PRIMA-IS, fejn jiltaqgħu rappreżentanti tal-gvernijiet nazzjonali, li għandha tapprova b'mod unanimu d-dħul ta' pajjiżi terzi ġodda ⁽²²⁾. F'konformità mal-kundizzjonijiet ta' politika u soċjali tal-pajjiż terz kandidat, il-Kumitat jirakkomanda li l-UE jkollha approċċ aktar inklużiv u li tevita l-mekkaniżmu ta' votazzjoni unanima, billi jista' jiġi trasformat f'veto min-naħa ta' xi Stati lejn Stati oħrajn. Għandu jiġi sostitwit b'maġġoranza kwalifikata. Huwa rrakkomandat ukoll li fl-attivitajiet li għandhom jitwettqu fl-implimentazzjoni tal-Programm, jiġu ttrattati firxa wiesgħa ta' livelli teknoloġiċi (TRL) sabiex jiġu koperti l-istadji kollha tal-produzzjoni xjentifika.

5.2 Il-KESE jirakkomanda li l-programm ikun trasversali mal-linji ta' politika u inizjattivi oħra tal-UE li diġà huma fis-seħħ jew li għad iridu jiġu implimentati sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom ta' impatt. Il-Kumitat, b'mod partikolari, jara l-bżonn li l-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari jiġi indirizzat b'mod koerenti ⁽²³⁾. Dan il-fattur ser ikollu rwol kruċjali għall-użu sostenibbli tal-ilma u għall-produzzjoni tal-ikel u l-agrikoltura sostenibbli (pereżempju l-isfruttar tal-ħamrija u l-fertilizzanti ⁽²⁴⁾).

5.2.1 Il-Kumitat iqis li l-inizjattiva PRIMA ttenni l-uġġenza ta' direttiva qafas dwar il-ħamrija ⁽²⁵⁾, li tieħu kont tad-diversità bejn id-diversi pajjiżi tal-UE, li huwa essenzjali sabiex il-ħidma fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni tkun iffokata bl-aħjar mod.

5.3 Il-KESE jirakkomanda approċċ f'diversi livelli li jipprevedi l-parteeċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili organizzata. Dan jista' jkollu rwol ċentrali mhux biss biex jinkisbu l-oġġettivi speċifiċi u għat-tixrid tagħhom, iżda wkoll biex jintlaħqu daww aktar ġenerali tad-demokratizzazzjoni u t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'numru ta' pajjiżi terzi ⁽²⁶⁾. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jittama li jkun hemm il-parteeċipazzjoni diretta tas-soċjetà ċivili organizzata fil-forma ta' kumitat konsultattiv, anke fi ħdan il-PRIMA-IS sabiex issaħħaħ il-governanza u sabiex tgħin biex tidentifika u timmonitorja b'mod konġunt l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-programm ⁽²⁷⁾.

5.4 Fil-każ li proġett wieħed jew iżjed ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati b'fondi nazzjonali permezz ta' aġenziji nazzjonali ta' finanzjament għaliex tkun ġiet eżawrita l-allokazzjoni nazzjonali, il-Kumitat jipproponi li dawn il-proġetti jiġu ffinanzjati bl-appoġġ tal-PRIMA-IS. Dan il-finanzjament tal-UE ma jistax ikun ogħla minn 20 % tal-kontribuzzjoni kollha tal-UE u jekk il-fond addizzjonali ma jkunx biżżejjed, jintgħażel il-proġett li jmiss fil-klassifika. Din il-miżura se tkun ta' importanza fundamentali sabiex jinżamm għoli l-livell tal-kwalità tal-proġetti mwettqa.

⁽²¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) u s-Shubbijiet Pubbliċi-Privati (PPPs)* (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 24).

⁽²²⁾ COM (2016) 662 final. Artikolu 12.2.

⁽²³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari* (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98).

⁽²⁴⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-Ekonomija Ċirkolari — fertilizzanti* (ĠU C 389, 21.10.2016, p. 80).

⁽²⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Strateġija Tematika għall-protezzjoni tal-ħamrija* (ĠU C 168, 20.7.2007, p. 29). Opinjoni tal-KESE dwar *L-Ekonomija Ċirkolari — fertilizzanti* (ĠU C 389, 21.10.2016, p. 80, punti 1.4 u 3.6).

⁽²⁶⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Soċjetajiet ċivili fir-reġjun Ewro-Mediterranju* (ĠU C 376, 22.12.2011, p. 32).

⁽²⁷⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *Il-governanza tal-istrateġiji makroreġjonali* (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 64).

5.5 Il-KESE huwa favur il-possibilità li l-entitajiet li jiġu minn pajjiżi tal-UE li mhumiex imsieħba tal-programm PRIMA jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal finanzjament fil-każi li l-kompetenzi tagħhom mhumiex disponibbli f'pajjiżi li huma msieħba fil-programm PRIMA. F'dak il-każ, l-ammont ta' finanzjament tagħhom għandu jkun limitat għal 50 % tal-ispejjeż disponibbli għall-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, u bejn 35 % u 50 % tal-ispejjeż disponibbli għall-azzjonijiet ta' innovazzjoni. Dan huwa adatt sabiex jinżamm livell għoli għall-proġetti mwettqa skont il-mod ta' ħsieb tal-UE u fl-istess waqt jiġu appoġġjati dawk il-pajjiżi li jixtiequ jissiehu u jiffinanzjaw il-programm PRIMA.

5.6 Il-KESE jtenni l-hteġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-ilma b'mod globali, filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali, u filwaqt li jiġi kkunsidrat iċ-ċiklu kollu tal-ilma, inkluż fażijiet artifiċjali li huma possibbli permezz ta' teknoloġiji ġodda, fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli. Fil-fatt, jeħtieġ li niżviluppaw approċċ aktar ġust tal-estrazzjoni tal-ilma li jwieġeb għall-esiġenzi u għall-kompetizzjoni bejn is-setturi ekonomiċi u tal-enerġija, kif ukoll għall-hteġa li jiġu ppreservati l-ekosistemi tal-ilma ħelu u għall-bżonn li jiġi garantit dritt fundamentali taċ-ċittadini⁽²⁸⁾.

5.7 Il-KESE jirrimarka li waħda mill-problemi ewlenin fiż-żona tal-Mediterran, b'mod partikolari fin-naħa tal-Afrika, hija t-telf ta' tekniki sostenibbli ta' biedja tradizzjonali marbut mal-"eżodu ta' mħuħ" (b'mod partikolari ż-żgħażaġh). Il-Kumitat jirrakkomanda li, fil-kuntest tal-istudji u r-riċerka li għandhom valur miżjud għoli fil-qafas tal-programm Orizzont 2020, naħsbu dwar proċessi b'impatt soċjali qawwi, karatterizzati minn vijabbiltà ekonomika u li jkunu faċilment trasferibbli, sabiex dan l-għarfien jiġi sfruttat u jitrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-impjegabbiltà.

Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽²⁸⁾ Opinjoni tal-KESE dwar *L-integrazzjoni tal-politika tal-ilma fil-politiki Ewropej l-oħra* (ĠU C 248, 25.8.2011, p. 43, punt 1.13).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT